**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Mejju 2019**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 56/18 JZM**

**Benjamin Testa (KI 489852M) ; Joyce Vella James (KI 793339M) ; Alfred Testa (K.I. 106154M) ; Jason Attard (KI 87773M) ; Alfred Attard (KI 43970M) ; Marika Sant (KI 87873M) ; Emanuela sive Lina Gherxi (KI 710343M) ; Carmelo sive Charles Testa (KI 629146M)**

***kontra***

**L-Avukat Generali**

***u***

**Spiridiona Zammit (K.I. 1033346M)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fis-<u>17 ta` Mejju 2018</u> li jaqra hekk :–

*1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond bin-numru 223, Madonna ta` Pinu, F.S. Caruana Street (gja Anglu Mallia Junction), Birkirkara li missier l-esponenti l-mejjet Alfred Testa bhala l-antekawza tar-rikorrenti kien ikkonceda b`titolu ta` enfitewsi temporanja ghal-perjodu ta` 17 il-sena dekorribbli mis-17 ta` Novembru 1966 lill-mejjet George Zammit, li kien zewg l-intimata Spiridiona Zammit, bic-cens annwu u temporanju ta` Lm50 fis–sena li kienu jithallsu bit-tlett xhur bil-quddiem, u dan skond kuntratt tas-17 ta` Novembru 1966 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Sammut li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "**Dokument A**".*

*2. Illi din il-koncessjoni enfitewtika temporanja tas-17 ta` Novembru 1966 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Sammut, Dokument A hawn anness, kellha tiskadi fis-16 ta` Novembru 1983.*

*3. Illi ai termini tal-kuntratt fuq imsemmi Dokument A, fit-terminazzjoni tal-enfitewsi l-fond kellu jigi rilaxxjat mill-enfitewta u zgumbrat minn kull inkwilin.*

*4. Illi dan il-fond ma kienx fond dekontrollat kif jirrizulta mid-"**Dokument B**" hawn anness.*

*5. Illi minkejja li din il-koncessjoni enfitewtika temporanja skadiet fis-16 ta` Novembru 1983, l-intimata Spiridiona u l-mejjet zewgha George Zammit baqghu jirrisjedu fil-fond in kwistjoni stante li kienu cittadini Maltin u din kienet ir-residenza ordinarja taghhom, u din il-fakolta` inghatat lilhom bl-Att XXIII tal-1979 taht titolu ta` kera b`zieda fil-kera skond ir-rata ta` l-inflazzjoni li ma setghet qatt teccedi d-doppju.*

*6. Illi l-konjugi Zammit kienu jhallsu ghalhekk kera ta` Lm100 fis-sena, u dan sas-16 ta` Novembru 1998 meta l-kera kellha terga` tizdied ghal Lm135.63c fis-sena u terga tizdied fis-16 ta` Novembru 2013 ghal Lm191.86c, ekwivalenti ghal €446.91c, u ai termini tal-Att X tal-2009 u mis-16 ta` Marzu 2016 kellha terga` tizdied ghal €456.13c fis-sena u tibqa` hekk tizdied kull tlett snin skond l-gholi tal-hajja.*

*7. Illi effettivament ir-rikorrenti qed jircievu biss €232 fis-sena minghand l-intimata Spiridiona Zammit li qed tirrifjuta li taghtihom l-awmenti dovuti lilhom skond il-ligi kif fuq spjegat u minflok qed tiddeposita l-kera fir-Registru tal-Qorti.*

*8. Illi l-antekawza tar-rikorrenti ossia l-konjugi Alfred u Carmela Testa mietu testati u l-wirt taghhom iddevolva fuq uliedhom Joyce Vella James, Emanuela Ghirxi, Carmelo Testa, Benjamin Testa u Alfred Testa, kif ukoll fuq ulied binthom mejta Helen Attard, ossia Jason Attard, Alfred Attard u Marica Sant, lkoll rikorrenti f`din il-kawza.*

*9. Illi l-wirt tal-mejjet Alfred Testa gie dikjarat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta` denunzja stante li l-mewt sehhet qabel l-1992, waqt li l-wirt tal-mejta Carmela Testa gie dikjarat permezz ta` dikjarazzjoni `causa mortis` tat-23 ta` Jannar 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono, li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument C".*

*10. Illi effettivament qabel ma dahal fis-sehh l-Att XXIII ta` l-1979, gjaladarba l-fond ma kienx fond dekontrollat, kien soggett ghar-rekwizizzjoni u l-fair rent u ghalhekk il-konsulent legali tal-antekawza tar-rikorrent kien ta parir lil missier ir-rikorrent biex jaghtu b`koncessjoni emfitewtika temporanja l-fond imsemmi lill-intimata Zammit u l-mejjet zewgha ghax b`hekk id-disposizzjonijiet tar-`Rent Restrictions (Dwelling Houses) Ordinance 1944 ma jkunux japplikaw.*

*11. Illi kieku l-antekawza tar-rikorrenti kera l-fond lill-intimata Zammit u l-mejjet zewgha, kien japplika l-fair rent li ma kien fair rent xejn il-kumpens li*

*huwa seta` jircievi bhala kera kien dak kif stabbilit fl-4 ta` Awissu 1914 oltre li l-fond in kwistjoni kien ikun soggett ghar-rekwizizzjoni.*

*12. Illi l-antekawza tar-rikorrenti Alfred Testa ried jipprotegi l-proprjeta` tieghu sabiex fit-terminazzjoni tal-koncessjoni emfitewtika temporanja jerga jiehu lura hwejjgu minghajr okkupazzjoni.*

*13. Illi bid-dhul fis-sehh ta` l-Att XXIII ta` l-1979, din is-sitwazzjoni tbiddlet radikalment u l-intimati gew moghtija d-dritt li jibqghu jghixu fil-fond b`kera irrizorja li ma tirriflettix is-suq u l-anqas izzomm bilanc bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin u dan stante li l-intimata Zammit u l-mejjet zewgha kienu cittadini Maltin u kienu juzaw il-fond bhala residenza ordinarja taghhomm, bl-unika awment permessibbli fil-kera jkun dak skond ir-rata ta` inflazzjoni kif determinata mill-Awtoritajiet Governattivi.*

*14. Illi ghalhekk effettivament ir-rikorrenti u l-antekawza minnhom gew spossessatat mid-dritt ta` uzu tal-proprjeta` taghhom, wara li skada t-terminu lokatizju u ghalhekk gew assoggettat ghal relazzjoni forzata ta` sid u inkwilin ghal perijodu indefinit u ntilef il-bilanc bejn l-interessi ta` l-inkwilini u dawk tas-sidien, minkejja l-ftehim ta` koncessjoni emfitewtika temporanja, Dokument A.*

*15. Illi b`dan il-mod, ir-rikorrenti gew mcahhda mit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom, minghajr ma gie moghti lilhom kumpens xieraq ghat-tehid tal-pussess ta` l-istess fond, minkejja l-kuntratti ta` koncessjoni emfitewtika temporanja miftehma bejn l-antekawza tar-rikorrenti u l-intimata Zammit u dan qabel id-dhul in vigore tal-Att XXIII ta` l-1979 u infatti l-unika awment possibbli kien li tithallas iz-zieda fil-kera skont ir-rata ta` l-inflazzjoni pero` qatt iktar mid-dopju tal-kera wara l-gheluq tal-perijodu emfitewtiku temporanju .*

*16. Illi fil-fatt, il-valur lokatizzju ta` l-istess fond, dak iz-zmien ossija fis-17 ta` Novembru 1990 u kull 15 il-sena sussegwenti kien ferm oghla minn dak moghti lilhom bl-Att XXIII ta` l-1979 li jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*17. Illi minhabba l-impossibilita` tar-rikorrenti biex jiehdu lura l-pussess tal-fond ossia li jergghu jiehdu lura l-fond proprjeta` taghhom id-disposizzjonijiet*

*ta` l-Att XXIII qieghed jilledi d-drittijiet taghhom ta` proprjeta`, kif protetti mill-Kostituzzjoni ta` Malta u mill-Konvenzjoni Ewropeja.*

*18. Illi huwa ghalhekk huma u l-antekawza minnhom gew pprivati mill-proprjeta` taghhom stante illi skond il-principji stabbiliti mill-Konvenzjoni Ewropeja, l-principju tal-legalita` jippresupponi illi l-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-ligi domestika, ghandhom ikunu sufficjentement accessibli, precizi u li wiehed ghandu jistenna fi stat demokratiku fl-applikazzjoni taghhom – vide **Broniowski vs. Poland (GC)** no. 31443/96, 147, ECHR 2004-V and **Saliba vs. Malta**, no. 4251/02, 31, 8 November, 2005 u **Amato Gauci vs. Malta** – Applikazzjoni Nru. 47045/06 deciza fl-15 ta` Settembru, 2009.*

*19. Illi fic-cirkostanzi, meta l-antekawza tar-rikorrenti ftiehem fuq koncessjoni emfitewtika temporanja ta` fond mhux dekontrollat, huwa qatt ma kellu jippretendi illi b`legislazzjoni ta` l-Att XXIII ta` l-1979, il-Gvern ta` Malta kellu jghaddi Ligi li juzurpalu id-dritt tieghu ta` liberu trasferiment ta` proprjeta` mhux skond il-ftehim raggunt u jaghti dritt ghar-renova tal-lokazzjoni lill-inkwilini mhux taht kondizzjonijiet gusti billi jimponilu li jircievi kera irrizorja mhux skond is-suq u li ma tirriflettix il-valur lokatizju tal-fond, liema ligi ghalhekk ma krejatx bilanc tar-rekwizit tal-principju ta` proporzjonalita.*

*20. Illi principju massimu li ghandu jigi segwit, hu li l-individwu m`ghandux jigi assoggettat ghal legislazzjoni li huwa ma setax jipprevedi li ggib toqol u telf ezagerat ukoll fil-kumpens li ghandu jircievi ghat-tehid effettiv tal-proprjeta` tieghu kif gara f`dan il-kaz. – vide **Sporrong and Lonroth vs. Sweden** (1982), 69-74 u **Brumarescu vs. Romania** (GC) no. 28342/95, 78, ECHR 1999-VII u **Spadea and Scalabrino vs. Italy**, deciza fit-28 ta` Settembru, 1995, 33, Series A no. 315 – B u **Immobiliare Saffi vs. Italy** (GC) no. 22774/93, 54, ECHR 1999-V and Broniowski - 151)*

*21. Illi konsegwentement a tenur ta` l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja, gialadarba kien hemm ksur ta` l-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-intimati ghandhom ihallsu kumpens biex ikun hemm sodisfazzjon gust lir-rikorrenti ghal hsara minnu sofferti.*

*22. Illi ghalhekk ir-rikorrenti huma intitolati ghal kumpens minhabba t-telf fil-kontroll, uzu u tgawdija tal-proprjeta` tieghu minn meta huwa ma setax jiehu lura l-proprjeta` tieghu minhabba l-legislazzjoni intavolata bl-Att XXIII ta` l-1979 u dan mill-31 ta` Lulju, 1990 – Vide Kingsley vs. The United Kingdom (GC) no. 35605/97, 40, ECHR 2002-IV; Runkee and White vs. The United Kingdom - Nos. 42949/98 u 53134/99, 52, deciza fl-10 ta` Mejju, 2007; Akkus vs. Turkey – deciza fid-9 ta` Lulju, 1997, Reports 1997-IV, 35; Romanchenko vs. Ukraine – No. 5596/03, 22 ta` Novembru, 2005, 30, unpublished; Prodan vs. Moldova – No. 49806/99, 73, ECHR 2004-III (extracts); Ghigo vs. Malta – No. 31122/05, 20, deciza 17 ta` Lulju, 2008; u Zammit and Attard Cassar vs MALTA deciza fit-30a` Lulju 2015 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*23. Illi barra minn hekk il-Prim Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali fil-kawza* ***"Rose Borg vs Avukat Generali et" deciza fil-25 ta` Frar 2016 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta` Lulju 2016*** *iddecidiet illi f`kaz simili bhal dan meta giet iffirmata koncessjoni emfitewtika temporanja s-sidien ma setghu qatt jipprevedu l-piz eccessiv li kienu ser ikomplu jerfghu mat-trapass ta` kwazi 37 sena. Isegwi ghalhekk illi l-attui rikorrenti ma jistax jigi kkunsidrat illi rrinunzja inkondizzjonatament b`mod indefinit u perpetwu ghad-dritt ta` tgawdija tal-proprjeta` taghhom, b`sagrificcju lejn l-interess generali socjali li fir-realta` tali interess m`ghadux ireggi tul il-milja taz-zmien.*

*24. Illi r-rikorrenti jhossu illi fir-rigward taghhom gie miksur l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, kif ukoll l-Ewwel Artikolu ta` l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentement ghandu jithallas kumpens a tenur ta` l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja (vide* ***Cassar vs MALTA no. 50570/13 deciza mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fit-30 ta` Jannar 2018****), stante illi huma gew ipprivati, minghajr ma nghataw kumpens gust ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom u cioe` tal-fond 223, Madonna ta` Pinu, F.S. Caruana Street, Birkirkara minhabba d-disposizzjonijiet ta` l-Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta` Malta, kif emendat bl-Att XXIII ta` l-1979.*

*25. Illi huma ghandhom jircievu sia danni pekunjarji kif ukoll non pekunjarji f`ammonti sodisfacenti ghat-telf taghhom kif gie deciz fil-kawza* ***"Albert Cassar vs MALTA deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fit-30 ta` Jannar 2018.***

*GHALDAQSTANT ir-rikorrrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jghidu l-intimati ghaliex m`ghandhiex:*

**1.** *Tiddikjara u Tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrent l-operazzjonijiet ta` l-Artikolu 12 partikolarment l-Artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta` Malta kif emendat bl-Att XXIII ta` l-1979, u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti qeghdin jaghtu dritt ta` rilokazzjoni lill-intimata Zammit u jirrenduha impossibli lir-rikorrenti li jirriprendu l-pussess tal-proprjeta` taghhom .*

**2.** *Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeciedi illi qed jigu vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom 223, Madonna ta` Pinu, F.S. Caruana Street, Birkirkara, bi vjolazzjoni ta` l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, u l-Ewwel Artikolu ta` l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta) u b`hekk taghtihom ir-rimedji li jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni inkluz l-izgumbrament tal-intimata mill-fond.*

**3.** *Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-intimati huma responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b`konsegwenza ta` l-operazzjonijiet ta` l-Att XXIII ta` l-1979 li ma kreawx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sid u dak ta` l-inkwilin, stante illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta` in kwistjoni ai termini ta` l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

**4.** *Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini ta` l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

**5.** *Tikkundanna lill-intimati ihallsu l-istess kumpens u danni likwidati ai termini ta` l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali tat-26 ta` April 2018 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata bhala "Dokument D" u bl-ingunzjoni ta` l-intimati ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tad-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali prezentata fil-11 ta` Gunju 2018 li taqra hekk :–

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens illi bit-thaddim tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta` Malta fil-konfront taghhom qed jigu miksura l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan billi huma qed jigu mcahhda mit-tgawdija tal-proprjeta` `223, Madonna ta` Pinu` li tinsab fi Triq F.S. Caruana Birkirkara, minghajr ma qed jinghataw kumpens adegwat;*

*1. Illi in linea preliminari ir-rikorrenti jridu jgibu prova tat-titolu taghhom fuq il-proprjeta` in kwistjoni. F`dan ir-rigward jinghad ukoll illi r-rikorrenti ma jistghux jilmentaw dwar perjodi qabel ma huma kellhom titolu fuq il-proprjeta` in kwistjoni;*

*2. Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-mertu l-esponent jopponi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet li qeghdin jigu avvanzati minghajr pregudizzju ghal xulxin;*

*3. Illi ebda kumpens ma huwa dovut lir-rikorrenti u dan peress illi r-rikorrenti kellhom u ghad ghandhom rimedju ordinarju sabiex jiddisolvu l-kirja u jitolbu l-izgombru tal-intimata mill-fond in kwistjoni jekk l-intimata mhijiex qeghdha thallas il-kera fl-ammonti li titlob il-ligi, hekk kif iddkjaraw ir-rikorrenti. Jekk hu hekk allura jirrizulta illi l-intimata ghadha qeghdha tirrisjedi fil-fond ghax hekk iridu r-rikorrenti u ghaliex l-istess rikorrenti naqsu milli jezercitaw` id-drittijiet taghhom skont il-ligi sabiex jottjenu l-fond lura;*

*4. Illi l-esponent jeccepixxi wkoll l-improponibilita` tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u dan peress illi dan l-artikolu japplika biss f`kaz ta` tehid forzuz tal-proprjeta`. Illi sabiex wiehed ikun jista` jitkellem fuq tehid forzuz jew obbligatorju, persuna trid tigi zvestita minn kull dritt li ghandha fuq dik il-proprjeta`. Pero` certament li fil-kaz odjern tali zvestiment ma jsirx u dan peress illi bit-thaddim tal-artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta` Malta, ir-rikorrenti ma tilfux ghal kollox id-drittijiet kollha fuq il-fond in kwistjoni. Il-mizura msemmija fil-ligi li qed jattakkaw ir-rikorrenti, ghalkemm tinkwadra ruhha taht kontroll ta` uzu, madakollu din certament ma twassalx ghal deprivazzjoni totali tal-proprjeta`. Isegwi ghalhekk li l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u konsegwentement ghandu jigi michud;*

*5. Illi safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirreleva li skont il-proviso tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Istat ghandu kull jedd li jghaddi dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta` skont l-interess generali. Illi hija gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta` Strasburgu li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgha sabiex jidentifika x`inhu mehtieg fl-interess generali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-interess generali;*

*6. Illi tali diskrezzjoni tal-legislatur ma` ghandiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestament minghajr bazi ragjonevoli. Kif spjegat fis-suespost l-esponent jishaq li fil-kaz odjern hemm bazi ragjonevoli li tiggustifika l-promulgazzjoni tal-legislazzjoni li tinsab taht skrutinju fil-kawza odjerna;*

*7. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemm ebda ksur tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u dan peress illi dak li gara fil-kaz odjern huwa li l-Istat tramite l-artikolu 12 irregola sitwazzjoni ta` natura socjali fl-ambitu tal-gid komuni b`dana pero` li baqghu impregudikati d-drittijiet tas-sidien qua proprjetarji tal-fond in kwistjoni;*

*8. Illi fir-rapport tal-Kummissjoni fil-kaz* ***Connie Zammit et vs Malta*** *(applikazzjoni numru 16756/9) tat-12 ta` Jannar 1991 gie osservat illi "the Court has found no violation of the Convention in cases where the State has adopted measures in the field of housing regulations where a more far reaching interference with property rights was involved. Thus in* ***James and others*** *(Eur. Court. H.R., James and Others judgment of 21 February 1986, Series A no. 98) the leaseholders were accorded a statutory right to acquire the property from the owners, while in* ***Mellacher and others*** *Eur. Court. H.R., Mellacher and Others judgment of 19 December 1989, Series A no. 169) the legislation constituted an inducement to the leaseholder not to comply with the terms of a previously validly contracted tenacy agreement".*

*Fil-fehma tal-esponent mizuri socjali implimentati sabiex jipprovdu akkomodazzjoni lill-persuni fil-bzonn certament jaqghu fil-kappa tal-interess generali. Illi l-artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta` Malta huwa mahsub biex jipprotegi persuni milli jigu mkeccija mid-dar ta` abitazzjoni taghhom f`gheluq it-terminu koncess lilhom fil-kuntratt tal-enfitewsi jew sub-enfitewzi u dan taht kondizzjonijiet riveduti li jinkludu l-awment tal-ammont imhallas lis-sid li jizdied ukoll kull tliet snin skont l-gholi tal-hajja. Isegwi li dan l-artikolu ma jistax jigi klassifikat bhala wiehed mhux legittimu jew mhux fl-interess generali;*

*9. Illi stabbilit li l-artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta` Malta ghandu ghanijiet legittimi u huwa fl-interess generali bil-konsegwenza li ma hemm xejn hazin taht il-Konvenzjoni Ewropea, li l-ligi nostrana tiddisponi li fl-gheluq tal-enfitewzi jew sub-enfitewzi l-okkupant li jkun qed juza` l-fond bhala r-residenza tieghu ghandu jithalla fid-dar taht titolu ta` kera. Ifisser b`hekk li safejn ir-rikorrenti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni gudizzjarja li l-ligi tikser il-Konvenzjoni Ewropea u li l-kirja favur Gordon Gauci Maistre ghandha tigi mwaqqfa, tali talbiet mhumiex misthoqqa;*

*10. Illi inoltre dwar l-ilment tal-allegata sproporzjon fil-kera, jigi rilevat li bis-sahha tal-Att X tal-2009 kif emendat bl-Att V tal-2010, senjatament l-artikolu 38(4)(A), il-valur tal-kera beda joghla kull tlett snin skont l-artikolu 1531C tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta) . Fil-kaz tar-rikorrenti, l-ammont tal-kera li hi qeghdha tippercepixxi mhijiex kera daqstant sproporzjonata tenut ukoll kont tal-fatt li*

*f`cirkostanzi bhal dawn, fejn jezisti interess generali legittimu, ma jistax isir paragun mal-valur odjern tal-proprjeta` fis-suq hieles kif pretiz mir-rikorrenti. Dan ukoll peress li l-fond m`huwiex xi wiehed gdid, li l-ispiza biex inbena saret hafna snin ilu u li s-sidien ma kienux legalment obligati li jinvestu fih meta dan kien moghti lill-enfitewta taht titolu ta` cens temporanju. Di piu l-obbligi ta` manutenzjoni da parti tas-sid huma illum ukoll ferm limitati;*

*11. Illi l-Qorti Ewropea stess fil-gurisprudenza taghha fosthom fil-kaz ta` **Amato Gauci v Malta**[1] rrikonoxxiet li "State control over levels of rent falls into a sphere subject to a wide margin of appreciation by the State <u>and its application may often cause significant reductions in the amount of rent chargeable</u>"[2];*

*12. Illi ghalhekk anke jekk fil-kaz odjern jirrizulta li l-kera dovuta lir-rikorrenti hija inferjuri ghall-valur lokatizju fis-suq, dan it-tnaqqis huwa kontro-bilancjat bil-margini wiesgha tal-Istat li jillegisla fil-kuntest ta` mizuri socjali u mill-htiega socjali ta` dawk il-mizuri;*

*13. Illi fl-umli fehma tal-esponent fil-kaz odjern din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex tevalwa din il-ligi fil-kuntest principalment ta` spekulazzjoni tal-proprjeta` imma ghandha tevalwa u tapplika l-ligi fil-qafas aktar wiesgha u cioe` mill-aspett ta` proporzjonalita` fid-dawl tar-realta` ekonomika u socjali tal-pajjiz in generali;*

*14. Illi jsegwi ghalhekk li meta wiehed jizen dan fl-assjem kollu, il-konkluzjoni hija li anke dina l-parti tal-ilment tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta` propozjonalita` ma huwiex gustifikat ghaliex ma hemm ebda ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u kwindi kull talba ghall-kumpens prospettata mir-rikorrenti mhijiex misthoqqa;*

*15. Illi minkejja li f`kazijiet ohra kontra l-Istat Malti fejn saret lanjanza ta` ksur tad-dispozizzjonijiet tal-ewwel artikolu tal-ewwel*

[1] App Nru 47045/06 Deciz 15/09/2009
[2] Enfasi tal-esponent

*protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea bbazata fut it-thaddim tal-artikolu 12 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti Ewropea kienet waslet ghall-konkluzjoni li kien hemm sproporzjonalita` u tqassim mhux xieraq tal-pizijiet u l-beneficcji, jigi rilevat li tali gurisprudenza hija limitata ghall-fattispecie u ghac-cirkostanzi partikolari ta` dawk il-kazijiet. Huwa rilevanti pero` li l-istess Qorti Ewropea rrikonoxxiet principju importanti: "The Court considers that the legislation at issue in the present case pursued a legitimate social policy aim, namely the social protection of tenants"[3];*

*16. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fatt li qed jigi kontestat, l-esponent jirrileva li fic-cirkostanzi tal-kaz, dikjarazzjoni ta` ksur hija sufficjenti u ma hemmx lok ghar-rimedji ohra mitluba mir-rikorrenti;*

*17. Salv eccezzjonijiet ulterjuri*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost jirrizulta li ma hemm ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad il-pretensjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-Avukat Generali.

Rat ir-risposta ta` l-intimata Spiridiona Zammit prezentata fl-<u>20 ta` Gunju 2018</u> li taqra hekk :–

*1. Fl-ewwel lok, is-smigh tal-proceduri odjerni ghandu jigi sospiz pendenti l-ezitu legislattiv tal-abbozz ta` ligi mressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati, u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern nhar il-hdax (11) ta` Mejju elfejn u tmintax (2018), imsejjah "L-att sabiex jemenda l-Ordninanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar, Kap. 158". Dan partikolarment stante l-fatt illi l-ilment tar-rikorrenti f`dawn il-proceduri huwa*

[3] ***Amato Gauci v Malta*** paragrafu 55.

*specifikament indirizzat f`tali abbozz. Hija bis-sospensjoni mitluba biss illi din l-Onorabbli Qorti tista` tassigura illi d-decizjoni taghha (partikolarment, f`dik il-parti li tolqot lill-esponenti) f`dawn il-proceduri ma tkunx wahda li tpoggi lill-esponenti intimati f`xi zvantagg dettat mit-tempistika legislattiva, partikolarment fil-konfront ta` intimati ohra futuri li jkunu fl-istess sitwazzjoni, galadarba l-ligi kif maqbula u / jew emendata tidhol fis-sehh;*

*2. Fit-tieni lok, bi tkomplija tal-ewwel eccezzjoni, l-esponenti tirriserva li ggib l-argumenti taghha dwar kif ir-revizjonijiet legislattivi diskussi prezentement – galadarba jidhol fis-sehh – jaffettwaw il-lanjanzi tar-rikorrenti u n-natura tar-rimedji li huma qeghdin jitolbu tramite l-proceduri odjerni. B`dana ghalhekk illi hija tirriserva li ggib eccezzjonijiet ulterjuri, skont il-kaz;*

*3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma hijiex u qatt ma tista` tkun responsabbli ghal kwalunkwe nuqqas li din l-Onorabbli Qorti tista` ssib fil-legizlamenti li saru tul iz-zmien, u allura, kwalunkwe rimedji moghtija ma ghandhomx ikunu tali li jmorru kontra l-esponenti;*

*4. Fir-raba` lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sitwazzjoni odjerna certament li ma timmeritax l-izgumbrament mitlub – dan anke (izda mhux biss), in vista tal-pronunzjamenti varji moghtija mill-Qorti f`dan ir-rispett;*

*5. Fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe decizjoni li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti, jehtieg dejjem tassigura illi jittiehed kont tan-nuqqas ta' responsabbilta` taghha ghal-lanjanzi mressqa mir-rikorrenti, hekk kif ukoll billi jinzamm il-proporzjon necessarju illi jiehu qies tal-mezzi limitati tal-esponenti, u tal-lezjoni illi tali decizjoni tista` ggib fil-konfront taghha;*

*6. Fil-hames lok, u fi kwalunkwe kaz, huwa ghal kollox kontestat illi r-rikorrenti b`xi mod sofrew xi danni u / jew danni atribwibbli lill-esponenti intimata, inkella illi jisthoqqilha tithallas xi kumpens mill-istess.*

*7. Fis-sitt lok, it-talbiet tar-rikorrenti huma mill-bqija nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-26 ta` Gunju 2018 fejn innominat lill-Perit Stephanie Cassar bhala perit tekniku sabiex tistma l-valur lokatizju tal-fond 223, Madonna Ta` Pinu, Triq F. S. Caruana gia` Anglu Mallia Junction, Birkirkara, mis-16 ta` Novembru 1983 (data tat-terminazzjoni tal-koncessjoni enfitewtika tal-fond) u kull hames snin sas-17 ta` Mejju 2018 (data tal-prezentata tar-rikors odjern).

Rat ir-relazzjoni li pprezentat il-perit tekniku u li kkonfermat bil-gurament taghha fl-udjenza tal-1 ta` Novembru 2018, u semghet lill-perit tekniku twiegeb ghal domandi in eskussjoni fl-istess udjenza.

Rat il-provvediment taghha tat-22 ta' Jannar 2019 fejn laqghet talba tal-intimata Zammit sabiex tipprezenta risposta ulterjuri.

Rat ir-risposta ulterjuri li l-intimata Spiridiona Zammit ipprezentat fit-<u>13 ta' Frar 2019</u> fejn eccepiet ulterjorment illi :

*1. Bl-introduzzjoni tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikorrenti gew moghtija rimedju effettiv li jiggarantilhom it-tgawdija tal-jeddijiet taghhom; in vista ta' dan ir-rimedju ordinarju u alternattiv ghal dak odjern, ir-rikorrenti ma jistghux issa jilmentaw illi l-artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta u l-effetti tieghu huma lezivi tad-drittijiet taghhom ;*

*2. L-effetti tal-introduzzjoni tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta (introdott permezz tal-Att XXVII tal-2018), li issana kull nuqqas li seta` kellha l-ligi qabel dan u holoq il-proporzjonalita` li l-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem insistiet li ghandu jkun hemm ; ghaldaqstant, l-artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta,*

*kif illum kwalifikat bl-artikolu 12B, ma huwiex aktar leziv tal-jeddijiet tar-rikorrenti.*

Semghet u rat il-provi kollha l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Ir-rikorrenti Benjamin Testa**[4] xehed illi hu u r-rikorrenti l-ohra huma l-proprjetarji tal-fond 223, Madonna ta' Pinu, F.S. Caruana Street (gja Anglu Mallia Junction), Birkirkara.

Xehed illi b`kuntratt tas-17 ta' Novembru 1966 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Sammut, missier ir-rikorrenti, Alfred Testa (illum mejjet) ikkonceda lil George Zammit, ir-ragel tal-intimata Zammit, illum mejjet ukoll, il-fond in kwistjoni b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghal perjodu ta' 17 il-sena dekorribbli mid-data tal-kuntratt versu cens annwu u temporanju ta' Lm 50 fis-sena pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem. L-enfitewsi temporanja originali ghalqet fis-16 ta' Novembru 1983. Skont il-kuntratt, mal-iskadenza tal-koncessjoni, il-fond kellu jigi rilaxxjat u zgumbrat. Skont certifikat mahrug mir-Registru Pubbliku, il-fond in kwistjoni qatt ma kien dekontrollat.

Kompla jixhed illi sakemm skada c-cens temporanju, lahaq dahal fis-sehh l-Att XXIII tal-1979. Billi Zammit huma cittadini Maltin u l-fond de quo kien ir-residenza ordinarja taghhom, l-intimati baqghu jirrisjedu

[4] Ara l-affidavit ta' Benjamin Testa esebit bhala Dok. ED1 a fol. 38 sa 42 tal-process.

fil-fond bis-sahha tal-ligi, ghalkemm fis-16 ta' Novembru 1983 skadiet il-koncessjoni enfitewtika. It-titolu taghhom qaleb ghal dak ta` kera b'zieda fil-kera skont ir-rata ta' l-inflazzjoni li ma setghet qatt teccedi d-doppju. Zammit kienu jhallsu kera ta` Lm 100 fis-sena. Sas-16 ta' Novembru 1998 il-kera kellha tizdied ghal Lm 135.63 fis-sena. U kellha terga` tizdied ghal Lm 191.86 fis-16 ta' Novembru 2013. Bis-sahha tal-Att X tal-2009, mis-16 ta' Marzu 2016, il-kera kellha terga` tizdied ghal €456.13 fis-sena u tibqa' tizdied kull tlett snin skont l-gholi tal-hajja.

Stqarr illi l-intimata Zammit thallas biss is-somma ta' €232 fis-sena u qeghda tirrifjuta illi thallas l-awment dovut. Minflok qeghda tiddepozita l-kera fil-qorti.

Xehed ukoll illi qabel dahal fis-sehh l-Att XXIII tal-1979, billi l-fond ma kienx dekontrollat, kien soggett ghar-rekwizizzjoni u l-*fair rent*. Missier ir-rikorrenti kien inghata parir legali illi jaghti l-fond b'koncessjoni enfitewtika temporanja lill-intimata Zammit u zewgha sabiex b'hekk il-fond ma jkunx soggett ghad-dispozizzjonijiet tar-Rent Restrictions (Dwelling Houses) Ordinance tal-1944. Effettivament il-*fair rent* ma kienx gust ghaliex il-kumpens li seta' jigi percepit bhala kera kien dak stabbilit fl-4 ta' Awissu 1914. Dan oltre l-fatt illi l-fond xorta wahda kien ikun soggett ghar-rekwizizzjoni.

Qal illi missierhom ried jipprotegi l-proprjeta` tieghu biex mat-tmien tal-koncessjoni jikseb lura l-proprjeta` hielsa u battala.

Fisser illi s-sitwazzjoni nbidlet bid-dhul fis-sehh tal-Att XXIII tal-1979. L-intimati Zammit inghataw il-jedd illi jibqghu jokkupaw il-fond b' kera baxxa li ma tirriflettix il-valur fis-suq. L-uniku awment fil-kera li kien permess kien skont l-indici tal-inflazzjoni. Dan il-fatt holoq zbilanc kontra s-sidien.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, xehed illi madwar sentejn jew tlieta ilu kienu talbu awment fil-kera. Ir-risposta tal-avukat tal-intimata Zammit kienet illi Zammit kellha l-ligi tkoprieha u ghalhekk ma setax jintalab awment.

**Mir-relazzjoni tal-perit tekniku, Perit Stephanie Cassar**[5] johorgu dawn il-fatti :-

Il-fond jidher li nbena ghal habta tal-1968. Jikkonsisti f'terran fil-livell tat-triq, sottostanti proprjeta` ta` terzi, u jinsab fil-qalba taz-zona residenzjali ta` Birkirkara. Ghandu daqs ta` cirka 82 mk inkluza bitha sterna b`numru ta' kmamar interkonnessi bejniethom. Il-kamra tal-banju u t-tieni kamra tas-sodda ma nbnewx mal-binja originali. Fil-fatt inbnew fil-bitha b`tali mod li l-bitha ckienet u llum ghandha daqs li huwa inqas minn dak illi tirrikjedi l-ligi sanitarja. Permezz ta' skalapiza tal-injam hemm access mill-bitha ghal fuq terrazzin tat-tieni karma tas-sodda li jintuza ghall-inxir tal-hwejjeg. Il-fond jinsab fi stat tajjeb ta` manutensjoni u ma jidhirx illi ghandu problemi strutturali vizibbli.

Sabiex waslet ghall-valur fis-suq tal-fond u ghall-valur lokatizju tieghu, il-perit tekniku qieset l-istat ta` manutensjoni, it-tip ta' fond, id-daqs tieghu u s-sit fejn jinsab. Qieset ukoll *average yield* ta' 4.35% u *annual growth rate* fil-valur tas-suq ta' 6.56% fuq perjodu ta` bejn l-1982 u l-2017. Abbazi ta` dawn il-konsiderazzjonijiet, hija kkonkludiet illi l-valur korrenti tal-fond fis-suq jammonta ghal €105,000 waqt illi l-valur lokatizju tieghu huwa ta' €1,662.18 fis-sena. Bejn l-1983 u l-2017, il-valur tal-fond fuq is-suq u l-valur lokatizzju, kull hames snin kien hekk :

| Sena | Valur tas-Suq | Valur Lokatizzju |
|---|---|---|
| 1983 | €11,360 | €494 |
| 1988 | €15,609 | €679 |
| 1993 | €21,445 | €933 |
| 1998 | €29,465 | €1,282 |
| 2003 | €40,483 | €1,761 |
| 2008 | €55,622 | €2,420 |
| 2013 | €76,422 | €3,324 |
| 2017 | | €1,662.18 |

[5] Ara r-rapport a fol. 65 sa 74 tal-process.

| | | |
|---|---|---|
| 2018 | €105,000 | |

Fir-relazzjoni, il-perit tekniku tosserva illi :-

"*il-valur lokatizzju huwa kkalkulat kull sena, b'zidiet effettivi kull hames snin, li jirrizultaw minn zidiet fil-valur tas-suq"* u *li "l-ahhar kirja kkalkulata fl-2017 tkopri sa Mejju 2018 biss (sitt xhur), u mhux sa Novembru 2018 u ghalhekk hija anqas mis-snin precedenti*".

**Il-perit tekniku wiegbet ghal domandi in eskussjoni.**

Xehdet illi meta rredigiet ir-rapport taghha, hija hadet kont tal-bini kif inhu, tal-kmamar fuq wara li rrizulta huma minghajr permess u nbnew wara li nbniet il-binja originali. Ikkonfermat illi sew jekk tiehu l-binja kif inhi llum u allura b'zewgt ikmamar izjed u b'bitha icken, kif ukoll jekk tiehu l-proprjeta` kif kienet originarjament u allura b'bitha ikbar, il-valur tal-proprjeta` jibqa` l-istess. Fissret illi dan huwa hekk ghaliex fattur jibbilancja iehor.

Mistoqsija jekk ikkostatatx illi saru xi meljoramenti jew tiswijiet mill-inkwilin, irrimarkat li l-inkarigu taghha kien limitat sabiex ikun determinat il-valur lokatizju tal-fond. Kien ghalhekk li kkunsidrat l-istat tal-fond.

Stqarret illi l-valur tal-fond waslet ghalih permezz tal-*comparable method* fejn qieset il-prezz li proprjetajiet simili gabu fis-suq. Qaghdet fuq l-informazzjoni illi sabet fis-siti elettronici dwar bejgh ta' poprjeta`. Ma ratx kuntratti ta' bejgh. Irrizulta illi t-talba ghal mezzanin jew appartament fi stat finished hija ta` bejn €1,280 u €2,060 kull metru kwadru. Hija applikat riduzzjoni fir-rata sabiex tkun tirrifletti z-zmien kemm ilu mibni l-fond, it-tqassim tal-kmamar, is-servizzi, finituri antiki, kif ukoll il-fatt li l-kmamar li kienu mibnija fil-bitha huma minghajr permess. Peress illi l-fond huwa sottostanti proprjeta` ta' terzi, fil-prezent ma jgawdi ebda potenzjal ta` zvilupp. Lanqas ma jgawdi minn veduti billi jinsab f`zona urbana.

Xehdet illi l-valur tal-ghamara ghandu impatt minimu fuq il-valur tal-proprjeta` fis-suq. Ghalhekk il-valur lokatizju kien ikkalkolat direttament b`*yield* applikat direttament fuq il-valur tas-suq. Ir-rata ta' 4.35% bhala *yield* tirrapprezenta "*average meta kkunsidrat il-varjazzjoni tul iz-zmien tal-kirjiet espressa bhala percentagg tal-valur tas-suq, fin-nuqqas ta' figuri (data) precizi sena b'sena tul medda ta' 35 sena*". In kwantu ghall-*growth rate* fir-rata ta' 6.56%, din tnisslet minn referenza ghal tabella li tinsab fl-a*ffordable property rates for the Maltese Islands over the past 35 year period* li saru minn DHI Periti.

**L-intimata Spiridiona Zammit** xehdet illi ilha tirrisjedi fil-fond in kwistjoni sa mill-1967. Il-koncessjoni originali nghatat lilha u lil zewgha minn missier u omm ir-rikorrenti. Ic-cens kien ghal zmien sbatax il-sena. Meta ghalaq ic-cens, il-fond baqa` ghandhom b`kera. Minn Lm 50 cens fis-sena bdiet thallas Lm 100 kera fis-sena.

Stqarret illi fil-post ma kienx hemm kamra tal-banju. Hi u zewgha ghamlu wahda huma spejjez taghhom. Hadu permess ghal dan minghand il-genituri tar-rikorrenti. Aktar tard fiz-zmien, kisbu wkoll permess sabiex isaqqfu bicca mill-bitha u jaghmluha karma tas-sodda.

Kompliet tixhed illi fl-1995, bil-permess ta` omm ir-rikorrenti, bidlet il-kamra tal-banju spejjez taghha. Bidlet ukoll l-aperturi biex saru tal-*aluminium*. L-istess ghamlet fil-kaz tal-elettriku. Wara li applikat sabiex tibbenefika minn skema tal-Awtorita` tad-Djar, bidlet ukoll il-madum. Ir-rikorrent Alfred Testa kien iffirma l-karti sabiex tkun tista` tapplika taht din l-iskema. Bidlet ukoll il-bieb ta' barra. Apparti l-ispiza tal-madum, l-ispejjez l-ohra saru kollha minnha u minn zewgha, dejjem bil-permess tas-sidien.

Stqarret illi hija ghexet fil-post ghall-maggor parti ta` hajjitha. Hadet hsieb il-fond u dejjem hallset kull ma kien dovut. Illum hija armla u tghix bil-pensjoni. Ma tiflahx thallas certa awmenti fil-kera.

Fil-**kontroezami**, xehdet illi hija ghandha 72 sena. Tircievi pensjoni ta` €600 kull erba` gimghat. M`ghandhiex bini iehor jew artijiet. Fil-post tghix wahedha.

Stqarret illi wara li bdiet thallas Lm 100 kera fis-sena, hija qatt ma ntalbet zieda ohra.  Hadd ma beda proceduri kontriha biex tizgombra mill-fond.  Ir-rikorrenti baqghu jaccettaw il-hlas tal-kera.  Kien biss fl-ahhar erba` snin illi l-kera giet rifjutata u allura bdiet tiddepozita l-kera fil-qorti.

**III. <u>L-ewwel (1) eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali</u>**

Il-Qorti tosserva li l-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna hija fis-sens illi fil-kawzi ta` indole kostituzzjonali u/jew konvenzjonali mhuwiex indispensabbli illi r-rikorrent jipprova t-titolu tieghu ghall-proprjeta` *de qua*.  Kawzi bhal din tal-lum mhumiex kawzi ta' rivendika fejn il-prova tat-titolu hija *sine qua non* sabiex tirnexxi l-azzjoni.

Fis-sentenza li tat fis-7 ta` Frar 2017 fil-kawza **<u>Robert Galea vs Avukat Generali et</u>** (mhux appellata) din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

> *"Illi biex wiehed ikun f`qaghda li juri li garrab ksur tal-jedd fundamentali tieghu taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m`ghandux ghalfejn jipprova titolu assolut u lanqas wiehed originali bhallikieku l-azzjoni dwar ksur ta` jedd fundamentali kienet wahda ta` rivendika (Kost. 27.3.2015 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et</u>**). Huwa bizzejjed, ghall-finijiet ta` dak l-artikolu, li wiehed juri li ghandu jedd fil-haga li tkun li bih jista` jieqaf ghall-pretensjonijiet ta` haddiehor.*
>
> *Imbaghad, ghall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa bizzejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-haga li tkun."*

Dan premess, il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti ghamlu l-prova tat-titolu.

Tant hu hekk illi jirrizulta ppruvat illi :-

a) B`kuntratt tas-17 ta' Novembru 1966 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Sammut, Alfred Testa, li jigi missier ir-rikorrenti, ikkonceda l-fond de quo lir-ragel tal-intimata, b`titolu ta` enfitewsi temporanja ghal 17-il sena, dekorribbli mis-17 ta' Novembru 1966, versu hlas ta` cens ta' Lm50 fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem. Mill-kuntratt, tirrizulta kjarament il-provenjenza tat-titolu li kellu Alfred Testa sabiex jaghti l-koncessjoni.

b) Mid-denunzja tas-successjoni ta' Alfred Testa, li saret fl-4 ta' Marzu 1970, jirrizulta li l-wirt tal-imsemmi Alfred Testa, inkluz is-sehem tieghu mill-fond *de qua*, ghadda fuq martu Carmela u fuq uliedu, r-rikorrenti odjerni.

c) Mid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta` Carmela Testa datata 23 ta' Jannar 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono, jirrizulta li b'testment tat-28 ta' Novembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar, Carmela Testa halliet b'werrieta taghha lill-uliedha bid-dritt tal-akkrexximent u bis-sostituzzjoni tar-rispettivi uliedhom. Billi Helen Attard, bint Carmela Testa, mietet qabel ommha, il-wirt taghha bis-sahha ta` testment tal-25 ta' Frar 2002 ghadda ghand it-tlett uliedha Jason, Alfred u Marika Sant, ilkoll ahwa Testa, u rikorrenti fil-proceduri odjerni.

B`hekk jirrizulta li r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond in kwistjoni. Dawn il-provi ma gewx kontestati. Ir-rikorrenti ghandhom titolu validu ghall-fond. Ghalhekk ghandhom dritt jippretendu li mhux biss igawdu hwejjighom, izda wkoll li jitolbu l-harsien tal-jeddijiet taghhom fuq hwejjighom fil-kaz li dawk id-drittijiet kienu michuda.

Fl-istess eccezzjoni, l-Avukat Generali qieghed jeccepixxi wkoll illi r-rikorrenti ma jistghux jilmentaw minn vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom li tirrelata ma` zmien fejn ma kellhomx titolu ghall-fond in kwistjoni.

Jirrizulta li missier ir-rikorrenti, Alfred Testa, miet fl-4 ta' Novembru 1969. Il-wirt tieghu ddevolva fuq martu Carmela u fuq uliedu kollha. Dan ifisser illi sa minn ferm qabel ma skadiet il-koncessjoni originali, ir-rikorrenti kien diga` kellhom jedd ghall-propjeta`. Kwalunkwe pretensjoni tar-rikorrenti dwar nuqqas ta' tgawdija tal-propjeta` taghhom ghandha titqies illi diga` kienet bdiet tghodd minn dak iz-zmien. Kwindi l-interess guridiku tar-rikorrenti kien u baqa` jissussisti.

**<u>L-ewwel (1) eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali qeghda tkun respinta fl-intier taghha</u>.**

**IV. <u>It-tielet (3) eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali u r-risposta ulterjuri tal-intimata Zammit</u>**

L-**<u>Art 46 (2) tal-Kostituzzjoni</u>** jipprovdi :-

> *Il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma` u tiddecidi kull talba maghmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu, u tista` taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta` kull wahda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna :*
>
> *Izda l-Qorti tista`, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont dan is-subartikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienudisponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ohra.*

L-istess principju jinstab fl-**<u>Art 4(2) tal-Kap 319</u>**.

Kif inghad minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **<u>John Grech et vs Onor. Prim Ministru et deciza</u>** deciza fid-29 ta`April 2013 (u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta` Jannar 2014) :-

*Illi din il-kwistjoni giet dibattuta diversi drabi fil-Qrati taghna. Il-Qorti Kostituzzjonali dahlet fil-fond taghha fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **__"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"__** (deciza fis-7 ta` Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta` sentenzi precedenti, qalet fost affarijiet ohra illi :*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim` Awla u kemm ta` din il-Qorti jistghu jitnisslu dawn il-linji gurisprudenzjali :*

*a. Meta hu car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrenti biex ikollu rimedju ghad-danni li qed jilmenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta` natura Kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawlhiex ragunijiet serji gravi ta` llegalita` jew ta` gustizzja jew zball manifest ma tiddisturbax l-ezercizzju ta` diskrezzjonalita` tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull kaz ghandu l-fattispecje partikolari tieghu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta` kellu dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li ma ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero` jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx ezawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero` dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta` haddiehor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz;*

*f. Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**__Philip Spiteri vs Sammy Meilaq__**" (deciza fit-8 ta` Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oggett tal-kawza jkun ta` natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li ghandhom rimedju f` xi ligi ohra, u ohrajn li ma ghandhomx, rimedju hlief Kostituzzjonali – allura ghandha tipprevali din l-ahhar azzjoni". F`din is-sentenza l-Qorti*

*osservat li jkun sewwa li mal-kelma `komplessa` jizdied il-kliem `jew inkella mhallta`.*

*Fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et</u>**" (deciza mill-Prim` Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta` Settembru 2010) gie dikjarat illi :*

*"L-ezistenza ta` rimedju iehor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx ghalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirrizulta li r-rimedju sejjer jaghti lir-rikorrenti success garanti. Huwa bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista` jigi segwit b`mod prattiku, effettiv u effikaci.*

*Meta jidher li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu r-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f`dan is-sens wiehed jista` jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**<u>Joseph Fenech vs Awtorita` tal-Ippjanar et"</u>** deciza fid-9 ta` Novembru 2012*

*…*

*Illi wiehed ghandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta` Malta ssemmi mezzi li `kienu disponibbli` u allura anke jekk kien hemm mezzi li `kienu` disponibbli ghar-rikorrent izda li minhabba t-trapass taz-zmien ma jkunux ghadhom (disponibbli), il-Qorti tista` jekk hekk jidhrilha tiddeklina li tezercita l-gurisdizzjoni taghha.*

Fid-decizjoni li tat fis-27 ta` Frar 2006 fil-kawza **<u>Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Socjali et</u>** din il-Qorti diversament presjeduta rreferiet ghal aktar gurisprudenza :-

*"Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta` natura kostituzzjonali*

> *ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humhiex disponibbli." (**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta` Marzu 1994).*
>
> *"Hu veru li kull persuna tista` tirrikorri lill-Prim Awla ghal rimedju ta` indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta` dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista`, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat `huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.`" (**Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t`April 1995.)*
>
> *"Sakemm tibqa` l-possibilita` li l-lezjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista` tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha." (**Stephen Falzon vs Registratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta` Frar 2002).*
>
> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha poteri diskrezzjonali wiesgha biex tiddeciedi li ma tezercitax il-poteri taghha meta r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji possibbli taht il-ligi ordinarja." (**Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et"** – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta` Mejju 2000).*

Stabbiliti dawn il-parametri abbazi tal-gurisprudenza, din il-Qorti trid tqis jekk skont il-fatti tal-kaz tal-lum : (i) ir-rikorrenti kellhomx ghad-dispozizzjoni taghhom rimedji ordinarji li kienu accessibbli, xierqa, effettivi u effikaci sabiex jindirizzaw il-lanjanzi taghhom ; u (ii) jekk ir-rimedju ordinarju kienx ikopri ghal kollox il-lanjanzi tar-rikorrent. Fi kwalunkwe kaz, tibqa` d-diskrezzjoni ta` din il-Qorti li taghzel "li tezercita s-setghat taghha" anke meta min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi ohra ta` rimedju.

Jirrizulta illi c-cens temporanju originali ghalaq fis-17 ta' Novembru 1983 izda bil-bdil fil-ligi l-konjugi Zammit baqghu jirrisjedu fil-fond de quo b`titolu ta' kera. Il-konverzjoni tat-titolu ghal kera sar bis-sahha tal-**Art 12(2) u (3) tal-Kap 158**, li dahlu bl-Att XXIII ta` l-1979, u gew fis-sehh b'effett mill-15 ta' Gunju 1979. Is-sidien accettaw lil Zammit bhala inkwilini u thallsu l-kera. Mhuwiex car ezattament minn meta ir-rikorrenti bdew jirrifjutaw il-hlas tal-kera. Filwaqt li l-intimata Zammit tixhed illi qatt ma ntalbet awment fil-kera u qatt ma ttiehdu passi kontriha, ir-rikorrent Benjamin Testa xehed illi madwar tlett snin ilu kienet intbaghtet ittra lill-intimata Zammit fejn intalab l-awment fil-kera. Ma rrizultawx provi ohra dwar dan. Madanakollu l-intimata Zammit xehdet illi kienet ilha tiddepozita l-kera fil-qorti ghal dawn l-ahhar erba` snin.

Il-Qorti tqis illi l-fatt li r-rikorrenti ma hadux passi ohra, ghajr ghall-prosediment tal-lum, ma jnaqqas xejn mid-dritt tal-azzjoni taghhom. L-ghan ewlieni ta` procediment ta' natura kostituzzjonali u/jew konvenzjonali huwa li l-persuna illi tkun qed iggarrab ksur tal-jeddijiet fondamentali taghha tinghata rimedju effettiv u minghajr dewmien. Hija gurisprudenza stabbilita illi, anke jekk procediment kostituzzjonali huwa ntiz biex ikun straordinarju, cittadin li jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fondamentali tieghu m`ghandux ikun obbligat ifittex rimedju fil-qrati ordinarji jekk ir-rimedji li dawn jistghu jaghtuh ma jkunux effettivi sabiex jindirizzaw l-ilment tieghu.

Fil-kaz tal-lum, ghalkemm is-sidien kienu konsapevoli mill-konsegwenzi legali tal-emendi ghall-Kap 158 li dahlu fis-sehh waqt li kien ghaddej il-kuntratt tac-cens temporanju u erba` snin qabel ghalaq, jibqa` l-fatt li s-sidien ma kellhomx ghazla ta' x'setghu jaghmlu. L-aventi kawza u cioe` r-rikorrenti kienu vinkolati b`dak li kienet tghid il-ligi, u ghalhekk qaghdu ghal li kienet tipprovdi. Bl-emendi ghall-Kap 158 gara li filwaqt li dawk li kienu censwalisti nghataw protezzjoni, ma garax l-istess fil-kaz tas-sidien, ghax dawn kellhom joqghodu ghal dak li kienet tipprovdi l-ligi. Il-legislatur naqas milli joffrilhom rimedju adegwat fil-ligi ordinarja sabiex joggezzjonaw b`mod effettiv ghall-konverzjoni tac-cens ghal kera. L-uniku rimedju disponibbli ghas-sidien kien li jfittxu kenn quddiem il-qrati ta` indole kostituzzjonali. Hekk gara wkoll fil-kaz tal-lum.

L-istat ta' nuqqas ta' ghazla kienet realta' fil-pajjiz li baqghet tippersisti anke sa zminijiet ricenti. Kien biss wara li nghataw id-decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjoni u tal-ECtHR fejn kien dikjarat li l-applikazzjoni ta` l-Art 12(2) tal-Kap 158 kienet tikser l-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni bi pregudizzju ghas-sidien illi r-relazzjoni ta` bejn is-sidien u l-inkwilini (li qabel kienu censwalisti) illi saru tentattivi legislattivi sabiex is-sitwazzjoni tinbidel.

Dwar l-emendi ghall-Kap 158 li dahlu fis-sehh fl-1 ta` Awissu 2018, u allura wara l-presentata tar-rikors odjern, qed ikun eccepit mill-intimata Zammit fir-risposta ulterjuri taghha illi l-introduzzjoni u dhul fis-sehh tal-Att XXVII tal-2018 biddel is-sitwazzjoni ta` qabel, ghaliex bl-Art 12B tal-Kap 158 ir-rikorrenti ma jistghux jilmentaw aktar illi l-Art 12 tal-Kap 158 huwa leziv tad-drittijiet taghhom. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, imbaghad, l-intimata Zammit izzid tghid illi l-emendi issa joffru rimedju effettiv ; ghalhekk, skont Zammit, il-Qorti ghandha tieqaf hawn waqt illi tistieden lir-rikorrenti jesploraw dak ir-rimedju. Il-Qorti tosserva illi bhala fatt ir-rikorrenti ma trattawx dan il-punt fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Jidher illi l-emendi in kwistjoni kienu ntizi sabiex jindirizzaw il-vjolazzjonijiet ghall-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni bl-applikazzjoni tal-Art 12 tal-Kap 158 li kienu accertati bid-decizjonijiet tal-qrati taghna u tal-ECtHR. L-Art 12B tal-Kap 158 jaghti lis-sid il-jedd illi jmur quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u jitlob revizjoni tal-kera f`ammont li ma jeccedix it-2% tal-valur fis-suq fil-kaz ta` fondi ghall-abitazzjoni. Is-sid ghandu wkoll l-opportunita` li jitlob bdil fil-kondizzjonijiet tal-kirja.

Din il-Qorti tqis illi d-dhul fis-sehh ta' dawn l-emendi m`ghandux jincidi fuq il-kawza tal-lum, propju ghaliex l-iskop tal-kawza tal-lum jisboq dak tal-procediment ordinarju. Billi dak li qed jintalab fil-kawza tal-lum huwa ta` indole kostituzzjonali u/jew konvenzjonali, il-Qorti kif adita trid twettaq ezercizzju skrupoluz sabiex tistabilixxi jekk kienx hemm vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali ndikati mir-rikorrenti u cioe` l-Art 37 tal-Kostituzzjoni u l-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni. Dak li hasbu ghalih l-emendi johrog barra mill-parametri tal-procediment odjern. Anke ghalhekk id-dottrina tal-*jus superveniens* m'ghandhiex applikazzjoni ghall-kaz tal-lum. L-emendi beda jkollhom applikazzjoni mis-sena li

ghaddiet, mhux ghaz-zmien ta` qabel. Ghaliex jidher illi huma edotti mid-drittijiet taghhom skont l-Art 12B tal-Kap 158, ir-rikorrenti intavolaw il-procediment fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet : **<u>Benjamin Testa et vs Spiridiona Zammit et</u>** (Rik. Nru. 41/2019 JD).

Din il-Qorti tishaq illi "*l-indoli tal-azzjoni tigi dezunta mhux tant mill-kliem piu o meno ezatti ta` l-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghaliha huwa intiz il-gudizzju* [**<u>Kollez. Vol.XXXIV.III.746</u>**]." Fil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni mill-qorti illi l-Art 12 tal-Kap 158 jivvjola d-dritt taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta` tieghu. Din il-Qorti tghid illi l-materja kif impostata tista` biss tigi deciza minn qorti bhal din ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali u/jew konvenzjonali, u ma tistax tkun trattata minn qorti jew tribunal ta` gurisdizzjoni ordinarja.

**Ghalhekk, filwaqt illi tiddikjara li sejra tezercita s-setghat taghha kif previst bl-Art 46(2) tal-Kostituzzjoni u bl-Art 4(2) tal-Kap 319, qeghda <u>tichad</u> it-tielet (3) eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali u r-risposta ulterjuri tal-intimata Zammit.**

**Ghall-istess ragunijiet, sejra tichad ukoll l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjonijiet tal-intimata Zammit hekk kif jirrizultaw fir-risposta li pprezentat wara li kienet notifikata bir-rikors promotur.**

## V. <u>Ir-raba` (4) eccezzjoni ta` l-intimat Avukat Generali</u>

Bir-raba`eccezzjoni, l-Avukat Generali qed jikkontendi li r-rikorrent ma jistax jipproponi t-talbiet tieghu abbazi tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni, billi d-disposizzjoni tghodd biss fil-kaz ta` tehid forzuz tal-proprjeta`.

Intqal li sabiex wiehed ikun jista` jitkellem dwar tehid forzuz jew obbligatorju, persuna trid tkun zvestita minn kull dritt li ghandha fuq dik il-proprjeta`.

Fil-kaz odjern, l-Avukat Generali jikkontendi li ma sar ebda zvestiment ghaliex bit-thaddim tal-ligi in kwistjoni ir-rikorrenti ma tilfux id-drittijiet kollha fuq il-gid in kwistjoni.

**Ghall-kaz tal-lum il-parti rilevanti tal-<u>Art 37</u> hija <u>s-subartikolu (1)</u> li jghid :-**

> *Ebda proprjetà ta` kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b`mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta` kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b`mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta` ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta` pussess jew akkwist –*
>
> *(a) ghall-hlas ta` kumpens xieraq ;*
>
> *(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta` access lil Qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta` kull kumpens li ghalih tista` tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta` dak il-kumpens ; u*
>
> *(c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f`dik il-Qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta` appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti tal-Appell f`Malta :*
>
> *Izda f`kazijiet specjali l-Parlament jista`, jekk hekk jidhirlu xieraq li jaghmel fl-interess nazzjonali, b`ligi jistabbilixxi l-kriterji li ghandhom jitharsu, maghduda l-fatturi u c-cirkostanzi l-ohra li ghandhom jitqiesu, biex jigi stabbilit il-kumpens li ghandu jithallas dwar proprjetà li jittiehed pussess taghha jew li tigi akkwistata b`mod obbligatorju; u f`kull kaz bhal dak il-kumpens ghandu jigi iffissat u ghandu jithallas skont hekk.*

Fis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Frar 2011 fil-kawza **<u>Lay Lay Co Ltd vs L-Awtorita ta` Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et</u>** inghad illi l-Art 37 tal-Kostituzzjoni japplika biss meta jkun hemm tehid forzjuz ta` proprjeta, mhux meta l-ilment ikun jirrigwarda l-kontroll jew limitazzjoni ta` l-uzu ta` proprjeta.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-3 ta` Ottubru 2008 fil-kawza : **<u>Josephine Bugeja vs Avukat Generali et</u>** : kien diga` affermat dan il-principju. Fil-fatt kien inghad hekk :-

*"Dan qed jinghad peress li biex japplika l-principju ta` tehid forzuz wiehed irid jara jekk ittehditx proprjeta` b`mod li ssid originali jigi zvestit minn kull dritt li ghandu fuq il-proprjeta`. F`dan il-kaz, il-fond kien u ghadu proprjeta` tar-rikorrenti, li tista` taljena jew tittrasferixxi l-fond lill-terzi, ghalkemm il-valur tal-fond certament qieghed affettwat mic-cirkostanzi msemmija …. Fil-fatt, kif qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**__Galea et vs Briffa et"__**, deciza fit-30 ta` Novembru, 2001, li kienet titratta mid-dritt ta` enfitewta, li kien igawdi minn koncessjoni ta` anqas minn tletin sena, li fit-tmien l-enfitewsi jikkonverti t-titolu tieghu f`wiehed ta` kera, bl-okkupazzjoni tkun protetta bil-ligi, biex ikun hemm ksur tal-Kostituzzjoni, jrid ikun hemm tehid tal-proprjeta`, u mhux biss regolamenti li jikkontrollaw l-uzu tal-istess proprjeta`.*

*Dik l-Onorabbli Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet fil-kuntest tat-tgawdija ta` fond.*

*"Jibqa` pero` l-problema jekk din il-limitazzjoni statutorja fir-rigward tat-tgawdija tal-proprjeta` setghetx tigi ekwiparata mat-tehid ta` pussess taghha b`mod obbligatarju ghaliex hi din l-ahhar figura guridika illi tattira l-protezzjoni minn privazzjoni ta` proprjeta` bla kumpens ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni … Il-Kostituzzjoni titkellem minn tehid ta` pussess forzat b`mod obbligatorju. Dicitura li, wehidha, minghajr riferenza ghad-dritt ta` tgawdija pacifika fih innifsu donnu timplika li biex tigi estiza l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni jehtieg li jkun hemm privazzjoni ta` proprjeta` u li din tkun effett dirett ta` xi att tal-Istat u mhux bizzejjed li jkun hemm privazzjoni tad-dritt tat-tgawdija pacifika bhala rifless ta` tali att …*

*Il-Kostituzzjoni ta` Malta ghandha approcc divers ghad-dritt tal-proprjeta`. Fl-artikolu 32 hi telenka fost id-drittijiet u l-libertajiet fondamentali tal-individwu "it-tgawdija ta` proprjeta`". Dan id-dritt fondamentali li l-individwi kollha b`mod indiskriminat ghandhom igawdu l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni, pero`, hu soggett "ghar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet tal-ohrajn u tal-interess*

*pubbliku". Dan l-artikolu hu pero` wiehed dikjaratorju u jidher li t-twettieq tieghu fir-rigward tad-dritt ta` proprjeta` hu limitat ghall-applikazzjoni tal-artikolu 37 fuq citat li l-vjolazzjoni tieghu taghti lok ghar-rimedju kostituzzjonali. Jidher ghalhekk li kontrarjament ghad-dikjarazzjoni tal-principju, fl-ewwel sentenza tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol Tal-Konvenzjoni Ewropeja, (Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions), l-artikolu 32 li jiddikjara d-dritt ghall-proprjeta` b`mod generali ma hux "ut sic" enforzabbli f`xi Qorti. Infatti s-subinciz 1 tal-artikolu 46 jipprovdi illi jaghti biss lok gharrikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u jista` biss jintalab rimedju ghalihom il-kazijiet ta` vjolazzjonijiet taht l-artikoli 33 sa 45.*

*Dan ifisser illi biex ir-rikorrenti jkollhom success fis-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, huma jridu sodisfacentement jippruvaw illi l-fatti kif provati … jinkwadraw ruhhom fl-estremi tas-subinciz 1 tal-artikolu 37 ….".*

*Jista` allura b`logika jigi arguwit illi l-artikolu 37 jitkellem car u tond fuq cahda tal-proprjeta` jew id-dritt fuqha minghajr kumpens xieraq. Ifisser dan li ghandek vjolazzjoni jekk ghandek privazzjoni totali tal-proprjeta jew xi jedd fuqha minghajr l-ebda kumpens jew ahjar minghajr kumpens li ma jkunx xieraq. Din il-konkluzjoni hi wkoll suffragata mill-kumplament tal-artikolu 37 li proprju jipprovdi li dan il-kumpens kellu jigi stabbilit mil-ligi u li l-kwantifikazzjoni tieghu kellha tkun soggetta ghall-iskrutinju ta` Qorti b`kompetenza li tinvesti tali mertu biex tassigura l-gustizzja tal-kumpens. Hi allura l-fehma ta` din il-Qorti illi fil-kaz taht ezami ma jokkorrux l-estremi tal-ewwel paragrafu tal-artikolu 37 in kwantu kif fuq elaborat hawn non si tratta ta` tehid ta` proprjeta` jew ta` jedd fuqha taht xi forma jew ohra izda ta` limitazzjoni tal-uzu tal-istess proprjeta`".*

Il-pronunzjament tal-Qorti dwar l-Art 37 tal-Kostituzzjoni kien ikkonfermat b`sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta` Dicembru 2009.

Fil-kawza : **Angela sive Gina Balzan v. L-Onorevoli Prim Ministru et** : li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta` Dicembru 2012 : kienet trattata l-kwistjoni dwar jekk kienx hemm ksur ta` l-Art 37 tal-Kostituzzjoni billi fl-gheluq ta` l-enfitewsi temporanja, l-okkupanti nghataw titolu ta` lokazzjoni. Inghad hekk :-

> *"Il-Qorti tibda biex tghid illi taqbel mal-konvenuti illi dan ma huwiex kaz ta` tehid ta` proprjeta izda ta` kontroll ta` uzu ta` proprjeta. L-attrici baqghet sid tal-proprjeta u ghad ghandha l-jeddijiet in re ta` sid u ghalhekk ma jistax jinghad li ttehditilha l-proprjeta.*
>
> *Madankollu, ghalkemm baqghet sid u, ukoll quddiem il-konvenuti Bajada bhala kerrejja, ghandha l-jeddijiet ta` sid il-kera, l-uzu li tista` taghmel mill-proprjeta huwa kontrollat ghax hija marbuta li taghraf il-jedddijiet tal-kerrejja meta, li kieku ma kienx hemm il-ligi attakkata, kienet tista` tiehu l-fond lura battal u tikrih lil min trid hi b`kemm jaghti s-suq.*
>
> *Il-Qorti Kostituzzjonali, f`sentenza li kienet tat fis-7 ta` Dicembru 2009 in **re Josephine Bugeja et versus Avukat Generali**, kienet qalet illi ma hemmx tehid ta` proprjeta meta cens temporanju jigi konvertit f`wiehed perpetwu, ghalkemm f`dak il-kaz is-sid ikun ittehidlu jedd in re fuq il-proprjeta, viz. l-utli dominju li kien jikkonsolida ruhhu f`idejh mad-dirett dominju li ma kinitx ghal-ligi specjali. Multo magis dan ighodd ghall-kaz tal-lum fejn il ius in re kollu baqa` f`idejn l-attrici.*
>
> *Ghalhekk tghodd b`aktar sahha ghall-kaz tallum l-osservazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali f`dik is-sentenza illi "kaz ta` kontroll ta` uzu ta` proprjeta, bhalma huwa l-kaz in ezami, ma jaqax entro l-parametri u konsegwentement il-protezzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, izda se mai jista` jaqa` entro l-parametri u taht il-*

> *protezzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-25 ta` Frar 2016 fil-kawza : **Rose Borg vs Avukat Generali et** : inghad :-

> *"Illi huwa assodat li l-portata ta` l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni hija aktar ristretta mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Filwaqt li dan ta` l-ahhar jipprotegi t-tgawdija pacifika tal-"possedimenti" ("possessions" fit-test Ingliz, "biens" fit-test Franciz) ta` dak li jkun, l-istess ma jistax jinghad ghall-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni li jitkellem dwar it-tehid b`mod obbligatorju tal-pussess ta` proprjeta` ta` kull xorta li tkun jew il-ksib b`mod obbligatorju ta` interess fi jew dritt fuq proprjeta` (dejjem ta` kull xorta li tkun).(Ara ad ez.* ***Amato Gauci vs Avukat Generali****, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta` Mejju 2006;* ***Galea et vs Briffa****, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Novembru 2001;* ***Lay Lay Co Ltd vs L-Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent et.*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Frar 2011;* ***Bugeja et vs Avukat Generali*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta` Dicembru 2009;* ***Josephine Bugeja v Avukat Generali*** *(QK - 7 ta` Dicembru 2006);* ***Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru et*** *deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-11 ta` Ottubru 2011).*
>
> *Il-Qorti hawnhekk taqbel ma` dak sollevat mill-Intimati billi r-rikorrenti ghadha s-sid tal-proprjeta` in mertu, u d-dispozizzjonijiet rilevanti tal-Kap 158 jikkostitwixxu kontroll ta` uzu ta` proprjeta`.*
>
> *Ghaldaqstant l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern."*

Fis-sentenza li nghatat fil-31 ta` Ottubru 2014 fil-kawza : **Mary Anne Busuttil vs Tabib John Cassar et** : il-Qorti Kostituzzjonali spjegat hekk :-

*"L-art. 37 tal-Kostituzzjoni ihares mhux biss kontra t-tehid tal-proprjeta shiha minghajr kumpens xieraq, b`mod li tinholoq sitwazzjoni fejn "is-sid originali gie zvestit u mnezza` minn kull dritt li ghandu fuq dik il-proprjeta", izda jrid ukoll illi "ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta ta` kull xorta li tkun" ma jittiehed minghajr kumpens xieraq.*

*21. Fil-kaz tallum, fi tmiem l-enfitewsi originali – dik ghal hamsin sena – id-direttarji, li ma kienx ghall-art. 12(4) tal-Kap. 158, kienu jiehdu lura l-proprjeta shiha. Issa, bis-sahha ta` dik id-disposizzjoni tal-ligi, sejjer jittehdilhom ghal dejjem l-utli dominju, li mhux biss huwa dritt fuq proprjeta – ius in re – izda wkoll dritt sostanzjali, perpetwu u wiesa` b`mod li d-dritt residwali tas-sid, meta mqabbel mal-utli dominju, huwa minimu.*

*22. Aktar milli konverzjoni ta` enfitewsi temporanja f`wahda perpetwa hemm il-holqien ta` enfitewsi gdida, din id-darba ghal dejjem, u bis-sahha ta` hekk li s-sid jittehidlu ghal dejjem l-utli dominju. Difficli tifhem kif tista` qatt tghid li dan ma huwiex tehid ta` dritt fuq proprjeta.*

*23. Ghaldaqstant huwa skorrett ir-ragunament tal-ewwel Qorti illi "l-jeddijiet tad-direttarju ma jinbidlux bis-sahha tal-bidla wahedha minn enfitewsi temporanju ghal enfitewsi li ma jaghlaqx" u illi "ma jintlaqtux il-jeddijiet tad-direttarji taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni li jitkellem dwar tehid ta` proprjeta".*

Fl-istess sens kienet is-sentenza tal-24 ta` April 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Michael Angelo Briffa et v. Nadia Merten** moghtija mill-Qorti ta` l-Appell Superjuri.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-7 ta` Frar 2017 fil-kawza : **Robert Galea vs Avukat Generali et** (op. cit) inghad :-

*"Illi safejn l-azzjoni tar-rikorrent tinbena fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, huwa xieraq li f`dan il-qafas il-Qorti tistharreg element importanti li*

*jirrigwarda sewwasew il-jedd imhares taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, b`mod partikolari ghaliex il-mira tal-ilment tal-istess rikorrent hija ligi li saret wara li kien ta b`enfitewsi l-post tieghu lill-intimati Ganado. L-imsemmi Att XXIII tal-1979 kien wiehed mahsub li jdahhal fis-sehh emendi f`ligi ewlenija – sewwasew fl-Ordinanza XIX A tal-1959 li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar– li kienet ilha fis-sehh sa mill-10 ta` April, 1959;*

*Illi dan kollu qieghed jinghad ghaliex l-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "Ebda haga fl-artikolu 37 ta` din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta` xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta` Marzu 1962 jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data (jew xi ligi li minn zmien ghal zmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f`dan is-subartikolu) u li ma – (a) izzidx max-xorta ta` proprjeta` li jista` jittiehed pussess taghha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjeta` li jistghu jigu miksuba; (b) izzidx mal-finijiet li ghalihom jew cirkostanzi li fihom dik il-proprjeta` jista` jittiehed il-pussess taghha jew tigi miksuba; (c) taghmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt ghal kumpens jew l-ammont tieghu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjeta`; jew (d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bhal dak li huwa msemmi fil-paragrafi (b) jew (c) ta` l-artikolu 37(1) ta` din il-Kostituzzjoni";*

*Illi dan ifisser li ladarba l-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta` Malta kien ligi fis-sehh f`Malta qabel it-3 ta` Marzu, 1962, xejn li jkun sar taht dik il-ligi (ukoll bis-sahha ta` xi emenda li tkun dahlet fis-sehh wara dakinhar) ma jitqies li jkun sar bi ksur tal-artikolu 37, sakemm ma ssehhx xi wahda mill-erba` cirkostanzi mahsuba fl-istess artikolu 47(9) kif fuq inghad;*

*Illi l-Qorti hija tal-fehma li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Ordinanza (dawk li minhabba fihom ir-rikorrent jghid li garrab jew qieghed igarrab il-ksur tal-jedd fondamentali taghhom) kif mibdula bl-Att XXIII tal-1979 jolqtu kemm it-tieni u kemm it-tielet mill-erba` cirkostanzi msemmija u dan*

*ghaliex huma jzidu mal-finijiet jew cirkostanzi li fihom il-proprjeta` li tkun (il-fond tal-abitazzjoni) jista` jittiehed il-pussess taghha jew tigi miksuba u wkoll ghaliex il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt ghall-hlas ta` kumpens jew l-ammont ta` dak il-kumpens sar anqas favorevoli ghall-persuna li ghandha dik il-proprjeta` jew ghandha interess fiha;*

*Illi minhabba f`hekk, din il-Qorti ssib illi ghandha tistharreg jekk kemm-il darba t-thaddim tal-imsemmija dispozizzjonijiet tal-artikolu 12 kif issa emendat iwassalx ghal ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti kif mahsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;*

*Illi l-kwestjoni bejn il-partijiet fil-qofol taghha ghandha titqies fil-qafas ta` kuntratt ta` enfitewsi.*

*Huwa kuntratt li beda bi ftehim bilaterali li jidher li lpartijiet dahlu ghalih minn rajhom u bla ma kienu mgeghlin. Dak li wassal ghall-qaghda li, kuntrattwalment, ir-rikorrent u l-intimati Ganado jinsabu fih illum gara wara l-bidu tal-imsemmi kuntratt bis-sahha tal-intervent legislattiv. Imma dan ma jxejjinx il-fatt li l-bidu tar-rabta legali bejn l-intimati Ganado u r-rikorrent bhala s-sid tal-appartament kien wiehed konsenswali;*

*Illi l-Qorti tqis li, bil-ligi kif inhi, ir-rikorrent qajla jista` jiehu lura l-post tieghu, minkejja t-titjib li sar fil-ligi tal-kera matul l-ahhar snin (Ara Q.E.D.B. 15.9.2009 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Amato Gauci vs Malta</u>** (Applik. Nru. 47045/06) § 61) u li l-bidliet migjuba bl-Att XXIII tal-1979 gabu maghhom indhil li halaq relazzjoni mgieghla ta` sid-kerrej ("a forced landlordtenant relationship") u li minhabba f`hekk zied "id-drittijiet fuq u interess fi proprjeta` li jistghu jigu miksuba" bi hsara ghal sid il-gid hekk milqut (Kost. 22.2.2013 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Albert Cassar et vs Il-Prim Ministru et</u>**). Il-Qorti jidhrilha li biex wiehed jara sewwa x`inhi l-qaghda legali li thares ir-rabta prezenti ta` bejn il-partijiet fuq il-post, wiehed irid iqis id-dispozizzjonijiet kollha relattivi tal-ligi u mhux biss dawk tal-artikolu 12 tal-Kap 158;*

*Illi jidher li ghall-finijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, element siewi u ewlieni li jrid jirrizulta biex wiehed isib ksur tal-jedd imhares tahtu hu dak li t-tehid tal-pussess tal-haga jkun sar b`mod obbligatorju, jigifieri kontra r-rieda ta` sid il-haga. Din il-Qorti hija tal-fehma li, skond l-ahhar tifsir li nghata mill-Qrati taghna dwar il-parametri li fihom jista` jirrizulta ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ma huwiex aktar il-kaz li wiehed iqisu biss mil-lenti dejqa tat-tehid ghal kollox tal-gid li jkun: huwa bizzejjed biex jirrizulta ksur tal-imsemmi artikolu fejn jirrizulta li jkun hemm "limitazzjoni tant sostanzjali li fil-prattika tirrendihom kompletament privi mid-dritt ta` tgawdija tal-istess proprjeta`" (Kost. 24.6.2016 fil-kawza fl-ismijiet **Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et**);*

*Illi f`cirkostanzi bhal fil-kaz li l-Qorti ghandha quddiemha llum, jista` jinghad li l-kirja li nhalqet bil-ligi dwar il-post tar-rikorrent kienet tabilhaqq ghamla ta` tehid ta` pussess obbligatorju kif mahsub fl-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. Id-dispozizzjonijiet tal-ligi li dwarhom ir-rikorrent jilmenta jammontaw ghal forma ta` kontroll fuq il-mod jista` jinqeda bi hwejjgu u wkoll b`liema kundizzjonijiet titmexxa l-kirja u ghalhekk bla dubju ghal forma ta` kontroll fuq l-uzu min-naha tieghu ta` dik l-istess proprjeta`. Minbarra dan, mhuwiex eskluz li xi dispozizzjonijiet tal-Kap 158 jistghu fis-sewwa jwasslu ghal cirkostanzi li jnisslu ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;*

*Illi, madankollu, il-Qorti ma jidhrilhiex li mehuda c- cirkostanzi tal-kaz, jirrizulta li r-rikorrent garrab ksur tal-jedd tieghu taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Fl-ewwel lok, it-tigdid li sar wara li ghalaq iz-zmien originali miftiehem ta` enfitewsi kien tigdid taht titolu ta` kirja. Dan jixhed li r-rikorrent baqa` sid il-post, minkejja li ma baqax jista` jinqeda minnu kif irid. Fit-tieni lok, bil-bidliet li ddahhlu fil-ligi fl-2009 u fl-2010 li jolqtu l-kera ta` postijiet urbani li fihom wiehed jghix, ma jistax jinghad li s-sid ta` post bhal dak ma nghatawlux rimedji kemm biex jerga` jiehu lura l-post fil-kazijiet xierqa u kif ukoll li jistenna li*

> *jircievi kera mizjud kull tant zmien sakemm il-kirja tkun ghadha fis-sehh. Fit-tielet lok, intwera li (minkejja li kien marbut li tabilfors irid jaghraf lill-intimati mizzewgin Ganado bhala l-inkwilini tal-post tieghu) r-rikorrent sehhlu juri inizzjattivi kuntrattwali biex mill-qaghda li kien jinsab fiha, jinnegozja kundizzjonijiet tal-kirja li setghu kienu ahjar minn dawk preskritti fl-artikolu 12 tal-Kapitolu 158 infushom. Fir-raba` lok, li fil-kaz tal-intimati Ganado, dawn ma ghandhom lil hadd minn qrabathom jghix maghhom, uliedhom huma stabiliti band`ohra u ghandhom id-dar taghhom, u l-istess intimati huma persuni li llum ghandhom certa eta` matura;*
>
> *Illi, ghalhekk, safejn l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrent jinbnew fuq allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti ma ssibx li huma misthoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt."*

(ara wkoll : 2 ta` Mejju 2017 : PA/Kost : **<u>Catherine Cauchi et vs Avukat Generali et</u>** ; u **<u>Vincent Zerafa et vs Emmanuel Cilia et kif ukoll : Anthony Aquilina vs Avukat Generali</u>** : 9 ta` Ottubru 2017).

Din il-Qorti tikkondividi dik il-gurisprudenza **<u>li ma teskludix</u>** illi xi dispozizzjonijiet tal-Kap 158 jistghu fis-sewwa jwasslu ghal cirkostanzi li jgibu ksur tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni. Dan premess, il-Qorti **<u>ma ssibx li kien hemm fil-kaz tal-lum</u>** tehid forzjuz tal-proprjeta tar-rikorrenti ghaliex fil-verita` l-kaz odjern jittratta dwar kontroll u limitu ta` tgawdija u uzu ta` proprjeta.

**Ghalhekk qeghda <u>tilqa</u>` ir-raba` eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali.**

**VI. <u>L-ewwel (1) talba</u>**

**Dwar l-ewwel talba kif dedotta, din il-Qorti tghid illi mhuwiex kompitu taghha, bhala qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali u/jew konvenzjonali, illi tinvestiga jekk it-thaddim tal-Art 12 tal-Kap 158 huwiex sejjer jaghmel impossibbli ghar-rikorrenti li jirriprendu l-pussess tal-proprjeta` de qua.**

**Jekk hemmx din l-impossibilita` hija materja li ghandha tkun trattata quddiem il-qrati u/jew tribunali ta` kompetenza "ordinarja".**

**Ghalhekk il-Qorti sejra __tichad__ l-ewwel talba**

**VII. __It-tieni (2) talba__**

**Il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali u tal-intimata Zammit, kif jirrizultaw mir-risposti li kienu prezentati wara n-notifika tar-rikors promotur, jolqtu t-tieni talba tar-rikorrenti, u ghalhekk sejrin jigu trattati flimkien, ghaliex, ghalkemm bi sfumaturi diversi, huma relatati, billi fis-sostanza li qed jinghad mill-intimat Avukat Generali, huwa li r-rikorrenti ma jistghux jinvokaw ksur a detriment taghhom tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni, waqt li min-naha tal-intimata Zammit qeghda teccepixxi illi jkunu xi jkunu r-risultanzi, hija ma kienet responsabbli ghal ebda ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti, u kwindi la ghandha tkun kundannata thallashom kumpens, u wisq anqas ghandha tkun ordnata tizgombra mill-fond de quo.**

**__L-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni__** jipprovdi illi :-

> *"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha.*
>
> *Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*
>
> *Izda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma ghandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.".*

Bl-Art 12 tal-Kap 158 hemm certament kontroll ta` uzu. Dan jinghad fl-isfond ta` dak li kien deciz mill-ECtHR fil-15 ta` Settembru

2009 fil-kaz ta` **Amato Gauci vs Malta** li kien jittratta l-Art 12(2) tal-Kap 158. Huwa pacifiku li l-Istat ghandu margini ta` apprezzament wesghin meta jigi biex jintroduci legislazzjoni sabiex itaffi problemi ta` akkomodazzjoni.

## a) Gurisprudenza tal-ECtHR

Fil-kaz ta` **Spadea and Scalabino vs Italy** deciz fit-28 ta` Settembru 1995 l-ECtHR osservat :-

> *"The second paragraph reserves to States the right to enact such laws as they deem necessary to control the use of property in accordance with the general interest.*
>
> *…*
>
> *Such laws are especially common in the field of housing, which in our modern societies, is a central concern of social and economic policies.*
>
> *…*
>
> *In order to implement such policies, the legislature must have a wide margin of appreciation.*
>
> *…*
>
> *The Court will respect the legislature`s judgment as to what is in the general interest unless that judgment is manifestly without reasonable foundation.*
>
> *…*
>
> *an interference must strike a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual`s fundamental rights.*
>
> *…*

*There must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued."*

Madanakollu, l-interess tal-privat ghandu wkoll jigi salvagwardjat ghaliex ghalkemm kien rikonoxxjut illi l-Istat ghandu dritt jikkontrolla l-uzu tal-proprjetà, ghandu jkun sodisfatt ir-rekwizit tal-proporzjonalità.

Infatti l-ECtHR fil-kaz ta` **Amato Gauci vs Malta** (op. cit.) qalet :-

*"56. Any interference with property must also satisfy the requirement of proportionality. As the Court has repeatedly stated, a fair balance must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual`s fundamental rights, the search for such a fair balance being inherent in the whole of the Convention. The requisite balance will not be struck where the person concerned bears an individual and excessive burden (see* ***Sporrong and Lönnroth*** *cited above, §§ 69-74, and* ***Brumărescu v. Romania*** *[GC], no. 28342/95, § 78, ECHR 1999-VII).*

*57. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol No. 1 as a whole. In each case involving an alleged violation of that Article the Court must therefore ascertain whether by reason of the State`s interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden (see* ***James and Others****, cited above, § 50;* ***Mellacher and Others****, cited above, § 48, and* ***Spadea and Scalabrino v. Italy****, judgment of 28 September 1995, § 33, Series A no. 315-B).*

*58. In assessing compliance with Article 1 of Protocol No. 1, the Court must make an overall examination of the various interests in issue, bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are "practical and effective". It must look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of. In cases concerning the operation of wide-ranging*

*housing legislation, that assessment may involve not only the conditions of the rent received by individual landlords and the extent of the State`s interference with freedom of contract and contractual relations in the lease market, but also the existence of procedural and other safeguards ensuring that the operation of the system and its impact on a landlord`s property rights are neither arbitrary nor unforeseeable. Uncertainty – be it legislative, administrative or arising from practices applied by the authorities – is a factor to be taken into account in assessing the State`s conduct. Indeed, where an issue in the general interest is at stake, it is incumbent on the public authorities to act in good time, and in an appropriate and consistent manner (see* ***Immobiliare Saffi v. Italy****, [GC], no. 22774/93, § 54, ECHR 1999-V; and Broniowski, cited above, § 151).*

*59. Moreover, in situations where the operation of the rent-control legislation involves wide-reaching consequences for numerous individuals and has economic and social consequences for the country as a whole, the authorities must have considerable discretion not only in choosing the form and deciding on the extent of control over the use of property but also in deciding on the appropriate timing for the enforcement of the relevant laws. Nevertheless, that discretion, however considerable, is not unlimited and its exercise cannot entail consequences at variance with the Convention standards (see, mutatis mutandis,* ***Hutten-Czapska****, cited above, § 223)."*

*…*

*"In the present case, having regard to the low rental value which could be fixed by the Rent Regulation Board, the applicant`s state of uncertainty as to whether he would ever recover his property, which has already been subject to this regime for nine years, the lack of procedural safeguards in the application of the law and the rise in the standard of living in Malta over the past decades, the Court finds that a disproportionate and excessive burden was imposed on the*

> *applicant. The latter was requested to bear most of the social and financial costs of supplying housing accommodation to Mr and Mrs P. (see, mutatis mutandis, **Hutten-Czapska**, cited above, § 225). It follows that the Maltese State failed to strike the requisite fair balance between the general interests of the community and the protection of the applicant`s right of property.".*

L-ECtHR ikkonkludiet li kien hemm ksur tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni.

Relevanti wkoll huwa dak li qalet l-ECtHR fis-sentenza tat-22 ta` Novembru 2011 fil-kaz ta` **Saliba et vs Malta** :-

> *" … the rise in the standard of living in Malta over these decades and the diminished need to secure social housing compared to the post-war era........it is clear that what might have been justified years ago, will not necessarily be justified today (see **Amato Gauci**, cited above, 60)."*

Fil-kaz ta` **Zammit & Attard Cassar vs Malta** li kien deciz fit-30 ta` Lulju 2015, l-ECtHR irriaffermat il-principji li kienu enunzjati fis-sentenzi taghha ta` qabel dwar il-kontroll ta` kiri ta` djar billi rriteniet :

> *"57. In each case involving an alleged violation of Article 1 of Protocol No. 1, the Court must ascertain whether by reason of the State`s interference, the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden (see 9 App.No.1046/12) -EctHR 25 ta` Frar 2016. **James and Others**, cited above, § 50, and **Amato Gauci**, cited above, § 57).*
>
> *58. In assessing compliance with Article 1 of Protocol No. 1, the Court must make an overall examination of the various interests in issue, bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are "practical and effective". It must look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of. That assessment may involve not only the conditions of the rent received by individual landlords and the*

*extent of the State`s interference with freedom of contract and contractual relations in the lease market, but also the existence of procedural and other safeguards ensuring that the operation of the system and its impact on a landlord`s property rights are neither arbitrary nor unforeseeable.*

*Uncertainty – be it legislative, administrative or arising from practices applied by the authorities – is a factor to be taken into account in assessing the State`s conduct (see **Immobiliare Saffi v. Italy**, [GC], no. 22774/93, § 54, ECHR 1999-V, and Broniowski, cited above, § 151)."*

Ta` rilevanza huwa l-pronunzjament tal-ECtHR fil-kaz ta` **Cassar vs Malta** tat-30 ta` Jannar 2018 (App. Nru. 50570/13) fejn inghad :-

*43. The Court reiterates that in order for an interference to be compatible with Article 1 of Protocol No. 1 it must be lawful, be in the general interest and be proportionate, that is to say it must strike a "fair balance" between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual`s fundamental rights (see, among many other authorities, **Beyeler v. Italy** [GC], no. 33202/96, § 107, ECHR 2000-I, and **J.A. Pye (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd v. the United Kingdom** [GC], no. 44302/02, § 75, ECHR 2007-III). The Court will examine these requirements in turn.*

*(a) Whether there was an interference*

*44. In connection with the development of property, the Court has previously found that having been aware of the fact that their property had been encumbered with restrictions when they had bought it (for example, its designation in a local development plan), the applicants could not hold that circumstance against the authorities (see **Lacz v. Poland**, (dec.) no. 22665/02, 23 June, 2009; and the case-law cited therein), specially when a complaint has not been made that they had a legitimate reason to believe that*

*the restrictions encumbering their property would be removed after they bought the property. However, the Court has not excluded that there might be particular cases where an applicant who bought a property in full knowledge that it was encumbered with restrictions may subsequently complain of an interference with his or her property rights, for example, where the said restrictions are alleged to be unlawful (ibid.).*

*45. More specifically in the context of restrictions on lease agreements (in particular the prohibition on bringing a tenant`s lease to an end), the Court has found that there was an interference as a result of the domestic courts` refusals of the applicants` demands, despite the applicants` knowledge of the applicable restrictions when they had entered into the lease agreement, a matter which however carried decisive weight in the assessment of the proportionality of the measure (see **Almeida Ferreira and Melo Ferreira v. Portugal**, no. 41696/07, §§ 27 and 34, 21 December 2010).*

*46. Subsequently, in **R & L, s.r.o. and Others** (cited above) the Court specifically examined whether Article 1 of Protocol No. 1 protected applicants who had purchased property in the knowledge that rent restrictions imposed on the property might contravene the Convention. In that case, when the applicants had acquired their respective properties their rents had been set in accordance with the rent regulations applicable at the time and the applicants could not have increased the rents above the threshold set by the State. Nor were they free to terminate the rent agreements and conclude new ones with different – higher – levels of rent. The Court did not find it decisive that one of the applicants had purchased the property before the domestic courts had taken issue with the legislation in place which had given a legitimate expectation that the status of such properties would be addressed by the national legislator in due course. The Court held that it could not be said that the applicants as landlords had implicitly waived their right to set the level of rents, as, for the Court, waiving a right*

*necessarily presupposed that it would have been possible to exercise it. There was no waiver of a right in a situation where the person concerned had never had the option of exercising that right and thus could not waive it. It followed that the rent-control regulations had constituted an interference with the landlords` right to use their property (ibid., § 106).*

*47. In the more recent **Zammit and Attard Cassar** (cited above, § 50) case, in a situation where the applicants` predecessor in title had knowingly entered into a rent agreement in 1971 with relevant restrictions (specifically the inability to increase rent or to terminate the lease), the Court held that, at the time, the applicants` predecessor in title could not reasonably have had a clear idea of the extent of inflation in property prices in the decades to follow. Moreover, the Court observed that when the applicants had inherited the property in question they had been unable to do anything more than attempt to use the available remedies, which had been to no avail in their circumstances. The decisions of the domestic courts regarding their request had thus constituted interference in their respect. Furthermore, as in **R & L, s.r.o. and Others**, in **Zammit and Attard Cassar** (both cited above) the applicants, who had inherited a property that had already been subject to a lease, had not had the possibility to set the rent themselves (or to freely terminate the agreement). It followed that they could not be said to have waived any rights in that respect. Accordingly, the Court found that the rent-control regulations and their application in that case had constituted an interference with the applicants` right (as landlords) to use their property (**Zammit and Attard Cassar**, cited above, § 51).*

*48. Turning to the present case, the Court also notes that the applicants had bought their property before the European Court of Human Rights took issue with the Maltese legislation applicable in cases such as **Amato Gauci** (cited above). That judgment was eventually followed in most cases in domestic case-law. However, again*

*the Court finds this not to be decisive given the passage of time between the purchase of the property and now. In this connection the Court reiterates that what might be justified at a specific time might not be justified decades later (see* ***Amato Gauci****, cited above, § 60). In the present case, while it is true that the applicants knowingly entered into the rent agreement in 1988 with the relevant restrictions (specifically the inability to increase the rent or to terminate the lease), the Court considers that the applicants could not reasonably have foreseen the extent of inflation in property prices in the decades that followed (see* ***Zammit and Attard Cassar****, cited above, § 50). Once the discrepancy in the rent applied and that on the market became evident, they were unable to do anything more than attempt to use the available remedies, which they did in 2010, but which were to no avail in their circumstances. The decisions of the domestic courts regarding their application thus constituted interference in their respect. Furthermore, the applicants, who bought a property that was already subject to a restricted lease, did not have the possibility to set the rent themselves or to freely terminate the agreement. Clearly, they could not be said to have waived any rights in that connection (see* ***Zammit and Attard Cassar****, cited above, § 50).*

*49. Accordingly, the Court finds that the rent-control regulations and their application in the present case constituted an interference with the applicants` right (as landlords) to use their property (see* ***Zammit and Attard Cassar****, cited above, § 51). Nevertheless, in circumstances such as those of the present case a number of considerations need to be made in connection with the proportionality of the interference.*

*50. The Court has previously held that rent-control schemes and restrictions on an applicant`s right to terminate a tenant`s lease constitute control of the use of property within the meaning of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1. It follows that the case should be examined under the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1 (see* ***Hutten-Czapska v. Poland***

*[GC], no. 35014/97, §§ 160-61, ECHR 2006-VIII; **Bittó and Others v. Slovakia**, no. 30255/09, § 101, 28 January 2014; and **R & L, s.r.o. and Others**, cited above, § 108).*

*(b) Whether the Maltese authorities observed the principle of lawfulness and pursued a "legitimate aim in the general interest"*

*51. The Court refers to its general principles on the matter as set out in Amato Gauci (cited above, § 53-54).*

*52. That the interference was lawful has not been disputed by the parties. The Court finds that the restriction arising from the 1979 amendments was imposed by Act XXIII of 1979 and was therefore "lawful" within the meaning of Article 1 of Protocol No. 1.*

*53. In the present case the Court can accept that the applicable legislation in the present case pursued a legitimate social-policy aim, specifically the social protection of tenants (see **Amato Gauci**, cited above, § 55, and Anthony Aquilina, cited above, § 57). It is, however, also true that the relevance of that general interest may have decreased over time, particularly after 2008 (see Anthony Aquilina, cited above, § 57), even more so given that following that date, the only person benefiting from the impugned measures was P.G., whose financial situation as shown before the domestic courts and which is not being contested before this Court, leaves little doubt as to P.G`s necessity for such a property, and at a regulated rent. This Court will therefore revert to this matter in its assessment as to the proportionality of the impugned measure.*

*(c) Whether the Maltese authorities struck a fair balance*

*54. The Court refers to its general principles on the matter as set out in Amato Gauci (cited above, § 56-59).*

*55. The Court will consider the impact that the application of the 1979 Act had on the applicants` property. It notes that the applicants could not exercise their right of use in terms of physical possession as the house was occupied by tenants and they could not terminate the lease. Thus, while the applicants remained the owners of the property they were subjected to a forced landlord-tenant relationship for an indefinite period of time.*

*56. Despite any reference to unidentified procedural safeguards by the Government (see paragraph 41 above) the Court has on various occasions found that applicants in such a situation did not have an effective remedy enabling them to evict the tenants either on the basis of their own needs or those of their relatives, or on the basis that the tenants were not deserving of such protection (see* ***Amato Gauci****, cited above, § 60, and* ***Anthony Aquilina****, cited above, § 66). Indeed, when their need arose (some years after they had purchased it) and later despite the little need of it by the tenant – who was not in any particular need of housing (at least after 2008) – the applicants were unable to recover the property. Consequently, the application of the law itself lacked adequate procedural safeguards aimed at achieving a balance between the interests of the tenants and those of the owners (see* ***Anthony Aquilina****, cited above, § 66, and mutatis mutandis,* ***Zammit and Attard Cassar****, cited above, § 61). The Court further considers that the possibility of the tenant leaving the premises voluntarily was remote, especially since the tenancy could be inherited – as in fact happened in the present case. It is clear that these circumstances inevitably left the applicants in uncertainty as to whether they would ever be able to recover their property.*

*57. As to the rent payable, the Court is ready to accept that EUR 466 annually was a more or less reasonable amount of rent in 1988 - particularly given that it was an amount of rent which the applicants were aware of and in spite of which they decided to purchase the property with the relevant restrictions. Furthermore, it was an*

*amount of rent which the applicants expected to receive for a number of years, at least until the demise of J.G. and his wife. Moreover, the Court accepts that at the relevant time the measure pursued a legitimate social-policy aim (see paragraph 53 above) which may call for payments of rent at less than the full market value (see* ***Amato Gauci****, § 77).*

*58. The same cannot be said after the passage of decades, during which the rent had remained the same (as stated by the parties and the domestic courts, the rent is still EUR 466 annually). The Court has previously held that there had been a rise in the standard of living in Malta over the past decades (see* ***Amato Gauci****, cited above, § 63, and* ***Anthony Aquilina****, cited above, § 65). Thus, the needs and the general interest which may have existed in 1979 must have decreased over the three decades that ensued (see* ***Anthony Aquilina****, cited above, § 65). It is noted that as stated by the Government in paragraph 40 above, the minimum wage in 2015 was EUR 720.46 per month, while in 1974 (the date when Malta adopted a national minimum wage) it amounted to the equivalent of less than EUR 100 per month (see* ***Amato Gauci****, cited above, § 60).*

*59. The Court need not identify the exact year at which the rent payable was no longer reasonable. It observes that cases against Malta concerning the same subject matter, that is to say renewal of leases by operation of law - whose rent had been set on an open market – (see* ***Amato Gauci, Anthony Aquilina, and Zammit and Attard Cassar****, all cited above), which have invariably lead to findings of a violation of Article 1 of Protocol No. 1, concerned periods after the year 2000. Furthermore, the Government of the respondent State have often argued that Malta suffered a boom in property prices in 2003 (see, for example,* ***Apap Bologna v. Malta****, no. 46931/12, § 97, 30 August 2016). Lastly, although not determinative, it was only in 2008 that the applicants refused to accept the rent, once P.G. had inherited the property. In the light*

*of the above it suffices for the Court to consider that a rent based on the value of the property as it stood in 1962 with the relevant adjustment which amounted to EUR 466 annually in 1988 and thereafter – was certainly not reasonable for the years following 2000.*

*60. In particular, even if one had to concede that the valuations submitted by the applicants are on the high side, the Court notes that the first-instance domestic court, in 2011, accepted EUR 3,000 per month (that is to say EUR 36,000 per year) as the rental market value of the property (see paragraph 18 above). Thus, the amount of rent received by the applicants, around EUR 39 a month, that is to say EUR 466 per year, for a fourteen-room house in Sliema, a highly sought-after location, is indeed "derisory" as was also found by the first-instance domestic court (see paragraph 18 above). Indeed, that amount of rent contrasts sharply with the market value of the premises in recent years, as accepted by the domestic court or as submitted by the applicant, as it amounted to a little more than 1% of the market value. The Court considers that State control over levels of rent falls into a sphere subject to a wide margin of appreciation by the State and its application may often cause significant reductions in the amount of rent chargeable. Nevertheless, this may not lead to results which are manifestly unreasonable (see* ***Amato Gauci****, cited above, § 62).*

*61. In the present case, having regard to the low rental payments to which the applicants have been entitled in recent years, the applicants` state of uncertainty as to whether they would ever recover their property, which has already been subject to this regime for nearly three decades, the rise in the standard of living in Malta over the past decades, and the lack of procedural safeguards in the application of the law, which is particularly conspicuous in the present case given the situation of the current tenant as well as the size of the property and the needs of the applicants, the Court finds that a disproportionate and excessive burden was imposed on the*

*applicants. It follows that the Maltese State failed to strike the requisite fair balance between the general interests of the community and the protection of the applicants` right of property.*

*62. There has accordingly been a violation of Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention. »*

**b) <u>Gurisprudenza ta` l-Qrati Maltin</u>**

Il-Qorti sejra tghaddi ghal analizi ta` whud mis-sentenzi tal-Qrati taghna dwar il-punt in kwistjoni.

**1. <u>Dr. Cedric Mifsud et vs l-Avukat Generali et</u>**
**(Rik Nru 33/2010 AE)**

**Fl-ewwel istanza, il-kawza kienet deciza fit-18 ta` Settembru 2012. Mill-Qorti Kostituzzjonali kienet deciza fil-25 ta` Ottubru 2013.**

**i) <u>L-ewwel istanza</u>**

L-Ewwel Qorti sabet illi l-Art 12(2) tal-Kap 158 kien imur kontra l-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni.

Kien osservat illi l-Art 12(2) kien baqa` l-istess kif kien meta kien introdott fl-1979.

Kien altru milli evidenti li l-piz finanzjarju kien ghadu mixhut fuq is-sidien privati.

Ghalhekk kien dikjarat illi l-Art 12(2) huwa bla effett fir-rigward tal-proprjeta` mertu tal-kawza, u kien dikjarat li l-inkwilini ma setghux jinvokaw id-disposizzjoni sabiex jibqghu jabitaw fil-fond.

L-Avukat Generali kien ordnat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta` €30,000.

Il-Qorti qalet hekk :

*Sitwazzjoni bhal dik tal-kaz odjern diga` giet trattata mill-Qorti Ewropeja fil-kaz **Amato Gauci vs Malta** (App.Numru 47045/06) deciz fil-15 ta` Settembru 2009, fejn bazikament il-Qorti qalet:-*

*i. Restrizzjoni ghas-sid li jittermina kirja tissarraf f`kontroll tal-uzu tal-proprjeta. Ghalhekk il-kaz ghandu jigi ezaminat taht it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1.*

*ii. L-Att XXIII tal-1979 kien legali in kwantu lghan tieghu kien "a legitimate social policy". Il-Qorti osservat:*

*"Because of their direct knowledge of their society and its needs, the national authorities are in principle better placed than the international judge to appreciate what is in 6 f`dan il-kaz the `general` or `public` interest. The notion of `public` or `general` interest is necessarily extensive. In particular, spheres such a housing of the population, which modern societies consider a prime social neeed and which plays a central role in the welfare and economic policies of Contracting states, may often call for some form of regulation by the State.".*

*iii. Irid jigi sodisfatt l-element ta` proporzjonalita; "As the Court has repeatedly stated, a fair balance must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual`s fundamental rights, the search for such a fair balance being inherent in the whole of the Convention. The requisite balance will not be struck where the person concerned bears an individual and excessive burden (see **Sporrong and Lönnroth** cited above, §§ 69-74, and **Brumărescu v. Romania** [GC], no. 28342/95, § 78,ECHR 1999-VII)." (Ara wkoll **C.M. v Franza** deciza fis-26 ta` Gunju 2011).*

*iv. Il-kera li r-rikorrent kien qieghed jircievi kull sena, mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120), gie ddikjarat li hu baxx.*

*L-istess inghad fir-rigward tal-massimu li seta` jircievi skond il-ligi (Lm420). Kera li tikkontrasta sew ma` dik li tithallas fis-suq hieles. Ghalkemm il-Qorti rrikonoxxiet li l-Gvern kien igawdi minn margni ta` apprezzament wiesgha fir-rigward ta` kontroll ta` kera, "Nevertheless, this may not lead to results which are manifestly unreasonable, such as amounts of rent allowing only a minimum profit.". Fil-kaz taghna b`applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) is-sid kien ikollu jedd ghall- kera ta` Lm99 minn meta ghalaq ic-cens fl-1991, u 15 il-sena wara kien ikollu jedd ghal Lm1488 …*

*v. Meqjus il-kera baxxa, l-incertezza jekk is-sid qattx kien ser jirkupra l-proprjeta tieghu, il-possibilta` remota li l-inkwilina jitlaq mill-fond minn jeddu specjalment mehud in konsiderazzjoni li l-kirja setghtet tintiret, nuqqas ta` salvagwardji procedurali fl-applikazzjoni tal-ligi, u z-zieda tal-istandard of living f`Malta matul is-snin, il-Qorti kkonkludiet li piz zejjed gie mqieghed fuq is-sid; "It follows that the Maltese State failed to strike the requisite fair balance between the general interests of the community and the protection of the applicant`s right of property.". Il-Qorti osservat li c-cirkostanzi fuq imsemmija "...inevitably left the applicant in uncertainty as to whether he would ever be able to recover his property.". Ghalhekk ikkonkludiet li hemm ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.*

*vi. Il-Qorti tat kumpens lir-rikorrent wara li osservat li hu " … entitled to compensation in respect of the loss of control, use, and enjoyment of his property from 2000 to date. In assessing the pecuniary damage sustained by the applicant, the Court, has, as far as appropriate, considered the estimates provided and had regard to the information available to it on rental values on the Maltese property market during the relevant period. It has further considered the legitimate purpose of the restriction imposed, reiterating that legitimate objectives in the "public interest",*

*such as those pursued in measures of economic reform or measures designed to achieve greater social justice, may call for less reimbursement of the full market value."*

*vii. Il-Qorti osservat ukoll li wara l-emendi ntrodotti fl- 1995, l-effetti ta` din il-ligi thassru ghall-kuntratti li saru wara l-1995; "..... a decision which fell within the State`s margin of appreciation, can be deemed reasonably and objectively justified to protect owners from restrictions impinging on their rights."*

*L-emendi li saru fl-1995 wasslu biex ma tinghatax iktar protezzjoni ghal min jaghmel kuntratt ta` enfitewsi fl-1 ta` Gunju 1995 u wara. B`dan il-provvediment, u ohrajn li lliberalizzaw is-suq tal-kirjiet f`Malta, jidher li l-Gvern ta` Malta kien qieghed jirrikonoxxi li l-qaghda socjali tal-pajjiz ma kinetx titlob li tinghata iktar protezzjoni. Madankollu ma saret l-ebda revizjoni ta` dawk li bhal rikorrenti sabu ruhhom imcahhdin mill-proprjeta taghhom bi dritt li jircievu kumpens mizeru. Japplika wkoll f`dan il-kaz il-konkluzjoni li ghamlet il-Qorti Ewropea fil-kaz* ***Lindheim and Others v Norway*** *deciz fit-12 ta` Gunju 2012 :-*
*"Whilst in reaching the above conclusion the Court has focused on the particular circumstances of the applicants` individual complaints, it adds by way of a general observation that the problem underlying the violation of Article 1 of Protocol No. 1 concerns the legislation itself and that its findings extend beyond the sole interests of the applicants in the instant case. This is a case where the Court considers that the respondent State should take appropriate legislative and/or other general measures to secure in its domestic legal order a mechanism which will ensure a fair balance between the interests of lessors on the one hand, and the general interests of the community on the other hand, in accordance with the principles of protection of property rights under the Convention.".*

*Ovvjament m`huwiex id-dmir tal-Qorti biex tghid kif ghandu jsehh bilanc bejn l-interessi tal-privat u l-interessi l-ohra.*

*Il-Qorti Ewropea diga` kellha l-opportunita li tezamina l-Artikolu 12(2) tal-Kap. 158 fil-kaz ta` Amato Gauci u tesprimi l-fehma taghha. Ghalkemm strettament il-gurisprudenza ta` dik il-Qorti ma torbotx lill-qrati lokali, il-Gvern ma ressaq l-ebda raguni valida ghalfejn din il-Qorti m`ghandix issegwi l-insenjament car li johrog minn dik is-sentenza.*

*Wara li l-Qorti qieset l-istima tal-valur lokatizju paragunat mal-hlas li r-rikorrenti huma intitolati li jircievu skond il-ligi, ic-cirkostanzi l-ohra li semmiet il-Qorti Ewropeja fil-kaz ta` Amato Gauci, u wkoll il-fatt li s-sid ghandu dritt ghall-awment fil-kera kull 15-il sena, zmien li din il-Qorti tqies li ma jirriflettix ir-realta` ekonomika taz-zmenijiet tal-lum, il-konkluzjoni hi li hemm ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Il-mizuri li setghu kienu mehtiega matul is-seklu dsatax ma jfissirx li baqghu bzonnjuzi ghaz-zmenijiet tal-lum.*

*…*

*Gialadarba l-Artikolu 12(2) tal-Kap. 158 jipprovdi:-*

*i. Ghall-hlas ta` kera baxxa hafna li ma tirriflettix il-valur tal-proprjeta fuq is-suq. Jekk wiehed kellu joqghod fuq l-istima tal-perit Abela u l-iktar kera li r-rikorrenti huma llum intitolati ghaliha (€465.87 is-sena), ifisser dhul ta` 0.13% tal-valur tal-proprjeta`. Dan il-provvediment ma jissalvagwardjax l-interessi tas-sid, inkluz dak li jaghmlu l-qliegh mill-proprjeta taghhom.*

*ii. Ghall-awment ta` kera kull hmistax-il sena biss.*

*iii. Ghal mod kif jigi kkalkolat awment fil-kera, cioe` bazat biss fuq l-indici ta` inflazzjoni u ma jistax jaqbez id-doppju tal-kera li kien jithallas, minghajr ma wiehed jikkunsidra l-valur tal-proprjeta bhala fattur rilevanti.*

*iv. Ghal fatt li jekk il-partijiet ma jaqblux dwar il-kondizzjonijiet tal-kirja, eskluz dawk li huma*

*regolati mil-ligi, allura l-uniku rimedju li ghandu s-sid hu li jirreferi l-kaz quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera.*

*v. Ghal stat ta` incertezza ghar-rigward ta` meta s-sid ser ikollu dritt jiehu lura l-pussess ta` hwejgu. Ghaddew diga` iktar minn ghoxrin (20) sena minn meta skadiet l-enfitewsi. Incertezza li tezisti minkejja li t-tifsira ta` inkwilina giet ristretta wara l-emendi li saru bl-Att X tal-2009.*

*vi. Ghal nuqqas ta` garanziji procedurali sabiex is-sid ikun jista` jiehu lura l-pussess ta` hwejgu f`kazijiet fejn ikollu bzonn il-proprjeta per ezempju ghall-uzu personali tieghu jew ta` membri tal-familja, jew fejn ic-censwalist ma jimmeritax li jinghata protezzjoni;*

*Il-Qorti ser tiddikjara li dan il-provvediment imur kontra d-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif protett fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan hu provvediment li ghadu kif kien meta gie ntrodott fl-1979, u hu altru milli evidenti li l-piz finanzjarju ghadu sal-lum mixhut kollu fuq dawk is-sidien privati li huma milquta minn dan il-provvediment."*

**ii) <u>It-tieni istanza</u>**

Fid-decizjoni taghha, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-mertu izda naqqset il-kumpens ghall-vjolazzjoni ghal €15,000.

**2. <u>Angela sive` Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim Ministru et Qorti Kostituzzjonali – 7 ta` Dicembru 2012</u>**

Fid-decizjoni taghha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*"Ezaminata din il-kwistjoni, din il-Qorti rat li l-posizzjoni li din il-Qorti u l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem hadu fil-kuntest tal-emendi fil-ligi tal-kera li dahlu fis-sehh fl-1979, ma kienx li tiddikjara l-emendi*

*antikostituzzjonali, peress li hu fis-setgha tal-Gvern li jikkontrolla l-uzu ta` proprjeta` fl-interess generali, u allura li tipprovdi, per ezempju, ghall-konverzjoni ta` titolu ta` emfitewsi temporanju fuq fond okkupat bhala residenza ghal titolu ta` emfitewsi perpetwa jew titolu ta` kera, jaqa` f`din is-setgha tal-Gvern biex jassigura postijiet bizzejjed ghall-abitazzjoni tan-nies; il-legislazzjoni ut sic ma tistax, allura, titqies li tivvjola d-drittijiet fundamentali ta` sidien dawk il-fondi.*

*L-Istat ghandu f`kazijiet bhal dawn margini wiesgha ta` diskrezzjoni billi hu ghandu taghrif dirett tas-socjeta` u l-bzonnijiet taghha, u ghalhekk bhala principju hu f`posizzjoni ahjar biex jiddetermina x`inhu fl-interess pubbliku u x`mezzi jadopera biex jassigura li kulhadd ikollu ghejxien u akkomodazzjoni xierqa. Fis-sentenza* ***Ghigo v. Malta****, deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fis-26 ta` Settembru, 2006, ikkonfermat l-iskop socjali f`legislazzjonijiet li jolqtu materja ta` housing. Hi qalet hekk:*

*"In the present case, the Court can accept the Government`s argument that the requisition and the rent control were aimed at ensuring the just distribution and use of housing resources in a country where land available for construction could not meet the demand. These measures, implemented with a view to securing the social protection of tenants were also aimed at preventing homelessness, as well as at protecting the dignity of poorly-off tenants."*

*Il-Gvern irid jara, pero`, li din il-legislazzjoni fl-interess generali tac-cittadin ma tohloqx piz zejjed fuq sid partikolari ghax dan, bhala s-sid tal-proprjeta`, ghandu dritt ghall-kumpens gust ghall-uzu socjali li l-Gvern irid jaghmel mill-proprjeta` tieghu. Hu obbligu tal-Gvern li johloq bilanc gust bejn l-interess tac-cittadin li jkollu fejn jghammar, u l-interess tas-sid li jiehu gwadan gust mill-proprjeta` tieghu. Jekk il-Gvern sejjer hu jimponi residenza go fond, irid johloq mekkanizmu biex jara` li l-interess tas-sid ma jkunx ippregjudikat.*

*Dan hu s-sens tad-decizjoni fil-kaz* ***__Amato Gauci v. Malta__****, deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-15 ta` Settembru, 2009, meta osservat li fejn l-istat johloq sistema ta` "forced landlord – tenant relationship for an indefinate time", irid jigi assigurat li lis-sid jinghata kumpens li mhux "manifestly unreasonable", kumpens li mhux necessarjament ikun daqs dak li joffri s-suq, imma lanqas ma ghandu jwassal li jaghti lis-sid "only a minimal profit".*

*F`dan il-kaz, il-mekkanizmu li holoq il-Gvern iwassal ghall-kumpens li hu ferm `il boghod mill-kumpens li tkun intitolata ghalih ir-rikorrenti kieku thalliet tpoggi l-appartament taghha ghall- kera fis-suq. Kwindi, il-mekkanizmu li holoq il-Gvern, f`dan il-kaz, falla u ma tax rizultat li jirrispekja d-dritt ta` proprjeta` tar-rikorrenti.*

*Hekk kif il-Gvern ghandu dritt jespropria art fl-interess pubbliku, basta joffri kumpens gust ghal dak it-tehid, hekk ukoll jekk, fl-interess nazzjonali, ihoss li jrid jintervjeni fl-uzu li jsir minn proprjeta` ta` terzi, irid jara li c-cittadin privat ma jigix ippregjudikat, u li jinghata kumpens xieraq ghall-uzu impost. L-aspett socjali ta` ligi trid tigi evalwata mill-Gvern, u sta ghall-Gvern jara li ligi, applikabbli ergo omnes, twassal ghal-konsegwenzi mixtieqa, pero`, fejn se jigu aggevolati klassi ta` persuni f`sitwazzjoni partikolari, il-Gvern irid jara Ii ma tbatix klassi ohra ta` cittadin, u hawn il-htiega ta` bilanc gust.*

*Jinkombi fuq il-Gvern li johloq mekkanizmu li f`kull kaz iwassal ghal bilanc gust, u ghall-fini ta` dan il-kaz, din il-Qorti tara li l-Gvern ma provdix ghas-sitwazzjoni fejn il-kumpens ikun baxx wisq, u lanqas ghas-sitwazzjoni fejn l-okkupant, li jrid jipprevalixxi ruhu mil-ligi, ikun hu sid ta` proprjeta` ohra. F`dan il-kaz, it-thaddim tal-mekkanizmu ta` vantagg lill-konjugi Bajada u dan bid-dritt (i) li jibqghu fl-appartament b`mod indefinit; (ii) li jhallsu kera ta` kwazi €500 fis-sena, meta l-valur lokatizzju tal-fond gie stmat mill-perit inkarigat mill-attrici li hu €7,000 fis-sena; u (iii) meta ghandhom proprjeta` ohra zgur*

*fi Triq Ellul Mercer, Sliema (Mezzanin numru 24 u fond numru 17) u fi Triq Villambrosa, Hamrun (terran) maghruf bl-isem "Dar il-Ferh"). Fil-mekkanizmu li holoq il-Gvern ma hemm ebda "safeguard" kontra dawn l-ingustizzji, u jhalli lil sid il-fond ibati l-konsegwenzi ta` dawn ir-rizultanzi.*

*Dan mhux gust, u jwassal lir-rikorrenti ssofri lezjoni fid-dritt taghha ta` proprjeta` kif protett fl-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja."*

**3. <u>AIC Joseph Barbara et vs L-Onor Prim Ministru et</u> (Rik Nru 65/2007) – Qorti Kostituzzjonali – 31 ta` Jannar 2014**

Kien deciz hekk :-

*"Meta l-Qorti tqis :-*

*"i. Li r-rikorrenti gew imgieghla jidhlu f`relazzjoni kuntrattwali ta` lokazzjoni ghal zmien indefenit, minkejja li l-koncessjoni subenfitewtika kienet diga` skadiet meta giet promulgata u dahal fis-sehh l-Artikolu 12A tal-Kap. 158. Il-ligi stess tipprovdi li l-kirja tiggedded kull 15 il-sena u s-sid ma jistax jirrifjuta li jgedded il-kirja. Inoltre s-sid ikun jista` jiehu l-fond bil-permess tal-Bord Li Jirregola l-Kera f`kazijiet limitati, cioe`` morozita fil-hlas tal-kera, jekk l-inkwilin ikun naqas milli josserva l-kondizzjonijiet tal-kirja, jew ghamel hafna hsara fid-dar, jew uza l-fond milli bhala r-residenza ordinarja tieghu.*

*"ii. L-ghoti ta` titolu ta` lokazzjoni lil min ma kellux dritt jkompli jokkupa fond;*

*"iii. Li r-rikorrenti m`ghandhomx il-mezz biex jikkontestaw jekk is-sitwazzjoni ta` Grima timmeritax li jinghata protezzjoni. Hu minnu li l-Istat ghandu d-dmir li jipprovdi ghal min hu dghajjef. Madankollu l-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn min verament ghandu bzonn li jinghata l-protezzjoni tal-istat u min m`ghandux*

*bzonn. Hekk per ezempju ma tatix il-possibilta ghal indagni biex jigi stabbilit jekk l-okkupant ghandux akkomodazzjoni alternattiva jew x`inhi l-kundizzjoni finanzjarja tieghu.*

*"iv. Bhala nuqqas iehor li l-ligi ma tikkunsidrax il-qaghda finanzjarja ta` min jinsab fil-posizzjoni tar-rikorrenti u jrid jiehu lura hwejgu.*

*"v. Ir-rata baxxa ta` kera li r-rikorrenti ghandhom dritt ghaliha b`applikazzjoni tal-Artikolu 12A tal-Kap.158, meta paragunata mal-kera fis-suq hieles. Id-divergenza hi sinifikanti. Il-qaghda ekonomika tal-pajjiz illum m`hijiex dik li kienet fl-1979, meta gew introdotti l-emendi fil-Kap. 158 li kienu jinkludi l-ghoti ta` dritt ta` kirja wara t-terminazzjoni ta` koncesssjoni enftitewtika temporanja;*

*"vi. Li l-kera tizdied biss kull hmistax-il sena. Fil-fehma tal-Qorti din m`hijiex realistika meta tqies l-gholi tal-hajja. Is-sid ghandu jdejh marbutin fir-rigward ta` b`kemm ghandha tizdied il-kera, in kwantu li hi l-ligi li tiddetta kif ghandha tigi awmentata l-kera;*

*"vii. In-nuqqas ta` certezza dwar meta r-rikorrenti ikunu jistghu jirkupraw il-fond;*

*"viii. Skond il-perit tekniku l-valur tal-fond hu ta` €150,000. Il-Qorti m`ghandix dubju li l-valur tal-fond b`inkwilin ighix fih, hu ferm inqas milli kieku l-fond hu bil-pussess vakanti;*

*ix … Dak li kien bzonnjuz iktar minn tletin sena ilu ma jfissirx li baqa` gustifikat illum il-gurnata;*

*"tikkonkludi biss li t-tezi tar-rikorrenti ghandha mis-sewwa u li l-piz li s-sid qieghed jintalab li jgorr hu eccessiv. L-argument li din il-ligi saret sabiex tirrimedja ghal anamolija li kien hemm fl-Att XXIII tal-1979 wara l-interpretazzjoni li nghatat mill-Qorti tal-Appell fil-kaz Turner vs Cassar, ma jregix.*

*…*

*"In vista ta` dak li nghad hawn fuq m`hemmx htiega li l-Qorti tikkunsidra l-provvedimenti l-ohra tal-ligi li nvokaw ir-rikorrenti in sostenn tat-tezi taghhom li l-Artikolu 12A tal-Kap. 158 iwassal ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif imharsa fl-Artikolu 6 u 14 tal-Konvenzjoni, u l-Artikoli 38, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni.*

*"Min-naha l-ohra l-Qorti hi tal-fehma li ma ghandux ikun li tghaddi ligi simili u l-Istat ma jhallasx kumpens lir- rikorrenti, li sabu ruhhom f`sitwazzjoni fejn persuna li jidher li ma kellux titolu biex jokkupa l-proprjeta taghhom inghata titolu b`mod retroattiv.*

*B`rizultat ta` din il-ligi r-rikorrenti kienu kostretti li fl-ahhar tal-2007 jaghmlu din ilkawza biex jimpunjaw l-Artikolu 12A introdott bl-Att XVIII tal-2007. Ghalhekk ser tordna li l-Istat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta` hmistax-il elf ewro (€15,000) wara li kkunsidrat dak li rrelataw il-perit tekniku Valerio Schembri u l-perit tal-Gvern b`riferenza ghall-valur lokatizju, u meta dahlet fis-sehh il-ligi."*

Kompliet tghid :-

*16. Sitwazzjonijiet bhal dik tal-lum fejn si tratta minn ilmenti ta` vjolazzjoni ta` natura kontinwa tad-drittijiet ta` proprjeta` bhala rizultat tat-twettieq ta` ligijiet li jimponu arrangamenti lokatizji fuq is-sidien u li jipprovdu ghal ammont ta` kera allegatament inadegwat, gew ritenuti li jammontaw ghal mezz ta` kontroll mill-iStat fuq l-uzu tal-proprjeta` u, inkwantu tali, jaqghu sabiex jigu kkunsidrati taht it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.*

*Interferenza bhal din trid tkun kompatibbli mal-principji ta` (i) legalita` (lawfulness), (ii) ghan legittimu fl-interess generali, u (iii) bilanc gust (ECHR **<u>Bitto and others v. Slovakia</u>**, 28/1/2014 #95).*

*17. Oqsma bhalma hu dak tad-djar jistghu ta` spiss jirrikjedu xi forma ta` regolamentazzjoni*

*mill-iStat. Decizjonijiet dwar jekk, u f`dak il-kaz meta, tkun tista` tithalla topera ghal kollox taht it-tmexxija tal-forzi tas-suq liberu jew jekk ghandhiex tkun soggetta ghal kontroll mill-iStat, kif ukoll l-ghazla tal-mizuri mehtiega sabiex jassiguraw il-bzonnijiet tal-komunita` u z-zmien propizju ghat-twettiq taghhom, necessarjament jinvolvu kunsiderazzjonijiet ta` kwistjonijiet socjali, ekonomici u politici kumplessi. Hu ghalhekk rikonoxxut li l-margini ta` apprezzament da parti tal-iStat f`dan il-qasam ghandu jkun wiehed wiesgha u li ghalhekk il-gudizzju tal-legislatur dwar x`inhu fl-interess pubbliku jew generali ghandha tigi rispettata sakemm dak il-gudizzju ma jkunx wiehed manifestament bla bazi.*

*18. B`danakollu, jrid jinzamm proporzjon ragjonevoli bejn il-mezzi uzati u l-ghan persegwit bil-mezzi uzati mill-iStat sabiex jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta` tal-individwu. Din il-htiega ta` proporzjon issib l-espressjoni taghha fin-nozzjoni ta` "bilanc xieraq" li ghandu jinzamm bejn l-esigenzi tal-interess generali tal-komunita` u l-htigijiet tal-harsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. F`dan il-kuntest il-Qorti jehtigilha taghmel ezami komprensiv tal-interessi varji u taccerta ruhha jekk b`rizultat tal-indhil mill-iStat il-persuna li tkun kellhiex tissaporti piz eccessiv u sproporzjonat.*

*…*

*Il-Qorti tirrileva li l-kuntratt ta` subenfitewsi sar fl-14 ta` Gunju 1957 ghall-perjodu pjuttost twil ta` 45 sena.*

*Dakinhar l-awtur tar-rikorrenti certament ma setax janticipa kif l-inflazzjoni kienet ser tnaqqar konsiderevolment il-valur tal-ammont ta` subcens pattwit fil-kors tad-dekorriment taz-zmien mentri seta` jaspira ghall-eventwalita` li l-fond jirritorna ghandu fi tmiem iz-zmien tas-subcens meta jkun jista` liberament jinnegozja d-dhul mill-istess fond fid-dawl tar-realtajiet ekonomici renjanti dak iz-zmien. Il-mizura legislattiva in kwistjoni pprivat lir-rikorrenti minn din il-possibilita`, u l-kriterju*

*tal-gholi tal-hajja, tenut kont tal-livell baxx tal-valur tas-subcens inizjali, irrizulta insufficjenti fil-fehma tal-ewwel Qorti sabiex jinzamm il-bilanc mehtieg billi jigi assigurat lir-rikorrenti rikavat ragjonevoli komparat ma` dak li setghu jircievu li kieku ma kienx hemm l-intervent tal-iStat u dan anki meta jittiehed qies tal-fatt li l-mizura legislattiva in kwistjoni ttiehdet ghal skopijiet ta` interess generali socjali.*

…

*Huwa minnu li fejn si tratta ta` uzu ta` proprjeta` fl-interess generali fil-kuntest ta` social housing il-valur li jista` jkollu jithallas jista` jimporta riduzzjoni konsiderevoli fl-ammont tal-kera pagabbli izda wiesgha kemm hu wiesgha l-margini ta` diskrezzjoni li ghandu l-iStat f`dan il-qasam din id-diskrezzjoni ma hix bla limitu u l-ezercizzju taghha ma jistax igib konsegwenzi li jikkozzaw malesigenzi minimi tal-Konvenzjoni (ECHR* ***Broniowski v. Poland****, 22/6/2004 #182;* ***Hutten-Czapska v. Poland,*** *op.cit. #223;* ***Ghigo v. Malta,*** *op. cit. #68;* ***Edwards v. Malta****, op cit. #77).*

*Barra minn hekk, fl-apprezzament li jrid isir dwar jekk il-mizuri li jittiehdu mill-iStat humiex konformi mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jista` jittiehed qies mhux biss tat-termini relevanti tal-kumpens pagabbli izda wkoll tal-estenzjoni tal-interferenza mill-Istat fil-liberta` tal-persuna li jidhol f`kuntratti u fir-relazzjonijiet kontrattwali fis-suq tal-kiri izda wkoll tal-ezistenza ta` salvagwardi procedurali li jassiguraw li t-thaddim tas-sistema u l-impatt taghha fuq id-drittijiet ta` proprjeta` tas-sid la jkunu arbitrarji u anqas imprevedibbli (ECHR Immobiliare* ***Saffi v. Italy****, 28/7/1999 #54;* ***Ghigo v. Malta****, op.cit. #62). Ghalhekk jista` jittiehed qies tal-interessi vari involuti, inkluz dak tas-sid li jippretendi li jaghmel profitt mill-proprjeta` tieghu (****Hutten-Czapska v. Poland****, op. cit. #239;* ***Ghigo v. Malta****, op. cit. #66), tal-imgieba tal-partijiet, inkluzi l-mezzi uzati mill-Istat u t-twettiq taghhom. Fatturi ohra relevanti huma l-incertezza legislattiva,*

> *amministrattiva jew rizultanti mill-prattici addotatti mill-awtoritajiet.*
>
> *Inoltre, jispetta lill-awtoritajiet pubblici li fi kwistjonijiet fejn hemm l-interess generali jagixxu fi zmien utli u b`mod adegwat u konsistenti (**Broniowski v. Poland**, op. cit. #151). Dan hu li ghamlet sewwa sew l-ewwel Qorti fl-ezercizzju evalwattiv taghha li fil-kors tieghu elenkat dettaljatament il-varji cirkostanzi relevanti tan-natura fuq imsemmija.*
>
> *25. Ghalhekk, l-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti fil-kors tal-apprezzament li ghamlet tal-interessi u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kien wiehed sew u fondat tajjeb u din il-Qorti ma ssibx ragunijiet sufficjenti sabiex tiddisturba l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti bhala rizultat tal-analizi dettaljat u approfondit li ghamlet dik il-Qorti."*

Fid-decizjoni taghha, il-Qorti Kostituzzjonali rrilevat illi l-Art 12A kien jilledi d-dritt fundamentali ghat-tgawdija tal-appartament in kwistjoni dan kien igib mieghu il-konsegwenza illi l-Art 12A fir-relazzjonijiet ta` bejn il-partijiet ghall-kawza kien bla effett (ara Q. Kost. : **H. Vassallo & Sons Ltd. v. Avukat Generali et.** tat-8 ta` Ottubru 2012) u ma setax jigi nvokat bejn il-partijiet ghar-rigward tal-fond li kien mertu tal-kwistjoni.

Id-decizjoni fl-ewwel istanza kienet ikkonfermata. Ghalkemm kien hemm tentattiv ta` ritrattazzjoni, il-procedura ta` ritrattazzjoni kienet dikjarat irrita u nulla b`sentenza tat-13 ta` Jannar 2015.

**4. Maria Ludgarda Borg et vs Rosario Mifsud et**
**(Rik Nru 72/14 AE)**

**Fl-ewwel istanza l-kawza kienet deciza fit-30 ta` Ottubru 2015. Id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali nghatat fid-29 ta` April 2016.**

**i) L-Ewwel Qorti**

Kien deciz fl-ewwel istanza li minkejja l-emendi bl-Att X tal-2010 fejn il-kera saret rivedibbli kull tliet snin u mhux iktar kull hmistax-il sena, xorta wahda ma kien hemmx bilanc xieraq bejn l-interess generali u dak privat tas-sid.

Inghad :

> *"Hu evidenti li f`dan il-kaz il-ligi qeghda tippermetti lir-rikorrenti li tircievi biss a minimal profit (ara sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz* ***Amato Gauci v. Malta*** *47045/2006 tal-15 ta` Dicembru 2009). Dan m`huwiex bizzejjed biex ikun hemm bilanc xieraq. ….`Il fatt li l-kera hi rivedibbli kull tliet snin m`hijiex mizura li tat lok biex jinholoq il-bilanc xieraq li ssemma hawn fuq. Dan iktar u iktar meta hu fatt maghruf li hu s-suq li jirregola l-kera u mhux l-indici ta` inflazzjoni li hemm fl-Iskeda tal-Kap. 158. Ligi li ghal finijiet ta` kera ma taghti l-ebda konsiderazzjoni per ezempju ghal-lokalita fejn jinsab il-fond, id-daqs tal-fond u l-kundizzjoni tieghu.*
>
> *Apparti l-kera hemm fatturi ohra li juru li ma nzammx il-bilanc xieraq. Hekk per ezempju sid il-kera jista` jirrifjuta li jgedded il-kera biss fil-kazijiet limitati kontemplati fl-Artikolu 5(3) tal-Kap. 158. Tezisti wkoll incertezza meta sid il-kera ser ikun jista` jiehu l-fond taht il-kontroll tieghu. Il-probabilta` hi li fl-istat attwali tal-affarijiet hu remot hafna li l-konjugi Mifsud jitilqu minn jeddhom mid-dar oggett ta` dawn il-proceduri.*
>
> *F`dan ir-rigward hemm stat ta` incertezza totali gialadarba l-ligi ma tiffissax terminu massimu li fih il-proprjeta ghandha tibqa` titgawda b`kirja. Sallum diga` ghaddew sbatax-il sena minn meta tterminat il-koncessjoni enfitewtika, u r-rikorrenti m`ghandha l-ebda hjiel meta ser tiehu lura hwejjigha. Inoltre d-definizzjoni ta` kerrej tinkludi wkoll ulied u hut il-kerrej mhux mizzewwgin li jkunu jghixu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu (ara Artikolu 2). Fil-kaz in ezami l-konjugi Mifsud ghandhom tifla li tghix maghhom. Claudia Mifsud xehedet li ricentement xtrat appartament gewwa s-Swatar bhala investiment (102).*

*B`daqshekk ma jfissirx li fil-kaz in ezami m`hemmx il-possibilta li tibqa` tghix maghhom u tgawdi mill-protezzjoni li toffri l-ligi. Mela l-ligi ma toffrix biss protezzjoni lill-inkwilin izda wkoll lil terzi. ….*

*Hekk ukoll fis-sentenza **<u>Albert Cassar et vs Onor`Prim`Ministru et</u>**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:*

*"[36] Din il-Qorti tosserva li l-Att XXIII tas-sena 1979 li jipprovdi ghall-konverzjoni tac-cens temporanju ghal wiehed ta` lokazzjoni jikkostitwixxi ndhil fid-dritt konvenzjonali tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom, stante li permezz tieghu nholqot "forced landlord-tenant relationship" ghal zmien indefenit, b`mod li r-rikorrenti qeghdin isofru deprivazzjoni tal-proprjeta` taghhom, stante li ma jistghux juzawha biex jabitaw fiha, kif ukoll qed isofru telf finanzjarju sostanzjali bil-kera baxx fissat mil-ligi".*

*…*

*Hu fatt li mill-provi rrizulta li l-mezzi finanzjarji tal-intimati jiddependu mill-pensjoni li jircievi l-intimat Rosario Mifsud. Ma rrizultax li ghandhom xi ntrojtu iehor. Li tnejn min-nies ighixu bil-pensjoni tar-ragel li jircievi minghand il-Gvern ma tippermettix hajja ta` lussu…. M`hemmx dubju li l-Gvern ghandu dmir li jipprovdi ghal nies fil-bzonn, izda zgur mhux billi jitfa` l-piz kollu fuq sid il-kera. Ir-realta` tal-lum m`hijiex dik li kienet tezisti fl-1979 meta dahal fis-sehh l-Att XXIII li kien l-Att li holoq a forced landlord-tenant relationship. Dan apparti li l-Gvern lanqas ma pprezenta statistika bhala prova li fic-cirkostanzi tal-lum ghad hemm il-htiega tal-mizura li ttiehdet bl-introduzzjoni tal-Att XXIII tal-1979.*

*…*
*Waqt is-smigh tal-kawza ssemma wkoll li :-*

*i. sid il-kera ghandha iktar gid li wirtet minghand il-genituri. B`daqshekk ma jbiddel xejn minn dak li diga` ntqal.*

*ii. l-intimati Mifsud ghamlu miljoramenti fil-fond … Pero` hi l-ligi stess li tipprovdi li meta jiskadi t-terminu tal-koncessjoni, il-padrun dirett jiehu lura l-fond bil-miljoramenti (Artikolu 1521 tal-Kodici Civili).*

*15. Gialadarba l-ilment tar-rikorrenti hu gustifikat taht l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, m`hemmx il-htiega li l-Qorti titratta l-ilment taghhom fir-rigward tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni."*

**ii) <u>Il-Qorti Kostituzzjonali</u>**

Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet :-

*25. L-ewwel Qorti sabet lezjoni tad-drittijiet tal-intimati taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Kap.319…Kemm l-Avukat Generali, kif ukoll l-intimati konjugi Mifsud jissottomettu illi tenut kont tal-interess generali legittimu wara l-mizura legislattiva in dizamina, il-Qorti ma ghandhiex issib sproporzjon tali li jimmerita sejbien ta` lezjoni tal-artikolu protokolari.*

*…*

*28. Fir-rigward hija opportuna l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad- 29ta` Novembru 2013 fl-ismijiet* ***<u>Christopher Hall v. Awtorita` tad-Djar et</u>*** *li :*

*" … hu l-principju abbraccjat minn din il-Qorti u mill-Qorti Ewropeja li, anke jekk il-mizura li jkun ha l-Istat tkun legittima u tkun fl-interess pubbliku, xorta wahda tista` twassal ghal-lezjoni konvenzjonali jekk ma jinzammx bilanc gust bejn l-interessi tas-socjeta` generali u l-protezzjoni tad-dritt fundamentali sancit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni, b`mod li l-mizura, allura legittima, tkun titfa` fuq l-individwu `a disproportionate and e cessive burden`."*

*Jigi osservat li, ghad li l-istat ghandu margini wiesgha ta` diskrezzjoni f`materja ta` akkomodazzjoni socjali huwa ghandu l-obbligu li jassigura wkoll li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop li jrid jilhaq, ikun hemm bilanc gust bejn il-piz li qed ibati s-sid ta` proprjeta` fit-tgawdija pacifika tad-dritt fundamentali tieghu minhabba kirja protetta, u l-interessi tas-socjeta` in generali. L-istat ghandu ghalhekk l-obbligu illi jassigura li ebda parti ma tkun assoggettata ghal piz sproporzjonat u eccessiv.*

*…*

*32. L-ewwel Qorti sabet li f`dan il-kaz, ghal numru ta` ragunijiet, ma nholoqx bilanc gust bejn l-interess tal-komunita` u l-interessi privati tar-rikorrenti bhala sidien… Din il-Qorti tikkondividi dawn il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti li wassluha sabiex f`dan il-kaz issib ksur tal-artikolu konvenzjonali fuq citat rizultat ta` fatturi li holqu zbilanc bejn l-ghan tal-mizura u l-piz sproporzjonat u eccessiv li qed isofru r-rikorrenti.*

*…*

*34. Tosserva wkoll li huwiex minnu illi l-Qorti ma qiesitx il-fatt illi uzu ta` proprjeta` fl-interess generali fil-kuntest ta` akkomodazzjoni socjali jista` jimporta riduzzjoni konsiderevoli fl-ammont tal-kera pagabbli.*

*Hija ikkonsidrat l-ammont tal-kera fil-kuntest ta` bilanc xieraq, u waslet ghall-konkluzjoni li l-hlas ta` 18% tal-kera li jimmerita` l-fond in kwistjoni fis-suq hieles, ma huwiex bizzejjed biex jintlahaq dan il-bilanc.*

*Dan id-distakk fil-valur lokatizju johloq sproporzjon u jitfa` piz eccessiv u sproporzjonat fuq ir-rikorrenti bi pregudizzju ghad-dritt fundamentali taghhom sancit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.”*

**5. Robert Galea vs Avukat Generali et**
**(Rik Nru 50/15 JRM)**

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-7 ta` Frar 2017 **(mhux appellata**) inghad hekk :-

> *"Illi f`dak li jirrigwarda l-ksur allegat taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni l-kwestjoni tiehu xejra ohra. Ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi biex tistharreg il-kwestjoni mqajma mir-rikorrent taht din id-dispozizzjoni ;*
>
> *Illi fit-tifsira u l-applikazzjoni li nghatat mill-Qrati dwar l-imsemmija dispozizzjoni bhala parti mil-ligi taghna, inghad li din testendi biex thares it-tgawdija hielsa mill-persuna dwar hwejjigha (il-possedimenti taghha) u mhux biss il-harsien mit-tehid ta` pussess kif mahsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.*
>
> *Huwa minhabba f`hekk li l-applikabilita` tal-artikolu taht il-Konvenzjoni jidher li hija usa` minn dak taht il-Kostituzzjoni;*
>
> *Illi bhalma bosta drabi nghad, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fizika u kif ukoll morali) tgawdi hwejjigha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma tithalliex tgawdi hwejjigha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla hsara ta` kundizzjonijiet mahsuba fil-ligi u l-principji generali ta` dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel zewg regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq ligijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-uzu tal-gid skond l-interess generali, jew (b) biex jizgura l-hlas ta` taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B`mod partikolari, fil-harsien tal-jedd imsemmi f`dak l-artikolu irid jintwera li jkun inzamm u thares bilanc xieraq bejn l-interessi tal-komunita` u dawk tal-individwu li gidu jkun intlaqat mill-eghmil tal-Istat. Dwar it-tifsir xieraq ta` dan l-artikolu, il-Qrati taghna diga` (Ara, per ezempju, Kost. 28.12.2001 fil-kawza fl-ismijiet* ***Pawlu Cachia vs Avukat Generali et*** *(Kollez. Vol: LXXXV.i.615) taw il-fehmiet meqjusa*

*taghhom u hargu b`sensiela ta` principji li fuqhom ghandhom jintiznu l-jeddijiet tal-individwu fuq naha u dawk tal-Istat fuq in-naha l-ohra;*

*Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msenslin wahda mal-ohra u ghandhom jinftehmu b`qari ma` xulxin (Q.E.D.B. 23.9.1982 fil-kawza fl-ismijiet **Sporrong & Lonnroth vs Svezja** (Applik. Nru. 7151/75) , § 61). Ghalhekk, filwaqt li l-ligijiet li jaghtu s-setgha lill-Istat li jiehu gid f`idejh ghal ghanijiet pubblici huma meqjusa bhala mehtiega f`socjeta` demokratika, dawn ma jaghtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, ghaliex tali jedd ghandu jitqies bhala eccezzjoni jew limitazzjoni ghall-jedd tal-individwu li jgawdi hwejgu u gidu bil-kwiet, u ghalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tieghu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-ligi. Dan ukoll jghodd fejn l-Istat ma jihux gid f`idejh imma, bhal fil-kaz li l-Qorti ghandha llum quddiemha, jghaddi ligijiet mahsuba biex jirregolaw l-uzu u t-tgawdija ta` gid bhal dak;*

*Illi ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira moghtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija wahda wiesgha u zgur tmur lil hinn mit-tifsira ta` semplici proprjeta`. Kemm hu hekk "the word `possessions` ... indicates that a wide range of proprietal interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporeal and incorporeal interests, such as shares and patents. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions. The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest" (Harris, O`Boyle & Warbrick);*

*Illi ta` min jghid li l-imsemmi artikolu jirreferi ghall-interess pubbliku jew generali, u mhux ghas-skop pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol li jholl u jorbot jekk ghemil jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali. Il-kejl biex jitqies jekk tali interess pubbliku jew generali jinstabx huwa dak li jqis jekk f`ghemil partikolari johrogx il-"fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual`s*

*fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1";*

*Illi huwa stabilit li biex indhil fit-tgawdija tal-gid ta` persuna jkun gustifikat fl-interess generali, irid jintwera li hemm utilita` konkreta ghal dak l-indhil, u mhux semplici ipotesi ta` bzonn jew aspirazzjoni.*

*Minbarra dan, l-interess generali jew pubbliku ghandu jibqa` jsehh ghaz-zmien kollu tal-indhil fit-tgawdija tal-gid tal-persuna (Kost. 10.10.2003 fil-kawza fl-ismijiet **Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet**).*

*Illi huwa mghallem li, ghall-finijiet ta` l-artikolu 1, "there will be deprivation of property only where all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. ... In the absence of a formal extinction of the owner`s right, the Court has been very cautious about accepting that a de facto deprivation of property qualifies as a `deprivation` for the purposes of Article 1/2. De facto takings are generally understood to occur when the authorities interfere substantially with the enjoyment of possessions without formally divesting the owner of his title."*

*Ghalhekk, b`tehid ta` gid minghand is-sid ghall-finijiet ta` dan l-artikolu, jidher li wiehed ifisser il-kaz fejn il-jeddijiet proprjetarji jingiebu fix-xejn (Ara, per ezempju, Kost. 1.2.2008 fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru et**);*

*Illi minbarra dan, kif inghad aktar qabel, huwa accettat li s-setgha tal-Istat li jindahal biex b`ligi jikkontrolla l-uzu tal-gid taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija setgha wiesgha u diskrezzjonali. Dejjem tibqa` l-htiega li jintwera (mill-istess Stat) l-interess generali u l-bilanc xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunita` (Kost. 8.1.2007 fil-kawza flismijiet **Gera de` Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs L-Avukat Generali et**);*

*Illi, min-naha l-ohra, ghal dak li jirrigwarda l-indhil fl-uzu tal-gid min-naha tal-Istat, jidher li dan l-indhil jista` jiehu s-sura ta` kull ghamla ta` kontroll (bla ma jcahhad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jithares il-bilanc bejn il-htiega ta` interess pubbliku jew generali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-gid;*

*Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-tehid jew l-indhil sehh tassew fl-interess pubbliku jew generali (Kost. 24.5.2004 fil-kawza fl-ismijiet* ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet****), hemm qbil li, fejn jidhol dak li jitqies bhala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgha ta` diskrezzjoni (Q.E.D.B. 23.11.2000 fil-kawza fl-ismijiet* ***The former King of Greece et vs Grecja*** *(Applik. Nru. 25701/94) § 87).*

*Madankollu, il-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jghaddi mill-gharbiel tal-bilanc mistenni bejn l-interessi tas-socjeta` u dawk tal-individwu mgarrab bit-twettiq taghha, u dan kemm jekk l-eghmil ikun ta` tehid ta` proprjeta` u kif ukoll jekk ikun "semplicement" dwar indhil fl-uzu taghha (K. Reid* ***A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights*** *(3rd. Edit, 2007) pag. 501);*

*Illi huwa accettat ukoll li s-setgha moghtija lill-Istat li jikkontrolla l-uzu tal-gid ukoll ghal ghanijiet socjali jew fl-interess pubbliku trid titwettaq b`mod proporzjonali mal-interessi tas-sid privat fit-tgawdija ta` hwejgu. Din il-proporzjonalita` tinkiseb fis-sura ta` hlas ta` kumpens xieraq u ghalhekk jekk il-kumpens mahsub mil-ligi ma jkunx xieraq, jonqos l-element tal-proporzjonalita`.*

*Jekk jonqos dan l-element, ikun hemm ksur tal-jedd fundamentali ghat-tgawdija pacifika tal-gid kif imhares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;*

*Illi huwa stabilit li, fejn jidhol l-aspett talproporzjonalita` taht il-Konvenzjoni "inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general*

*interest of the community and the requirements of the protection of the individual`s fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system." (Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak* ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** *(4th Edit, 2006), § 17.4.2, f`pagg. 882 – 3) Dan l-element tal-proporzjonalita` kien kunsidrat b`reqqa mill-oghla Qorti f`Malta f`ghadd ta` kazijiet u l-Qorti tqis li ghandha taccenna ghalihom bla ma tidhol f`dettal ta` tismija mill-gdid (Ara Kost. 27.4.2012 fil-kawza fl-ismijiet* ***Michael Xerri et vs Avukat Michelle Tabone noe et*** *, fost bosta ohrajn);*

*Illi ma hemmx dubju li, fil-kaz li l-Qorti ghandha quddiemha, l-indhil li minnu jilminta r-rikorrent sehh bis-sahha ta` ligi (l-Att XXIII tal-1979). B`dik il-ligi, fir-rigward ta` postijiet li qabel kienu dekontrollati, fi tmiem ta` enfitewsi li taghlaq ta` post bhal dak, is-sid (i) ma setax aktar jippretendi li l-utilista johrog mill-post, imma l-ligi kienet tat lil dak l-utilista l-jedd li jibqa` joqghod fih bhala kerrej. Illi (ii) l-kirja kienet imgedda ghal zminijiet ta` hmistax-il (15) sena kull wahda, bil-hlas tal-kera regolat. Illi (iii) s-sid ma setax aktar jirrifjuta li jgedded il-kirja hlief fic-cirkostanzi imsemmija fl-istess dispozizzjonijiet, u (iv) ma setax jimponi kundizzjonijiet ohrajn hlief dawk ukoll stabiliti espressament.*

*Ghar-rigward tat-tehid lura tal-post minghand il-kerrej, is-sid irid juri lill-Bord li Jirregola l-Kera li l-kerrej ikun kiser il-kundizzjonijiet tal-kirja dwar hlas f`waqtu tal-kera, iz-zamma f`kundizzjoni tajba tal-post mikri u l-harsien tal-kundizzjonijiet miftehma, fosthom li ma jkunx inqeda mill-post b`uzu iehor minn dak miftiehem li l-post kien inkera ghalih. Dwar il-kundizzjonijiet li s-sid jista` jimponi, il-kera ma baqax minghajr kontroll u seta` jizdied biss kull hmistax-il sena skond l-indici tal-inflazzjoni u ma jaqbizx id-doppju tal-ammont tal-perjodu ta` qabel. Ghal dak li jirrigwarda t-tiswijiet u z-zamma f`kundizzjoni tajba tal-post, sid il-kera ma setax jehles mir-rabta li jidhol ghall-ispejjez mehtiega jekk mhux*

*qabel iressaq quddiem l-imsemmi Bord li Jirregola l-Kera certifikat minn perit arkitett u accettat mill-kerrej, li juri li l-post kien fi stat tajjeb ta` tiswija62. Qabel ma dahlu dawn id-dispozizzjonijiet, sid ta` post dekontrollat ma kienx marbut b`dawn il-kundizzjonijiet f`kaz li jikri l-post;*

*Illi fil-kaz tal-kirja li nhalqet favur l-intimati Ganado, dawn gew igawdu mill-bidliet li ddahhlu fil-ligi bl-Att XXIII tal-1979 kemm ghaliex il-post kien koncess lilhom b`enfitewsi temporanju bhala d-dar fejn joqoghdu u jghixu regolarment u kif ukoll ghaliex huma kienu cittadini Maltin. Tajjeb jerga` jinghad li meta l-intimati Ganado kisbu l-koncessjoni enfitewtika tal-post minghand ir-rikorrent, huma kienu ghamlu dan bil-weghda li johorgu mill-post malli jaghlaq iz-zmien miftiehem u sakemm ikunu ghadhom ma xtrawx post taghhom fejn kien fi hsiebhom imorru joqoghdu;*

*Illi l-Qorti hija tal-fehma wkoll li wiehed ma jistax jittraskura aspett ewlieni li johrog min-natura tal-kuntratt tal-enfitewsi. Jidher li dan l-aspett mhux kulhadd jaghraf is-siwi tieghu u jaghti `l wiehed x`jifhem li sahansitra quddiem il-Qorti ta` Strasbourg dan il-kuncett tal-kuntratt mhuwiex apprezzat kemm jisthoqqlu. Il-Qorti qieghda tirreferi ghall-fatt li l-kuntratt ta` enfitewsi jista` jixxiebah ma` bejgh, fejn l-utilista jinghata jeddijiet wesghin fuq il-gid moghti lilu b`enfitewsi u fejn id-direttarju jxidd (ghat-tul tal-koncessjoni) kwazi l-kontroll kollu fuq il-haga li jkun ta` b`enfitewsi, hlief ghall-gharfien tad-dirett dominju tieghu bil-hlas tal-"canone". Dan ifisser li l-"canone" jew cens li kien ikun impost f`koncessjoni enfitewtika ma kienx tabilfors jitkejjel mas-siwi intrinsiku jew skond is-suq tal-gid li jkun qieghed jinghata b`enfitewsi, izda kien ikun hlas nominali bhala turija biss tal-ezistenza tal-jeddijiet tal-padrun dirett. Fil-bicca l-kbira tal-kazijiet, din kienet tkun ghazla konxja u hielsa tal-koncedent direttarju;*

*Illi meta, ghalhekk, l-artikolu 12 tal-Kapitolu 158 rabat il-kejl tal-hlas tal-kera l-gdida ex lege ma` kemm kien l-ammont tal-"canone" li jithallas*

*matul il-koncessjoni enfitewtika, kienet qieghda tinhalaq sitwazzjoni li tabilfors iddarras lill-padrun dirett fl-gheluq tal-imsemmija koncessjoni. Kemm hu hekk, it-taqbil li llum isir dwar il-valur lokatizju ta` fond li seta` kien inghata b`enfitewsi li taghlaq, iwassal ghar-rizultati kontrastanti mal-kejl tal-kera dovuta marbuta mal-ammont ta` "canone" li kien iffissat liberament bejn il-kontraenti, kif jidher li kien il-kaz fil-koncessjoni enfitewtika originali bejn ir-rikorrent u l-intimat Ganado. Dan il-fattur issa jidher li huwa wkoll rizultat li johrog f`bosta kazijiet fejn wiehed jigi biex iqis l-aspett tal-proporzjonalita` tal-mizura fil-konfront tat-tgawdija tal-jedd tas-sid fuq hwejgu;*

*Illi minhabba f`hekk, jibqa` fatt mhux kontestat li t-tigrib li jsib ma` wiccu l-padrun dirett meta taghlaq koncessjoni (sub-)enfitewtika mhuwiex daqstant minhabba r-riperkussjonijiet tal-ghazla tieghu li jimponi "canone" mhux kalibrat mal-valur fis-suq tal-immobbli,daqskemm minhabba l-fatt li, fl-gheluq tal-imsemmija koncessjoni, sejra tinhalaq kirja mkejla fuq u b`rabta` mal-imsemmi "canone" u liema kirja zzomm milli l-immobbli bil-benefikati mtellghin fuqu jerga` lura ghand sidu. Kif sewwa inghad f`dan ir-rigward "il-fatt illi l-ligi taghti lis-sid il-jedd biss illi l-kera jzomm il-valur monetarju tieghu bla konsiderazzjoni ghall-fatt illi s-sid gie mcahhad mill-possibilita` li jiehu l-fond lura jew li jikrih b`kundizzjonijiet aktar vantagguzi, u l-fatt ukoll illi l-ligi ma tahseb ghal ebda mekkanizmu biex tkun valutata tassew il-htiega socjali tal-kerrej ghal kirja protetta, u ma tahsibx ghall-possibilita` li dik il-htiega tigi mqabbla mal-htiega, li tista` tkun xejn anaqas socjali, tas-sid, jaghmlu l-ligi nieqsa minn dawk l-elementi li joholqu bilanc u proporzjon bejn il-htiega genwina ghall-akkomodazzjoni socjali u li ccahhad lis-sid mit-tgawdija ta` hwejgu" (Kost 30.9.2016 fil-kawza fl-ismijiet* ***Maria Stella Azzopardi Vella et vs Avukat Generali et*** *§20);*

*Illi fis-sottomissjonijiet tieghu, ir-rikorrent jghid li bil-bidliet li saru fil-ligi matul iz-zmien li kienet ghadha miexja l-koncessjoni enfitewtika originali,*

*huwa garrab hsara kemm f`dak li jirrigwarda l-ammont ta` dhul li seta` jippretendi bi dritt minghand l-utilista u kif ukoll bil-fatt li lanqas seta` aktar jiehu l-post lura f`idejh mal-gheluq tal-istess koncessjoni, minkejja li jghid li wliedu kellhom bzonnu biex jghixu fih huma.*

*Ghalhekk, jghid li huwa qieghed illum bla htija tieghu jgorr il-piz ta` rabta legali li ma kienet bl-ebda mod mahsuba meta dahal fis-sehh l-Att XXIII tal-1979.*

*Ikompli jargumenta li l-fatt li hu accetta ghal numru ta` snin il-kera minghand l-intimati Ganado wkoll wara li kien ghalaq iz-zmien konvenzjonali ma jnaqqas xejn mill-fatt li jezisti zbilanc bejn l-interessi tieghu dak milhuq mill-interess pubbliku. Jishaq li l-kera li jdahhal illum minghand l-intimati Ganado – elfejn disa` mija u hdax-il euro u tlieta u ghoxrin centezmi (€ 2911.23) kull sena – jgibu mqar sbatax fil-mija (17%) tal-valur lokatizju xieraq li l-post kien stmat mill-perit tekniku mqabbad mill-Qorti li jista` jgib f`kera fiz-zmien li nfethet din il-kawza. Jghid ukoll li tassew ghandu bzonn il-post kemm ghalih u ghal martu u bil-ligi kif inhi ma jistghux johduh f`idejhom, filwaqt li wliedhom kellhom ifittxu post ghalihom biex jikruh bi hlas ta` kera gholi. Huwa jishaq li fid-dawl tal-ksur tal-jedd li huwa qieghed igarrab, ir-rimedju xieraq ghandu jkun il-hlas ta` kumpens ghat-telf ta` kera minn dak inhar li l-koncessjoni enfitewtika ntemmet u nhalqet il-kirja sallum, imqabbla ma kemm kien inkera l-post li kieku kien hieles biex jinkera fuq is-suq; u kif ukoll li l-post jintraddlu lura battal mill-kerrej, ghaliex anqas minn hekk, il-hsara li qieghed igarrab tibqa` ma tissewwiex;*

*Illi, min-naha taghhom l-intimati Ganado jishqu hafna fuq il-fatt li r-rabta kuntrattwali li nhalqet bil-ftehim tal-2009 ma tistax tissarraf fi ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent. Huma jghidu li nqdew b`jedd li taghtihom il-ligi u ma jistghux iwiegbu ghall-ilment ta` ksur ta` jedd fundamentali li ma halquhx huma.*

*Itennu li lanqas ma tista` tintlaqa` t-talba tar-rikorrent biex din il-Qorti tordnalhom johorgu mill-post u li lanqas ma huwa xieraq li huma jkunu kundannati jhallsuh kumpens, imma jekk tassew hemm ksur taljeddijiet tar-rikorrenti, hu l-Istat li ghandu jhallas kumpens bhal dak;*

*Illi l-intimat Avukat Generali jargumenta li l-Konvenzjoni taghti lill-Istat setgha wiesgha biex jindahal fil-jedd ta` tgawdija tal-possedimenti tal-privat ghal interess pubbliku. Izid jghid li r-rikorrent minn rajh biddel il-binarji ta` din il-kawza hekk kif qataghha li jidhol f`kuntratt ta` kirja gdid mal-intimati Ganado li ma baqghetx aktar marbuta mad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Izid jghid li wkoll kieku l-Qorti kellha ssib li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 158 kienu jiksru l-jedd fundamentali tar-rikorrent, b`daqshekk ma jgibx ukoll il-hall tal-ftehim ta` kirja li sar fl-2009 bejnu u l-intimati Ganado u li fadallu sa Novembru tal-2023 biex jaghlaq u b`harsien tar-regola li l-kuntratti jorbtu lil min jidhol fihom – pacta sunt servanda – u jridu jitwettqu b`bona fidi. L-intimat jghid li ma hemm l-ebda dubju li meta ghaddiet il-ligi fl-1979, l-Istat kien qieghed jaghmel dan b`ghan legittimu fejn l-indhil kien jinvolvi t-thaddim ta` politika socjali u ekonomika f`qafas ta` interess pubbliku u ta` gustizzja socjali. Jghid li dik il-ligi kienet taqa` fil-parametri tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u zzomm bilanc gust bejn l-ghan socjali mahsub wara dik il-ligi u r-rispett u l-harsien tal-jeddijiet fundamentali tas-sidien dwar it-tgawdija ta` hwejjighom. L-ghan socjali wara l-bidliet fil-ligi bl-Att XXIII tal-1979 – dak li fl-interess pubbliku ikun assigurat li jkun hemm provvista ta` djar fejn wiehed jghix ghal min ikun nieqes minn tali akkomodazzjoni minhabba ragunijiet finanzjarji u socjali – kien maghruf ukoll mill-Qorti ta` Strasbourg f`bosta sentenzi li tressqu quddiemha minn applikanti minn Malta. Itemm jghid li llum il-gurnata l-ligi regghet inbidlet u saret izjed favorevoli ghas-sidien u jolqtu lir-rikorrenti wkoll;*

*Illi din il-Qorti tqis li, fic-cirkostanzi tal-kaz, ma jistax jinghad li r-rikorrent gie "privat" jew imcahhad minn hwejgu ghall-finijiet tat-tifsira moghtija fl-ewwel paragrafu tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.*

*Madankollu, ma hemm l-ebda dubju li, bis-sahha tal-Att XXIII tal-1979, sehh indhil sostanzjali fit-tgawdija ta` hwejgu b`mod li l-ilment tieghu jaqa` biex jitqies taht it-tieni paragrafu tal-istess artikolu. Kif inghad qabel, filwaqt li dak l-indhil huwa legali (ghaliex huwa sewwasew l-effett ta` ligi mghoddija mill-Parlament), u filwaqt li ma hemm l-ebda dubju li l-ghan li ghalih kienet ghaddiet il-ligi kien dak li jipprovdi akkomodazzjoni mharsa lil ghadd ta` persuni, wiehed irid jara jekk dak l-indhil kienx wiehed meqjus jew proporzjonali jew jekk, minhabba fih, is-sid tal-gid (f`dan il-kaz partikolari r-rikorrent) intalabx jerfa` piz zejjed u sproporzjonat fit-tgawdija tal-jedd tieghu meta mqabbel mal-ghanijiet li ghalihom dik il-ligi ddahhlet fis-sehh;*

*Illi l-Qorti jidhrilha li jixraq tqis li, qabel ma ddahhlu fis-sehh id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Kap 158, fil-ligi kien diga` ilu s-snin li ddahhlu dispozizzjonijiet li jharsu lill-kerrejja ta` postijiet urbani. Kemm hu hekk, id-dispozizzjonijiet tal-Kap 158 kienu jirrapprezentaw eccezzjoni ghal dawk id-dispozizzjonijiet u l-kelma "dekontrollat" kienet tirreferi sewwasew ghat-tnehhija ta` certi fondi "godda" mill-morsa tad-dispozizzjonijiet tal-ligijiet il-qodma, jekk ikunu mharsa certi kundizzjonijiet hemm preskritti.*

*Dan ifisser li l-Kap 158, sal-1979, kien eccezzjoni ghar-regola ta` x`jigri minn post urban moghti b`koncessjoni enfitewtika meta tintemm il-koncessjoni miftehma.*

*Mela, meta ddahhlu fis-sehh id-dispozizzjonijiet tal-ligi bl-Att XXIII tal-1979, il-legislatur kien qieghed jerga` johloq eccezzjoni fl-eccezzjoni u jikkontrolla x`setghat kien ikollu s-sid ta` post iddekontrollat fl-eghluq ta` koncessjoni enfitewtika u x`jeddijiet kien ikollu l-okkupant tal-istess post fi tmiem koncessjoni bhal dik;*

*Illi l-Qorti thoss li din il-precizazzjoni hija mehtiega fil-kaz li ghandha quddiemha llum – b`mod partikolari f`dak li jirrigwarda l-kriterju tal-proporzjonalita` – ghaliex biha johrog car li d-dispozizzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 kienu ndhil legislattiv meta fl-ordinament guridiku Malti kienu jezistu diga` ligijiet ohrajn li jipprovdu ghall-harsien tal-akkomodazzjoni socjali kemm f`dak li jirrigwarda s-setghat tal-Istat li jiehu b`rekwizizzjoni gid immobbli privat biex jaghtih b`kiri lil min kien jehtiegu, u kif ukoll f`dak li jirrigwarda l-kiri ta` postijiet qodma f`dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet u d-drittijiet privati bejn sidien u kerrejja;*

*Illi, minbarra dan, il-bidliet li ddahhlu fil-ligi bl-Att XXIII tal-1979 inghatalhom effett retrospettiv, jigifieri saru jghoddu wkoll ghal koncessjonijiet enfitewtici ta` postijiet dekontrollati moghtija qabel ma gie fis-sehh l-imsemmi Att. Dan ifisser li, fi tmiem koncessjoni bhal dik, tnisslu effetti u konsegwenzi legali li l-partijiet kontraenti ma kellhomx f`mohhhom meta ntrabtu bil-ftehim tal-istess koncessjoni enfitewtika ta` post bhal dak. Dawn l-effetti u konsegwenzi ghabbew aktar lis-sidien u iffavorew lill-utilisti li mbaghad, b`daqqa ta` pinna, saru kerrejja. Dawn l-effetti u konsegwenzi ma baqghux jghoddu fil-kaz fejn kirjiet ta` postijiet dekontrollati saru fl-1 ta` Gunju, 1995 jew wara dakinhar. Minhabba f`hekk, il-kirja mertu tal-kaz tal-lum ma setghetx tiehu beneficcju minn din il-liberalizzazzjoni;*

*Illi b`zieda ma` dan kollu, kien biss wara bosta snin minn mindu r-rikorrent sab ruhu milqut minn dawn il-bidliet legislattivi li minnhom tant jilminta li fetah din il-kawza fl-2015. Dan ma jfissirx li b`daqshekk tilef l-istatus tieghu ta` "vittma" tal-ligi li minnha jilminta, izda din ic-cirkostanza taf thalli tabilfors impatt fuq il-kwalita` tal-ilment imressaq (Kost. 25.10.2013 fil-kawza fl-ismijiet **Dr Cedric Mifsud et vs L-Avukat Generali et**) u wkoll fuq ir-rimedju moghti (Kost. 3.3.2011 fil-kawza fl-ismijiet **Dr David Tonna et vs Kummissarju tal-Artijiet et**).*

*Ghalkemm f`dan ir-rigward irid jinghad ukoll li l-fatt li l-ligi ma timponix fuq sid zmien sa meta jmissu jiftah proceduri dwar ilment ta` ksur ta` jedd fundamentali tqies mill-Qorti fi Strasbourg bhala "questionable" li l-Qorti domestika tiehu qies tad-dewmien fit-tnedija tal-proceduri bhala wiehed mill-kriterji li fuqu jitkejjel il-kumpens (Ara Q.E.D.B. 30.8.2016 fil-kawza fl-ismijiet **Montanaro Gauci et vs Malta** (Applik. Nru. 31454/12) §45);*

*Illi meta l-Qorti tigi biex tqis jekk l-indhil li r-rikorrent garrab huwiex wiehed li joqghod ghall-htigijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, trid taghmel "an overall examination of the various interests in issue, bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are `practical and effective`. It must look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of.*

*In cases concerning the operation of wide-ranging housing legislation, that assessment may involve not only the conditions of the rent received by individual landlords and the extent of the State`s interference with freedom of contract and contractual relations in the lease market, but also the existence of procedural and other safeguards ensuring that the operation of the system and its impact on a landlord`s property rights are neither arbitrary nor unforeseeable" (Q.E.D.B. 11.12.2014 fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Aquilina vs Malta** (Applik. Nru. 3851/12) §60);*

*Illi meta wiehed iqis il-fatturi u c-cirkostanzi kollha marbuta mal-kaz, wiehed isib li l-piz finanzjarju ghadu mitfugh kollu fuq ir-rikorrent sallum. Dan johrog l-izjed meta wiehed iqis il-valur li l-post kien meqjus li jista` jinkera kemm fiz-zmien meta ghalqet il-koncessjoni enfitewtika u kif ukoll kemm kien jinkera llum li kieku ma kinetx fis-sehh il-ligi kif inhi b`effett tal-Att XXIII tal-1979. Il-perit tekniku sab li fis-sena meta ghalqet il-koncessjoni enfitewtika maghmula lill-intimati Ganado (jigifieri f`Dicembru tal-1993) il-valur li bih il-post kien jista` jinkera kien ta` erbat elef disa` mija u sitta u hamsin euro (€ 4,956) fis-sena filwaqt li llum l-*

*istess appartament kien jista` jinkera ghal sbatax-il elf u seba` mitt (€17,700) fis-sena. Meta l-koncessjoni enfitewtika ntemmet u nhalqet il-kirja ope legis (fl-1993) l-oghla kera li seta` jintalab minghand l-intimati Ganado kien ta` elfejn u tnejn u ghoxrin euro (€2,022) fis-sena, filwaqt li ghat-tieni tigdida tal-kirja ghal hmistax-il (15) sena sat-30 ta` Novembru, 2023, il-kera li l-intimati Ganado huma tenuti jhallsu hu ta` elfejn disa` mija u hdax-il euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€ 2,911.22) fis-sena;*

*Illi dan ifisser li filwaqt li meta nhalqet il-kirja l-kera li seta` jintalab minghand l-intimati Ganado kien jitla` ghal madwar wiehed u erbghin fil-mija (41%) tal-valur lokatizju xieraq tal-post, issa l-kera dovut bilkemm ilahhaq is-sbatax fil-mija (17%) tal-valur lokatizju xieraq tal-istess post illum. Jigifieri aktar ma qieghed jghaddi z-zmien jirrizulta li aktar qieghed jikber id-distakk bejn dak li jithallas b`kera u dak li jixraq jithallas. Meta wiehed iqabbel il-kera dovuta mal-kera li l-post jista` jinkera bih li kieku ma kienx maqbud taht l-effetti tal-Att XXIII, wiehed isib li hemm disproporzjon qawwi bejn qaghda u ohra u li dan id-disproporzjon qieghed igarrbu r-rikorrent wahdu, minkejja l-ghanijiet legittimi u socjali li l-ligi qieghda tilhaq fir-rigward tal-intimati Ganado;*

*Illi ghalhekk, il-Qorti tasal ghall-fehma li fil-qaghda li jinsab fiha r-rikorrent illum u ladarba l-bidliet li regghu saru fil-ligi baqghu ma indirizzawx ghal kollox qaghda bhal dik li jinsab fiha r-rikorrent, u kif ukoll fid-dawl tat-tifsira li nghataw id-dispozizzjonijiet rilevanti tal-Kap 158 kif mibdula bl-Att XXIII tal-1979, kemm mill-qrati ta` kompetenza kostituzzjonali Maltin (Kost. 29.4.2016 fil-kawza fl-ismijiet* ***Maria Ludgarda Borg et vs Rosario Mifsud et****) u kemm tal-Qorti ta` Strasbourg (Q.E.D.B. 15.9.2009 fil-kawza fl-ismijiet* ***Amato Gauci vs Malta*** *(Applik. Nru. 47045/06) §§51 –2; u Q.E.D.B. 11.12.2014 fil-kawza fl-ismijiet* ***Anthony Aquilina vs Malta*** *(Applik. Nru. 3851/12) §66 – 7 fost ohrajn), jirrizulta li r-rikorrent garrab u qieghed igarrab ksur tal-jedd tieghu ghat-tgawdija pacifika ta` hwejgu kif imhares bl-artikolu 1 tal-Ewwel*

*Protokoll tal-Konvenzjoni u dan minhabba li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 12(2) u (3) imsemmi Kap 158 iqiegħed fuqu piz sproporzjonat meta mqabbel mal-ghan li ghalih iddahhlu fis-sehh l-istess dispozizzjonijiet;*

*Illi, madankollu, safejn l-ewwel talba tar-rikorrent, kif imfassla, torbot il-ksur imgarrab minnu mal-fatt li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Kap 158 "jirrenduha impossibbli lir-rikorrenti li jirriprendi lpussess tal-proprjeta` tieghu" din il-Qorti diga` qalet aktar qabel li dan ma jidhirx li huwa l-kaz. Huwa tabilhaqq izjed iebes u difficli li r-rikorrent isehhlu jnehhi lill-intimati Ganado mill-post – l-aktar minhabba l-ftehim tal-kirja li ghadu ghaddej – izda l-ligi ma taghlaqx il-bieb lilu biex jinghata dak ir-rimedju u l-procedura u l-access ghal tribunal indipendenti u imparzjali biex jilhaq dak il-ghan huwa disponibbli lilu bhalma huwa disponibbli ghal kull sid iehor ta` post mikri bhala residenza protetta jew `kontrollata`. Dan il-punt jinghad b`aktar qawwa fid-dawl tal-effetti li din il-Qorti tqis li jinhalaq bis-sejbien tal-ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll meta meqjus l-artikolu 12 tal-Ordinanza. Ghalhekk, il-Qorti ma ssibx li tassew jezisti ksur tal-jedd fundamentali tarrikorrent taht l-ewwel talba tieghu ghar-raguni li huwa jaghti f`dik it-talba;*

*Illi b`daqshekk ma jfissirx li l-Qorti ma tistax issib ksur tal-jedd taht it-tieni talba tar-rikorrenti. Ghalkemm fid-dehra taghha din it-tieni talba tista` tkun konsegwenzjali ghall-ewwel talba, huwa car ghal din il-Qorti li r-rikorrenti tassew qieghed igarrab ksur tal-jedd tieghu kif imhares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghar-ragunijiet imsemmijin aktar `il fuq u li ma hemmx ghalfejn jergghu jissemmew. B`mod partikolari, ma jistax jinghad li, minn dak li hareg mill-fatti u mill-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, it-tieni talba ma tistax triegi fuq is-sahha taghha, safejn imsejsa fuq ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dan qieghed jinghad ghaliex din il-Qorti waslet ghall-fehma li r-rikorrenti qieghed igarrab ksur tal-jedd tieghu taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni minhabba li l-piz li l-ligi qieghda ggeghelu jgorru*

> *huwa wiehed sproporzjonat meta mqabbel mal-ghan li ghalih l-indhil kien mahsub li jirregola favur l-intimati.*
> *Ghalhekk, it-tieni talba hija tajba u sejra tintlaqa` u dan safejn titlob is-sejbien ta` ksur ta` jedd fundamentali taht il-Konvenzjoni."*

(ara wkoll : **<u>Sergio Falzon et vs Alfred Farrugia et : PA/K : Rik. Nru. 8/2016 LSO : 30 ta` Jannar 2018 : appellata ; Catherine Cauchi et vs Avukat Generali et</u> : Rik. Nru. 92/13 AF : QK : 26 ta` Jannar 2018 ; <u>Rose Borg vs</u> <u>Avukat Generali et</u> : Rik. Nru. 25/13 LSO : QK : 11 ta` Lulju 2016 ; <u>Josephine Azzopardi et vs L-Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru. 72/15 JPG : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe et vs L-Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru. 80/14 MCH : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe et vs L-Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru. 88/14 MCH : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe et vs L-Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru. 96/14 MCH : 25 ta` April 2018 ; <u>Rebecca Hyzler et vs Avukat Generali et : PA/K : Rik. Nru. 42/15 MH : 9 ta` Mejju 2018 : appellata ; Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : 75/2014 JZM : 25 ta` April_2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru. 77/2014 JZM : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru. 79/2014 JZM : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru 81/2014 JZM : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru 82/2014 JZM : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru 85/2014 JZM : 25 ta` April 2018 <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru 87/2014 JZM : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru 89/2014 JZM : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru 90/2014 JZM : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru 91/2014 JZM : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> QK : Rik. Nru 93/2014 JZM : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru 94/2014 JZM : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru 95/2014 JZM : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru 97/2014 JZM : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru 98/2014 JZM : 25 ta` April 2018 ; <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK Rik. Nru 5/2015 JZM : 25**

**ta` April 2018 ; <u>Angela *sive* Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim Ministru et</u> : PA/K : 15 ta` Dicembru 2017 : appellata ; Maria Pia *sive*` Marian Galea vs Avukat Generali et : Rik. Nru. 2/2017 SM : 7 ta` Novembru 2017 : appellata ; u <u>Josephine Azzopardi pro et noe vs Onor Prim Ministru et</u> : QK : Rik. Nru 6/2015 JZM : 9 ta` Marzu 2018 : appellata)**

## c) <u>Risultanzi</u>

Fil-kaz tal-lum, il-koncessjoni tac-cens temporanju ghal 17-il sena kienet bdiet tiddekorri fl-1966. Il-hsieb tas-sidien kien illi jorbtu l-proprjeta` taghhom ghal zmien limitat biss. Waqt li kien ghaddej ic-cens, dahlu fis-sehh l-emendi ghall-Kap 158 bis-sahha tal-Att XXIII tal-1979. Bit-thaddim tal-Art 12(2) u (3) tal-Kap 158, mal-gheluq tas-17-il sena, ic-cens kien konvertit ghal kera *ope legis.* Kemm kellha tithallas kera ma thalliex ghall-kontrattazzjoni libera ta` bejn is-sid u l-inkwilin (gia` censwalist) izda kien determinat mil-ligi stess. Dan l-istat ta` dritt gab kapovolgiment tal-qaghda tal-partijiet. Meta saret il-koncessjoni enfitewtika fl-1966 il-partijiet kienu liberi illi jikkontrattaw dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet illi xtaqu, inkluz il-quantum tal-canone u z-zmien tal-koncessjoni. Intervjena l-legislatur fi tmiem ic-cens temporanju b`mizura ta` kontroll tal-kera sabiex jevita sitwazzjoni fejn l-inkwilin ma jkunx jiflah ihallas u allura jispicca barra t-triq ghax ma jkunx jista` jasal mas-sid. Il-konsegwenza tal-intervent legislattiv kienet illi bil-konverzjoni ghal kera, is-sid tilef il-jedd ghall-kontrattazzjoni libera u fuq kollox kontroll fuq kemm ghandu jircievi kera ghaliex dak kien stabbilit mil-legislatur b`formola pre-determinata marbuta bil-fattur taz-zmien u tal-indici tal-inflazzjoni, kriterju dan tal-ahhar li l-prova taz-zmien uriet li ma kienx jirrifletti dak li kien jiddetta s-suq liberu.

L-introduzzjoni tal-Att XXIII tal-1979 kien motivat minn skop legittmu u fl-interess pubbliku ghaliex kien immirat illi jipprovdi akkomodazzjoni lil firxa akbar ta’ nies, u jiskansa li persuni jispiccaw zgumbrati minn djarhom wara l-iskadenza ta` cnus temporanji. Is-sitwazzjoni ekonomika u socjali ta` Malta fiz-zmien li sareet il-ligi kienet necessarja bil-legislatur jipprova johloq bilanc bejn interessi konfliggenti. It-tkattir tal-gid fil-kors tas-snin wera pero` li dak l-intervent legislattiv, ghalkemm kellu ghan tajjeb, ma kienx baqa` joffri bilanc anzi, holoq sproporzjon u zvantagg konsiderevoli bejn is-sidien u l-inkwilini, a

detriment tas-sidien. Il-kera li r-rikorrenti tal-lum setghu jippercepixxu bl-effett tal-Art 12(2) tal-Kap 158, imqabbla mal-kera fis-suq hieles, oggettivament hija bil-wisq baxxa. Illum is-sitwazzjoni ekonomika tal-pajjiz, fuq kull livell, hija ferm ahjar minn dik li kienet fl-1979, meta l-legislatur hass il-htiega – din il-Qorti tghid – impellenti – li jghaddi l-emendi ghall-Kap 158.

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti mhux jikkontestaw il-legalita' tal-legislazzjoni. Lanqas ma qeghdin jikkontestaw il-legittimita' tal-iskop ghaliex saret. Il-pern tal-ilment taghhom huwa l-fatt illi l-applikazzjoni tal-Art 12 tal-Kap 158 ghas-sitwazzjoni taghhom tikkostitwixxi ksur tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni ghaliex jirrizulta sproporzjon qawwi kontra taghhom fil-kera li jistghu jippercepixxu li kieku t-tgawdija tal-propjeta` kellha tithalla tilhaq il-milja taghha. Lanqas ma huwa kkontestat il-jedd tal-Istat illi jikkontrolla, b`legislazzjoni, l-uzu tal-proprjeta' meta dan jirrizulta illi huwa fl-interess pubbliku. Fl-istess waqt, l-Istat ghandu l-obbligu li jassikura li bl-applikazzjoni ta` dik il-legislazzjoni, ikun qed jinzamm bilanc u proporzjonalita'.

Ma hemmx dubju li matul iz-zmien anke l-legislatur intebah li dak li wasslu biex jintervjeni fl-1979 kien jehtieg ripensament motivat minn bidla lejn l-ahjar fil-qaghda ekonomika u socjali tal-pajjiz. Fil-fatt, l-introduzzjoni tal-Att XXXI tal-1995, bl-Art 16(3) tal-Kap 158 id-dispozizzjonijiet ta` l-Art 12 m'ghandhomx aktar japplikaw ghal kuntratti ta` enfitewsi temporanja li jsiru fl-1 ta` Gunju 1995 jew wara. Il-Qorti tqis ukoll illi bl-emendi tal-2009 u tal-2010 ghall-Kap 16, il-kera kellha tizdied kull tlett snin (mhux kull 15-il sena kif kien l-istat tad-dritt bl-emendi tal-1979). Cio` nonostante xorta wahda dawn l-emendi ma sehhilhomx jilhqu dak il-bilanc proporzjonali kif rikjest mill-Art 1 tal-Prot 1 tal-Konvenzjoni, ghaliex ghalkemm bl-emendi tal-2009 kien hemm miljorament ghas-sid meta mqabbel mas-sitwazzjoni precedenti, baqa` kostrett joqghod ghal quantum ta` zieda dettat mil-ligi li stabbiliet mhux biss kemm ghandu jkun l-awment izda anke kull meta. Qabel id-dhul fis-sehh ta' l-emendi, ir-rikorrenti kienu ilhom snin twal igarrbu lezjoni tal-jedd taghhom skont l-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni, ghaliex sa mill-1983 kienu kostretti jippercepixxu kera kif dettata mill-Kap 158. Wara l-emendi ta` l-1995, bil-liberalizzazzjoni tal-kera, il-qaghda tar-rikorrenti, a paragun ma` sidien ohra, li ma kellhomx il-vinkoli tal-Kap 158, tgharrqet aktar.

Fid-decizjoni taghha tal-11 ta` Dicembru 2014 fil-kaz ta` **Anthony Aquilina vs Malta** l-ECtHR irrimarkat illi : "*the 2009 and 2010 amendments (only) slightly improved a landlord`s position*".

Fis-sentenza tas-27 ta` Marzu 2015 fil-kawza "**Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et**, il-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet illi :-

> *"Lanqas l-emendi ghall-Kodici Civili li sehhew bl-Att tas-sena 2009 ma jistghu jitqiesu bhala li jaghtu rimedju effettiv ghall-lanjanzi tar-rikorrenti, kemm ghax tezisti diskrepanza enormi bejn l-awment fil-kera kontemplat fl-artikolu 1531C u l-valur lokatizju tal-fond fis-suq hieles, kif ukoll ghax id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1531F, fic-cirkostanzi tal-kaz, jaghmlu remota l-possibilita` li dawn jipprendu l-pussess tal-fond taghhom."*

Il-Qorti diga` osservat illi fil-mori ta` din il-kawza, dahal fis-sehh l-Att XXVII tal-2018 li kien intiz sabiex ikompli jemenda l-Kap 158. Il-Qorti fliet bir-reqqa d-disposizzjonijiet ta` l-Att XXVII tal-2018. Kif diga` inghad, l-introduzzjoni tal-Art 12B tal-Kap 158 hija ntiza unikament sabiex taghmel tajjeb ghall-futur mhux ghal vjolazzjonijiet imgarrba fil-passat. Ghalhekk, waqt illi fir-relazzjonijiet futuri ta' bejniehtom, il-partijiet ghandhom ikunu gwidati mill-emendi l-aktar recenti, dawn l-emendi m'ghandhomx igibu fix-xejn it-talba tar-rikorrenti kif dedotta.

Il-Qorti tishaq fuq il-htiega li jinzamm proporzjon ragjonevoli bejn il-mezzi uzati u l-ghan persegwit mill-Istat sabiex jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta`. Ir-*raison d`etre* tal-proporzjonalita' huwa l-"bilanc xieraq" li ghandu jinzamm bejn l-esigenzi tal-interess generali u l-htiega tal-harsien tad-drittijiet fundamentali tal-persuna. Il-qrati huma msejha sabiex jaghmlu analizi komprensiva tal-interessi kollha tal-partijiet sabiex taccerta ruhha jekk bhala konsegwenza tal-indhil mill-Istat, il-persuna tghabbietx b`piz eccessiv u sproporzjonat. Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li r-rikorrenti garrbu sproporzjon li l-Art 1 Prot tal-Konvenzjoni ma jridx.

**Ghalhekk qeghda tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat Avukat Generali.**

**Dwar l-eccezzjoni nru 16 tal-istess intimat, taghmel l-osservazzjonijiet taghha `l quddiem.**

**d) <u>L-izgumbrament tal-intimata Zammit mitlub mir-rikorrent bhala rimedju ghall-vjolazzjoni subita</u>**

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-24 ta` April 2015 fil-kawza : **<u>Michael Angelo Briffa et vs Nadia Merten</u>** : fejn inghad hekk :-

> *" … Illi l-art. 6 tal-Kostituzzjoni jghid car illi "jekk xi ligi ohra tkun inkonsistenti ma` din il-Kostituzzjoni, … … … il-ligi l-ohra ghandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett". Il-qorti ghalhekk, jekk issib ksur tal-Kostituzzjoni, ma tistax thalli illi, bis-sahha tal-art. 12(4) tal-Kap. 158, issir il-konverzjoni tac-cens ghax jekk taghmel hekk tkun qieghda thalli li jinghata effett lil ligi wkoll safejn tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni (Ara Cedric Mifsud et noe v. Avukat Generali u Carmelo Camilleri, Kost. 31 ta` Jannar 2014). Ir-rimedju ghalhekk jista` jkun biss illi l-qorti taqta` l-kawza bhallikieku l-art. 12(4) ma ghandu ebda effett, i.e. billi ma thallix illi ssehh il-konverzjoni, bil-konsegwenza illi l-konvenuta tibqa` bla titolu.*
>
> *16. Lanqas ma huwa relevanti l-fatt illi r-rimedju moghti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta` Amato Gauci kien il-kundanna tal-gvern li jhallas id-danni u mhux il-kundanna tal-kerrej ghal zgumbrament. Qabel xejn kawzi quddiem il-Qorti Ewropea jsiru kontra l-istat u mhux kontra cittadini privati: il-kerrej, li ma kienx parti fil-kawza, ma setax jigi kundannat li jizgombra. Barra minn hekk, ir-rimedju li tista` taghti dik il-qorti huwa biss kontra l-istat: ma ghandha ebda setgha tordna zgumbrament ta` cittadini privati. Ukoll, dik il-qorti tista` biss tghid illi irravvizat ksur ta` xi disposizzjoni tal-*

*Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali izda ma ghandha ebda setgha li tghid illi l-ligi domestika "tkun bla effett"."*

Fil-kawza : **Angela sive Gina Balzan v. L-Onorevoli Prim Ministru et** : op cit : l-Ewwel Qorti qalet li :

*"…fost ir-rimedji li qieghda titolob l-attrici ghal dan il-ksur hemm dak tal-izgumbrament tal-konvenuti Bajada mill-fond. Din il-qorti ma tarax illi huwa kompitu taghha fil-kompetenza kostituzzjonali li taghti ordni ta` zgumbrament, ukoll ghax ma giex, u ma setax jigi, dibattut quddiemha jekk il-konvenuti Bajada ghandhomx xi titolu iehor biex izommu l-fond. Jidher ukoll illi hemm kawza ohra pendenti bejn l-attrici u l-kerrejja (rikors mahluf numru 288/2007) fejn tigi dibattuta l-kwistjoni talizgumbrament. Ghall-ghanijiet ta` din il-kawza tal-lum huwa bizzejjed li jinghad illi l-konvenuti Bajada ma jistghux jinqdew bl-art. 12A tal-Kap. 158 biex jilqghu ghal kull azzjoni li ghamlet jew tista` taghmel l-attrici fil-forum kompetenti biex tikseb l-izgumbrament taghhom."*

Fis-sentenza taghha l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat li :

*"Dwar x`ghandu jkun ir-rimedju, l-Ewwel Qorti pprovdiet billi qalet illi l-intimati Bajada ma jkunux jistghu jinqdew bl-Artikolu 12A tal-Kap. 158 biex jilqghu ghal kull azzjoni li tista` taghmel ir-rikorrenti fil-forum kompetenti biex tikseb l-izgumbrament taghhom. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul fuq din il-materja, tara li dan mhux rimedju li tista` taghti.*

*Il-bilanc bejn l-interessi differenti jrid joholqu l-Gvern, u hu l-Gvern li jrid ibati l-konsegwenzi jekk jonqos minn dan id-dmir tieghu. Ghan-nuqqas tal-Gvern ma ghandux ibati ccittadin. La darba, f`dan il-kaz, il-ligi per se ma gietx meqjusa li tikser il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma tistax tigi dizapplikata ghall-kaz. Din il-Qorti gia` osservat f`kuntest iehor li meta jkun hemm ordni ta` rekwizizzjoni u l-Gvern iqieghed persuna*

*ohra in situ b`kera li titqies baxxa, ir-rimedju mhux li tithassar dik l-ordni ta` rekwizizzjoni izda li jinghata kumpens adegwat bhala just satisfaction u dan talli ma nholoqx bilanc gust bejn l-interessi involuti. F`dawn ic-cirkostanzi, ma tkunx l-ordni ta` rekwizizzjoni nnifisha li tkun kisret id-dritt ta` proprjeta` tas-sid, izda l-mekkanizmu ta` kumpens (ara Montanaro Gauci v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali et, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta` Novembru 2011). Anke l-kaz meritu ta` din il-kawza m`huwhiex il-passi li ha l-Gvern fl-interess generali li huma hziena izda l-mekkanizmu li holoq biex jigi determinat l-applikazzjoni tal-ligi u l-quantum tal-kumpens. Ghalhekk, anke f`dan il-kaz, ir-rimedju ghandu jkun ta` kumpens, kif del resto jipprovdi l-Artikolu 41 ta` Konvenzjoni Ewropeja, l-uniku ligi li nstab li gie miksur.*

*Din il-Qorti ma tistax taghti ordni li twassal, wisq probabbli, ghat-tkeccija tal-konjugi Bajada mill-fond inkwistjoni, meta l-protezzjoni infisha, moghtija lilhom mill-Gvern, mhux leziva ghad-drittijiet tas-sid. Veru li jista jinghad li, f`dan il-kaz, il-konjugi Bajada ma haqqhomx jibqghu fil-post la darba ghandhom proprjeta` immobbli ohra, pero`, ghal dan ma hasibx il-Legislatur, u ma jahtux il-konjugi Bajada li jippruvaw jiehdu vantagg mil-ligi kif inhi.*

*Kif osservat il-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja fil-kaz ta` Amato Gauci, aktar qabel imsemmi, meta l-ligi ma tipprovdix li s-sid ikun jista` jikkontesta d-dritt tal-enfitewta li juzufriwixxi ruhu bil-beneficcji li taghtih il-ligi "on the basis that they were not deserving of such protection, as they owned alternative accomodation", ir-rizultat ikun li "the application of the law itself lacked adequate procedural safeguards aimed at achieving a balance between the interests of the tenants and those of the owners". Kwindi, il-ligi ghandha titqies applikabbli ghall-kaz, izda peress li fl-istess ligi jezistu nuqqasijiet procedurali biex jinholoq bilanc gust, irid jinghata kumpens adegwat lis-sid halli "jinholoq" dan il-bilanc."*

Fis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza : **Dr. Cedric Mifsud et vs. L-Avukat Generali et** : op cit : inghad hekk :-

> *"13. It-tieni aggravju jolqot ir-rimedju li tat l-ewwel qorti meta qalet illi l-konvenuti Azzopardi ma jistghux jinqdew bl-art. 12(2) biex izommu l-proprjetà tal-atturi b`kiri. …*
>
> *14. Huwa minnu illi l-Avukat Generali bhala rapprezentant tal-gvern ghandu interess generali fit-twettiq tal-politika ta` social housing. Madankollu, ghall-ghanijiet ta` proceduri gudizzjarji interess generali bhal dak jista` ma jkunx bizejjed jekk il-parti interessata ma tkunx se tiehu vantagg fil-kaz partikolari.*
>
> *15. Fil-kaz tal-lum il-konvenuti Azzopardi ma appellawx mis-sentenza li ghalhekk, ghalihom, hija res iudicata. L-istess konvenuti Azzopardi ghalhekk huma marbuta bid-decizjoni tal-ewwel qorti illi "ma jistghux jinvokaw dan il-provvediment [tal-art. 12(2) tal-Kap. 158] biex jibqghu jabitaw fil-fond oggett ta` dawn il-proceduri". Huwa ovvju ghalhekk illi, ghall-ghanijiet tal-kawza tallum, l-Avukat Generali ma jista` jikseb ebda vantagg minn dan l-aggravju.*
>
> *16. Ghal din ir-raguni l-qorti ma tqisx aktar dan l-aggravju."*

Fis-sentenza : **Robert Galea vs Avukat Generali et** : op cit : inghad hekk :-

> *"Illi ghal dak li jirrigwarda r-rimedju l-iehor mitlub mir-rikorrent, il-Qorti taghraf li saret talba specifika fir-rikors promotur innifsu biex hija tikkunsidra l-izgumbrament tal-intimati Ganado mill-post;*
>
> *Illi l-Qorti tifhem li kulma jmur, ir-rikorrent fil-qaghda attwali qieghed igarrab ksur tal-jedd tieghu dwar hwejgu. Kif sewwa jghid, jekk il-Qorti kellha tieqaf biss bl-ghoti ta` kumpens, ma tkunx qieghda teqred l-ghajn tal-vjolazzjoni li qieghed igarrab u kull kumpens f`kull kaz ikun rimedju parzjali li jieqaf malli tinqata` l-kawza billi l-Qorti ma tistax f`kawza bhal din taghti kumpens ghall-*

*gejjieni li mhux maghruf kemm jista` jtul (Ara Amato Gauci vs Malta §80);*

*Illi, min-naha l-ohra, sejbien ta` ksur ta` jedd fundamentali jitlob l-ghoti ta` rimedju effettiv, kemm fil-prattika u kif ukoll fil-ligi, b`mod li l-ghoti wahdu ta` kumpens jista` ma jitqiesx bhala rimedju tajjeb bizzejjed. F`kazijiet ta` dawn l-ahhar zmien, il-Qorti fi Strasbourg qieset li r-rimedju tat-tnehhija tal-okkupant minn post kien ir-rimedju effettiv li messu nghata, u li ghat-tbatija li ggarrab il-parti mnehhija jrid jaghmel tajjeb l-Istat Malti (Ara Q.E.D.B. 30.8.2016 fil-kawza fl-ismijiet Apap Bologna vs Malta (Applik. Nru. 46931/12) §§ 76 sa 91 (kaz li jirrigwarda Ordni ta` Rekwizizzjoni);*

*Illi f`dan ir-rigward u wara li hasbet fit-tul, il-Qorti taghzel li taghmel taghha l-principji imwettqa mill-Qorti Kostituzzjonali f`cirkostanza bhal din (Ara Kost. 31.1.2014 fil-kawza fl-ismijiet Dr. Cedric Mifsud et vs L-Avukat Generali et §§ 32 – 36) u tghid li l-intimati Ganado ma jistghux jibqghu jinqdew bid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-kapitolu 158 tal-Ligijiet ta` Malta ladarba b`dak il-mod ir-rikorrent ikun qieghed igarrab ksur tal-jedd tieghu taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Min-naha l-ohra, huwa wkoll stabbilit li mhuwiex il-kompitu ta` Qorti mitluba tistharreg ilment ta` ksur ta` jedd fundamentali dwar it-tgawdija bil-kwiet tal-gid u l-ghoti ta` kumpens xieraq biex tordna t-tnehhija mill-post tal-okkupant li jkun. F`kaz bhal dak, ir-rimedju jrid jitfittex quddiem it-tribunal xieraq li lilu l-ligi taghti l-kompetenza specjali biex iqis kwestjonijiet bhal dawn. Dan jinghad ukoll minkejja li din il-Qorti tgawdi setghat wesghin ta` rimedju li tista` taghti f`kaz li ssib ksur ta` xi jedd fundamentali tal-parti attrici;*

*Illi, kif inghad aktar qabel, ladarba fil-kaz tallum hemm kirja li ghadha fis-sehh fiz-zmien "konvenzjonali" taghha, il-kwestjoni tat-tnehhija mill-post tal-intimati Ganado tkun tfisser li b`dak il-kuntratt u minghajru, il-jeddijiet pattwiti taghhom ikunu ngabu fix-xejn. Jixraq li l-kwestjoni tas-siwi u z-zamma fis-sehh ta` dak il-*

*kuntratt jitqiesu ghalhekk mit-tribunal xieraq f`azzjoni apposta;*

*Illi ghalhekk, ghall-finijiet tal-istess tieni talba tar-rikorrenti, il-Qorti sejra tordna li l-intimati Ganado ma jistghux jistriehu izjed fuq id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-kapitolu 158 tal-Ligijiet ta` Malta biex jiggustifikaw iz-zamma taghhom tal-post tar-rikorrent."*

(ara wkoll : **Catherine Cauchi et vs Avukat Generali et** : op cit ; **Cassar Torreggiani vs Avukat Generali et** : op. cit. : u **Victor Portanier et vs Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta` April 2016 - fost ohrajn).

Fid-decizjoni illi tat l-ECtHR fil-kaz ta` **Frendo Randon and Others v. Malta** fit-22 ta` Frar 2012 inghad illi :-

*"16. As the Court has held on a number of occasions, a judgment in which the Court finds a breach imposes on the respondent State a legal obligation to put an end to the breach and make reparation for its consequences in such a way as to restore as far as possible the situation existing before the breach (see Iatridis v. Greece (just satisfaction) [GC}, no. 31107/96 §32, ECHR 2000- XI, and Guiso- Gallissay v. Italy Just satisfaction) [GC], no. 58858/00, § 90, 22 December 2009). The Contracting States that are parties to a case are in principle free to choose the means whereby they will comply with a judgment in which the Court has found a breach. This discretion as to the manner of execution of a judgment reflects the freedom of choice attached to the primary obligation of the Contracting States under the Convention to secure the rights and freedoms guaranteed (Article 1). If the nature of the violation allows of restitutio in integrum it is the duty of the State held liable to effect it, the Court having neither the power nor the practical possibility of doing so itself. If; however, national law does not allow - or allows only partial reparation to be made for the consequences of the breach, Article 41 empowers the Court to afford*

> *the injured party such satisfaction as appears to it to be appropriate."*

Tghodd ukoll il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ECtHR fil-kaz ta` **Lindheim and Others vs Norway** tat-12 ta` Gunju 2012 :-

> *"Whilst in reaching the above conclusion the Court has focused on the particular circumstances of the applicants` individual complaints, it adds by way of a general observation that the problem underlying the violation of Article 1 of Protocol No. 1 concerns the legislation itself and that its findings extend beyond the sole interests of the applicants in the instant case. This is a case where the Court considers that the respondent State should take appropriate legislative and/or other general measures to secure in its domestic legal order a mechanism which will ensure a fair balance between the interests of lessors on the one hand, and the general interests of the community on the other hand, in accordance with the principles of protection of property rights under the Convention."*

Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-proceduri kostituzzjonali mhumiex il-forum addattat sabiex jigi deciz jekk inkwilin ghandux jigi zgumbrat jew le.

Dik rilevanti hija l-konsiderazzjoni li, fil-kaz li jirrizulta illi ligi tikser jeddijiet fondamentali ta` parti, dik il-ligi m`ghandhiex tibqa` tinghata effett bejn il-partijiet dment illi l-applikazzjoni taghha tkun leziva ghad-drittijiet fundamentali ta` dik il-parti.

Din il-Qorti tghid illi t-talba ghall-izgumbrament inserita fit-tieni talba tohrog barra mill-parametri ta` procediment kostituzzjonali.

Ferm il-premess, tajjeb jinghad ukoll illi bl-emendi li kienu ntrodotti bl-Att XXVII tal-2018 il-legislatur haseb sabiex jirregola t-talbiet tas-sid ghall-izgumbrament tal-okkupant.

L-**Art 12B (11) tal-Kap 158** jaqra :-

> *"Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom ukoll japplikaw fil-kazijiet kollha fejn kwalunkwe enfitewsi, subenfitewsi jew kirja fir-rigward ta' dar ta' abitazzjoni regolata taht l-artikoli 5, 12 jew 12A tkun skadiet minhabba decizjoni tal-qorti msejsa fuq in-nuqqas ta' proporzjonalità bejn il-valur tal-proprjetà u l-ammont li ghalih huwa ntitolat sid il-kera u l-persuna li kienet l-enfitewta, is-subenfitewta jew il-kerrej ghadha tokkupa d-dar bhala r-residenza ordinarja taghha fl-10 ta' April 2018. F'dawn il-kazijiet is-sid ma jistax jipprocedi biex jitlob l-izgumbrament tal-okkupant minghajr ma jaghmel uzu minn qabel tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu."*

Id-dispozizzjoni hija cara u trid illi talba ghall-izgumbrament titressaq quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.

Fis-sentenza li tat din in-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Victoria Amato Gauci et vs Avukat Generali et** fis-17 ta` Ottubru 2018 (li minnha sar appell) inghad hekk :-

> *"Illi l-Qorti tqis li din l-ahhar bidla fil-ligi tolqot fil-laham il-haj il-qaghda li jinsabu fiha r-rikorrenti fil-kaz tallum u lil dawk kollha f'qaghda bhalha. Mhuwiex ghal din il-Qorti li taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha f'din is-sentenza dwar is-siwi ta' dak l-artikolu bhala rimedju definittiv tal-kwestjoni. Madankollu, tqis li dik il-bidla fil-ligi tohloq ghamla ta' "jus superveniens" favur ir-rikorrenti f'din il-kawza, fis-sens li qeghda taghtihom rimedji li jistghu jinqdew bihom biex isewwu jew inehhu l-ksur tal-jedd fundamentali imgarrab minnhom. Tqis ukoll li dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi jaghtu jedd ta' azzjoni quddiem tribunal imparzjali li jista' jaghti rimedju effettiv u accessibbli, kif sewwasew jitlob l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Tajjeb li jinghad li biex*

*rimedju moghti jitqies 'effettiv' ghall-finijiet tal-artikolu 13, ma huwiex mehtieg li jiggarantixxi tabilfors ezitu favorevoli ghall-persuna li tista' tinqeda bih u lanqas li dak ir-rimedju tabilfors jinghata minn awtorita' gudizzjarja, sakemm tali rimedju huwa wiehed accessibbli u fih elementi ragonevoli li jista' jirnexxi"*

Waqt illi mhux kompitu ta' din il-Qorti illi tevalwa l-effikacita` tar-rimedju li dahal bl-emendi tal-2018, jibqa' l-fatt illi l-emendi kienu mahsuba sabiex kemm jista` jkun igibu bilanc bejn l-interessi tas-sidien u dawk tal-okkupant.

**Il-Qorti sejra tkompli tosserva l-linja kostanti illi hadu l-qrati taghna u mhijiex sejra tordna l-izgumbrament tal-intimata Zammit mill-fond de quo.**

**Ghalhekk qeghda tilqa` r-raba` (4) eccezzjoni tal-intimata Zammit.**

**e) <u>Konkluzjonijiet dwar it-tieni (2) talba</u>**

**Qeghda tilqa` t-tieni talba limitatament fis-sens illi ssib vjolazzjoni tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni mhux tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni. Fl-istess waqt tghid li l-izgumbrament tal-intimata Zammit m`ghandux ikun rimedju favur ir-rikorrenti.**

**VIII. <u>It-tielet (3) u r-raba`(4) talbiet</u>**

Fis-sittax (16) –l eccezzjoni, l-intimat Avukat Generali eccepixxa illi jekk din il-Qorti jkun jidhrilha li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, allura semplici dikjarazzjoni li kien hemm ksur tkun sufficjenti minghajr il-htiega ta` rimedji ohra.

Fid-decizjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta` Lulju 2011 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Victor Gatt et vs Avukat Generali et</u>** inghad hekk :-

> *"Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun riservata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju ghal dik il-vjolazzjoni."*

Il-Qorti sejra tirrespingi din l-eccezzjoni ghax jidhrilha li d-dikjarazzjoni ta` vjolazzjoni wahedha mhijiex bizzejjed u r-rikorrenti ghandhom jinghataw kumpens u/jew danni. Fil-kaz prezenti, ma jistax ikun hemm *restitutio in integrum*. Min-naha l-ohra, semplici dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni ma tkunx bizzejjed wahedha sabiex tikkumpensa lir-rikorrenti ghall-piz sproporzjonat u eccessiv illi garrbu.

**Is-sittax (16) –l eccezzjoni qeghda tkun rigettata.**

**Qeghda tilqa` t-tielet (3) talba limitatament fil-konfront tal-intimat Avukat Generali.**

**Qeghda tilqa` t-tielet (3) eccezzjoni tal-intimata Zammit.**

**Dwar il-likwidazzjoni ta` kumpens u/jew danni favur ir-rikorrenti skont ir-raba`(4) talba, il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet :-**

Il-kumpens li jista` jinghata fi procediment ta` natura kostituzzjonali mhuwiex ekwivalenti ghad-danni civili li jigu likwidati mill-qrati ordinarji (ara : QK : **Philip Grech pro et noe vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et** deciza fis-17 ta` Dicembru 2010 ; **Victor Gatt et vs Avukat Generali et** deciza fil-5 ta` Lulju 2011 ; u **Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et** deciza fl-24 ta` Gunju 2016).

Fid-decizjoni ta` **Maria Stella sive Estelle Azzopardi et vs Avukat Generali et** deciza fit-30 ta` Settembru 2016, il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tippreciza illi r-"*rimedju li taghti din il-Qorti huwa kumpens ghall-ksur tad-dritt fondamentali u mhux danni civili ghal opportunita` mitlufa."*

Dan premess, huma diversi l-konsiderazzjonijiet li l-Qorti ghandha tqis sabiex tistabilixxi l-*quantum* tal-kumpens.

Decizjoni li kkunsidrat fid-dettall din il-kwistjoni hija s-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Raymond Cassar Torregiani et vs Avukat Generali et** deciza fid-29 ta` April 2016.

Il-Qorti qalet hekk :-

> *"Dwar il-quantum tal-kumpens dovut issir referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti* ***Igino Trapani Galea Feriol pro et noe et V Kummissarju tal-Artijiet et*** *deciza fil-31 ta` Ottubru 2014, fejn f` materja ta` komputazzjoni ta` kumpens ghal lezjoni ta` dritt fondamentali sancit fl-artikolu konvenzjonali fuq citat gie osservat:*
>
> *"Rigward il-quantum tal-kumpens stabbilit mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li kull kaz ghandu jigi trattat u deciz fuq il-fattispecie tieghu. Barra minn hekk, jekk il-Qorti Ewropeja hasset li f` certi kazijiet kellha taghti kumpens f` ammont inferjuri ghal dak li nghata lir-rikorrenti mill-ewwel Qorti, ma jfissirx li allura l-Qrati Maltin tilfu l-awtonomija taghhom b` mod li bilfors kumpens li jinghata ikun f` ammont vicin dak li taghti l-Qorti Ewropeja. Fil-kaz odjern l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li jimmilitaw kemm favur kif ukoll kontra r-rikorrenti u deherilha li l-kumpens xieraq li ghandha taghti f` dan il-kaz ikun fl-ammont ta` hamsa u ghoxrin elf Euro (EUR 25,000). Hija kkonsidrat id-dewmien da parti tar-rikorrenti li jiehdu l-proceduri opportuni, il-valur tal-immobbli, iz-zmien tant twil li r-rikorrenti ilhom privati mill-godiment tal-proprjeta` taghhom minghand ma nghata ebda kumpens, l-istat tal-fond u l-ezistenza tal-fattur tal-interess pubbliku. Ma` dawn ghandu jigi senjalat il-fatt li qabel l-ispossessament tal-proprjeta` taghhom ir-rikorrenti kellhom permess mill-Bord kompetenti sabiex jizviluppaw il-fond."*

*Issa ghalkemm, huwa minnu illi l-valur tal-kumpens akkordat mill-Qorti wara sejba ta` lezjoni tad-drittijiet fondamentali ma jekwiparax necessarjament ma` likwidazzjoni ta` danni civili attwali sofferti, ma jfissirx li d-danni materjali ghandhom jigu injorati ghall-finijiet tal-ezercizzju odjern. Il-Qorti trid tqis il-fatturi kollha rilevanti ghall-kaz odjern sabiex tasal ghad-determinazzjoni tal-quantum. Dawn huma (1) it-tul ta` zmien li ilha ssehh il-vjolazzjoni konsidrat ukoll fid-dawl tat-tul taz-zmien li r-rikorrenti damu sabiex resqu l-proceduri odjerni biex jirrivendikaw id-drittijiet kostituzzjonali taghhom ; (2) il-grad ta` sproporzjoni relatat mal-introjtu li qed jigi percepit ma` dak li jista` jigi percepit fis-suq hieles, konsidrat ukoll l-ghan socjali tal-mizura; (3) id-danni materjali sofferti mir-rikorrenti konsidrat ukoll l-ispejjez sostanzjali li ghamlu l-intimati Tabone ssabiex jirrendu l-fond abitabbli u (4) l-ordni li ser taghti din il-Qorti dwar l-ezenzjoni f` da nil-kaz mill-effetti legali tal-Artikolu 5 tal-Kap 158."*

Meta jinghata kumpens fi procediment ta` din ix-xorta, ghandu jinghata konsiderazzjoni l-ghan li jkun immotiva l-mizura u cioe` l-interess pubbliku. Ghalhekk il-kumpens likwidat ghandu jkun anqas minn kumpens li jista` jinkiseb fis-suq hieles (ara : QK : **Carmen Cassar vs Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et** : 12 ta` Lulju 2011).

Issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta` Jannar 2014 fil-kawza : **Concetta sive Connie Cini vs Eleonora Galea et** : fejn inghad :-

*"25. F`materja ta` kumpens il-gurisprudenza patria kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja identifikat is-segwenti principji :*

*"The Court would reiterate that compensation terms under the relevant legislation may be material to the assessment whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate balance on applicants. The taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a*

*disproportionate interference." [ECHR 31443/96 para.176 Bronoiswki v. Poland, decided 22 June 2004].*

*26. Fil-kawza Louis Apap Bologna v. Calcidon Ciantar et deciza 24 Frar 2012, din il-Qorti osservat hekk:*

*"F` kazijiet bhal dawn il-kumpens xieraq ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-ghan legittimu li mmotiva l-mizura tar-rekwizizzjoni u li l-kumpens jista` jkun anqas mill-kumpens shih li altrimenti jkun dovut skond il-kriterji tas-suq. Il-Qorti Ewropea fil-kazijiet ta` Edwards v Malta u Ghigo v Malta 17 Lulju 2008] ddecidiet li :*

*"Para.76. As the Court has already stated on may occasions, in spheres such as housing of the population, States necessarily enjoy a wide margin of appreciation not only in regard to the existence of the problem of general concern warranting measures for control of individual property, but also to the choice of the measures and their implementation. The State control over levels of rent is one such measure and its application may often cause significant reductions in the amount of rent chargeable (….Mellacher and Others v Austria para.45]."*

*27. Inoltre, "In the absence of a formal expropriation that is to say a transfer of ownership, the Court considers that it must look behind the appearances to investigate the realities of the situation complained of!.. Since the Convention is intended to guarantee rights that are practical and effective it has to be ascertained whether that situation amounted to a de facto expropriation [Sporrong & Lonnroth v. Sweden 18/12/1994; ara ukoll kawza Perit Duminku Mintoff, supra]".*

*28. Fil-kaz in dizamina, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-kumpens dovut ex lege lill-intimati bis-sahha tal-artikolu precitat huwa wiehed irizorju meta komparat mal-valur tal-fond fis-suq. L-Avukat Generali jhossu aggravat bil-fatt li fid-determinazzjoni tal-fattur tal-*

*proporzjonalita` tal-mizura relattivament ghall-kumpens dovut, l-ewwel Qorti ma kellhiex timxi fuq l-istima tal-valur tal-fond fl-ammont ta` mija, hamsa u tletin elf Euro (€135,000) moghti ex parte mill-Perit inkarigat mill-intimati, izda se mai kellha timxi fuq l-istima ta` disghin elf Euro (€90,000) tal-Perit inkarigat mir-rikorrenti, stante li l- Konvenzjoni "ma tikkoncedi ebda dritt li xi hadd jircievi profitt, aktar u aktar fil-kuntest ta` proprjeta` li qed isservi ghall-finijiet ta` social housing."*

*29. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li dan l-ilment tal- Avukat Generali huwa fondat. Inkwantu huwa konformi mal-principju, illum assodat kemm fil-gurisprudenza patrija kif ukoll f`dik tal-Qorti Ewropeja, li f`kaz ta` legislazzjoni li ghandha ghan socjali l-kumpens offrut jista` ma jkunx jekwivali ghall-valur tal-fond fis-suq.*

*30. Kif osservat il-Qorti Ewropeja fil-kaz Amato Gauci v. Malta, [Appl.47045/06, deciz 15 Dicembru 2009] :*

*"... [the Court] reiterating that legitimate objectives in the `public interest`, such as those pursued in measures of economic reform or measures designed to achieve greater social justice, may call for less that reimbursement of the full market value [see James and Others, cited above, para.54 and Jahn and Others v Germany [GC] nos.46720/99, 72203/01 and 72552/01, para.94..]*

*31. Illi jirrizulta pacifiku li fiz-zmien meta nghatat il-koncessjoni sub-enfitewtika, fil-11 ta` Jannar 1960 ic-cens annwu kien gie stabbilit fl-ammont ta` £35, illum wiehed u tmenin Euro, tlieta u hamsin centezmi (€81.53), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 12 jizdied ghal erba; mija, disgha u tmenin Euro u tmintax-il centezmi (€489.18)3. Inoltre, l-utilista, allura perpetwa tista` tifdi c-cens versu l-prezz ta` disat elef u tmien mitt Euro (€9,800) li minnu ghandu jitnaqqas il-capital gains tax ta` 12%.*

*32. Din il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti li l-ammont ta` cens dovut ex lege lill-intimati huwa baxx sal-punt li ma jistax jinghad li ghat-tfixkil sostanzjali fit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom huma nghataw kumpens adegwat, kemm ghax fiz-zminijiet tal-lum il-quantum tac-cens annwu dovut ex lege jitqies bhala wiehed baxx meta jigi relatat mal-valur tal-fond, kif ukoll tenut kont tal-konsiderazzjoni li lir-rikorrenti, okkupanti tal-fond b`titolu ta` uzufrutt biss, qed tinghatalha dritt gdid li tibqa` tokkupa l-fond b`titolu ta` enfitewsi perpetwa, bil-possibilita` tarripreza tal-pussess fiziku tal-fond da parti tas-sidien tkun wahda remota hafna. Huwa principalment dan il-fattur li, fil-fehema ta` din il-Qorti, jitfa` `a disproportionate and excessive burden` fuq is-siden.*

*33. Kif gja` osservat minn din il-Qorti fil-kawza Josephine Bugeja v. Avukat Generali, deciza 7 Dicembru 2009, ghad-determinazzjoni tal-fattur tal-proporzjonalita` ghandu jittiehed kont tal-effetti legali u prattici li l-applikazzjoni tal-artikolu ser iggib mieghu. Dan l-ezami ghandu jsir mhux in vacuo, izda skont il-fattispecje tal-kaz. "Huwa l-ezercizju ta` dak id-dritt fil-prattika u b`mod konkret, u mhux l-ezistenza tieghu fl-astratt, li jista` bhal fil-kaz in ezami, talvolta jammonta ghal-lezjoni ta` dritt fundamentali" [para.45]. Jigi ribadit li l-Qorti ghandha thares lejn l-effett prattiku tas-sitwazzjoni, peress li, kif sostnut mill-Qorti Ewropeja, il-konvenzjoni tiggarantixxi drittijiet li huma "practical and effective" biex jigi stabbilit jekk is-sitwazzjoni fil-fatt tammontax ghal esproprijazzjoni de facto."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-7 ta` Frar 2017 fil-kawza : **Robert Galea vs Avukat Generali et** : op. cit. : inghad hekk :-

*"Illi ghal dak li jirrigwarda t-talba tal-kumpens il-Qorti tqis li din it-talba hija l-effett naturali tas-sejbien tal-ksur tal-jedd invokat. Huwa mizmum li, ladarba Qorti ssib li r-rikorrent garrab ksur tal-jedd tieghu kif imhares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ma huwiex bizzejjed li*

*tieqaf b`semplici dikjarazzjoni bhal dik. Ghalkemm ir-rimedju xieraq mhuwiex lanqas u tabilfors il-kundanna ta` hlas ta` kumpens bhallikieku l-haga li dwarha sehh il-ksur kienet inbieghet, xi ghamla ta` kumpens huwa misthoqq u doveruz. Hawn ukoll, il-Qorti qieghda zzomm quddiem ghajnejha li l-ksur imgarrab mir-rikorrent jikkonsisti f`indhil dwar u mhux f`tehid tal-gid tieghu;*

*Illi b`zieda ma` dan, ir-rikorrent jitlob ukoll il-hlas tad-danni "ai termini tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja";*

*Illi l-Qorti tibda biex tghid li l-kumpens misthoqq lill-persuna wara li jkun instab li din garrbet ksur ta` xi jedd fundamentali taghha ma huwiex l-istess bhal-likwidazzjoni u hlas ta` danni mgarrba. Minbarra dan, ir-rikorrent ma jistax jistrieh fuq l-ghoti ta` kumpens taht l-artikolu minnu msemmi tal-Konvenzjoni. Fl-ewwel lok, il-Konvenzjoni taghmel mil-ligijiet ta` Malta safejn id-dispozizzjonijiet taghha kienu inkorporati fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta. L-imsemmi artikolu ma kienx hekk inkorporat. Fit-tieni lok, huwa maqbul li d-dispozizzjonijiet ta` dak l-artikolu jghoddu ghall-Qorti ta` Strasbourg u mhux ghall-qrati domestici tal-Pajjizi Membri tal-Kunsill tal-Ewropa (Ara Kost. 30.9.2016 fil-kawza fl-ismijiet Maria Stella Azzopardi Vella et vs Avukat Generali et);*

*Illi b`daqshekk ma jfissirx li t-talbiet tar-rikorrent dwar l-ghoti ta` rimedju mhumiex sejrin jintlaqghu. Jekk ma jistghux jintlaqghu talbiet ghal-likwidazzjoni ta` kumpens u danni bis-sahha tal-imsemmi artikolu 41 tal-Konvenzjoni, jista` u sejjer jinghata rimedju taht il-kriterji tal-ghoti ta` rimedju bhal dan minn din il-Qorti fis-setghat u kompetenza attwali taghha (Kost. 17.12.2010 fil-kawza fl-ismijiet Philip Grech pro et noe vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et). Ghalhekk, il-Qorti tasal ghall-fehma li t-tieni rimedju mitlub mir-rikorrenti fit-tielet, ir-raba` u l-hames talbiet tieghu ma jisthoqqlux jintlaqa`, imma sejjer jinghata kumpens taht it-tieni talba tieghu;*

*Illi huwa llum stabilit li r-rimedju li tista` taghti din il-Qorti huwa kumpens ghall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni civili ghal opportunita` mitlufa (Kost. 22.2.2013 fil-kawza fl-ismijiet Albert Cassar et vs Onor. Prim Ministru et). Biex tasal ghal dan, il-Qorti jehtigilha tqis ghadd ta` fatturi, fosthom it-telf effettiv li jkun garrab is-sid, l-ghan socjali mahsub mil-ligi, il-grad ta` sproporzjon fit-tqabbil bejn id-dhul attwali li qieghed jircievi r-rikorrent mad-dhul li jista` jinkiseb fis-suq hieles, id-danni materjali li l-parti rikorrenti tista` tipprova li garrbet u wkoll l-effetti tal-ordni li l-Qorti tista` taghti dwar jekk l-okkupant jistax jibqa` jistrieh aktar fuq it-thaddim tal-ligi attakkata. Minn kif wiehed jista` jara, dawn il-kriterji huma firxa shiha li trid titqies f`kull kaz ghalih u jiddependu hafna mic-cirkostanzi partikolari ta` kull kaz;*

*Illi dwar il-kumpens dovut lir-rikorrent, madankollu, tqum konsiderazzjoni ohra. Ghalkemm ir-rikorrent harrek ukoll lill-intimati Ganado, izda dan ma jfissirx li huma l-istess intimati Ganado li jridu jhallsu lir-rikorrent il-kumpens li sejjer jinghata jew li jaghmlu tajjeb ghal ghazla li kienet taghtihom il-ligi. Kumpens bhal dak ghandu jbatih biss l-Istat minhabba li l-ksur li qed igarrab ir-rikorrent huwa l-effett dirett tal-ligi li ddahhlet bl-Att XXIII tal-1979. L-intimati Ganado nqdew b`ligi li tathom jeddijiet godda li ma kellhomx fiz-zmien meta nghatat il-koncessjoni enfitewtika, izda ma ghamlu xejn biex jiksbu dan il-jedd b`mod illegali. Fid-dawl tal-massima qui suo jure utitur neminem laedere videtur, l-Qorti ma tistax issib li l-intimati Ganado jridu jaghmlu tajjeb huma wkoll ghall-hlas tal-kumpens lir-rikorrent minhabba s-sejbien ta` ksur tal-jedd fundamentali tieghu. Din il-fehma tinbena wkoll fuq il-fatt li l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda ligi li jaghmilha l-Istat u mhux ic-cittadin li, min-naha tieghu, ghandu jedd jinqeda biha fil-parametri taghha u safejn din ma titqiesx li qieghda tikser il-jedd fundamentali tas-sid;*

*Illi kif inhu mizmum u mghallem "fil-kaz ta` ligi leziva tad-drittijiet konvenzjonali jew kostituzzjonali, huwa l-Istat u mhux ic-cittadin li*

*ghandu jirrispondi. Ghax huwa principalment l-obbligu tal-Istat, u mhux tal-inkwilin, li jassigura li d-drittijiet fundamentali tas-sid ma jinkisrux" (Kost. 24.2.2012 fil-kawza fl-ismijiet Louis Apap Bologna vs Kalcidon Ciantar et; u Kost. 6.2.2015 fil-kawza fl-ismijiet Sean Bradshaw et vs L-Avukat Generali et);*

*Illi meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha li johorgu mill-provi mressqa u jhaddem dwarhom ir-regoli li dawn il-qrati minn zmien ghal zmien inqdew bihom f`kazijiet li jixxiebhu (Kost. 29.4.2016 fil-kawza fl-ismijiet Raymond Cassar Torregiani et vs Avukat Generali et), il-Qorti ssib li jkun xieraq li jithallas kumpens lir-rikorrent fis-somma ta` sebat elf euro (€ 7,000). Din is-somma qieghda tqis ukoll iz-zmien li r-rikorrent ha biex ressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti (Ara Kost 25.5.2012 fil-kawza fl-ismijiet Josephine Mary Vella vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et)."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament ippreseduta fl-ismijiet **Sergio Falzon et vs Alfred Farrugia et** : op. cit. : inghad hekk :-

*Illi fil-kaz odjern il-Qorti taqbel li dikjarazzjoni ta` ksur mhijiex sodisfacenti in vista tal-fatt li skont ir-rapport peritali, l-esponenti ghamlu telf pekunjarju konsiderevoli u ser ikomplu jaghmlu telf bl-applikazzjoni tal-ligi sakemm il-fond jintradd lura. Ghaldaqstant taqbel mar-rikorrenti li dikjarazzjoni ta` ksur mhijiex idonea sabiex terga` issir reintegrazzjoni tal-proporzjonalita` u tpoggi lir-rikorrenti fl-istatus quo ante ;*

*…*

*Ghal dak li jirrigwarda kumpens bhala rimedju ghad-danni non-pekunjarji ghas-sejbien ta` lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti kawza tal-applikazzjoni f`dan il-kaz tal-Artikolu 12(2) tal-Kap. 158, ir-rikorrenti ghandhom jedd ghalih meta tqis li ilhom mis-sena 1985 (izjed minn tletin sena) ma jiehdu kumpens gust ghall-fond taghom, u dan minkejja l-liberalizzazzjoni tas-suq fis-sena 1995 u li l-iskop legittimu sfuma mat-trapass taz-zmien. Tali jedd ghandu jigi kkalkulat mid-data*

*tat-terminazzjoni tal-koncessjoni subenfitewtika, cioe`, mis-sena 1985.*

*Skont il-prospett tal-perit Tekniku il-rendita` mill-valur lokatizju fuq is-suq kellu jammonta ghal €93,217 ghas-snin 1985 sa 2016. Il-kera attwalment imhallsa kienet tammonta ghall-€16,765.50 (Tabella 4.0) (17%) Madanakollu hu assodat li r-rimedju kostituzzjonali ma jfissirx necessarjament ir-rimbors tal-valur shih fuq is-suq lis-sid. (Ara ad ez. ECtHR Kaz **Ghigo vs. Malta** 17 ta` Lulju 2008, #18; Kaz **Edwards vs. Malta**, 17 ta` Lulju 2008; #21; u l-QK fil-kaz **Borg vs Mifsud** sucitata) Specjalment meta bhal fil-kaz odjern, il-proprjeta` ma ittiehditx mill-Istat imma ghandha eventwalment tigi liberata favur is-sid minhabba r-rimedju li ser taghti din il-Qorti apparti l-kumpens.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali f`**Borg vs Mifsud** citat supra, wara li qieset li:*

*"l-ghan principali tal-proceduri odjerni u ta` dak mitlub mir-rikorrenti, li huwa dak li jigi determinat jekk ir-rikorrenti sofrewx lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom, u fil-kaz affermattiv, "… tiffissa kumpens xieraq ghal tali vjolazzjoni stante li r-rikorrenti baqghu dawn is-snin kollha [mill-1 ta` Dicembru 1998 sallum] minghajr il-pussess u t-tgawdija tal-proprjeta` taghhom" u taghti dawk ir-rimedji li l-Qorti jidhrilha xierqa inkluz li jiehdu lura l-pussess tal-fond proprjeta` taghhom…".*

*Ikkonsidrat li*

*"Din id-diskrepanza ta` 18% bejn il-kera fis-suq hieles u l-kera attwalment percepita mir-rikorrenti, timmilita favur ir-rikorrenti fil-komputazzjoni tal-kumpens ghax hija fattur relevanti hafna fil-komputazzjoni tal-estent tal-vjolazzjoni."*

*Izda dik il-Qorti kkonsidrat ukoll il-fattur li r-rikorrenti damu milli jipprevalu ruhhom mir-rimedju kostituzzjonali kif ukoll kkonsidrat ir-rimedju li kien ser jinghata b`dak il-gudizzju, li permezz tieghu l-intimati ma jistghux ikomplu*

*aktar jistriehu fuq l-Att XXIII.1997 biex jibqghu jokkupaw il-fond de quo. Din il-Qorti ma taqbilx li ghandu jkun hemm tnaqqis dwar id-dewmien. (Dwar id-dewmien vide contra s-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz fl-ismijiet "Apap Bologna vs Malta" deciza r fit-30 ta` Novembru 2016 fejn irrimarkat:-*

*"46. The Court also takes issue with the fact that in line with domestic case-law, such compensation awards are reduced on the grounds that the applicants have instituted constitutional redress proceedings several years after they started suffering the violation complained of. In this connection, the Court notes, first and foremost, that domestic law does not impose a time-limit for the institution of constitutional redress proceedings. The legislator leaves the choice of timing to the applicant. Moreover, in circumstances such as those of the present case, the violation complained of is a continuing one. The Court thus finds that such reasoning is questionable in the light of the circumstances of the case and the domestic legal framework, which appears to give great latitude to individuals seeking redress for human rights violations.")*

*Ghaldaqstant wara li qieset bir-reqqa l-provi u s-sottomissjonijiet kollha, din il-Qorti qed tillikwida l-kumpens fl-ammont ta` hmistax-il elf ewro (€15,000) tenut kont il-valur tal-proprjeta` bhala liberu u vakanti (€145,000) u li l-izbilanc bejn il-kera imhallsa u l-valur lokatizju qed ikompli jizdied kull ma jghaddi z-zmien anke bl-applikazzjoni tal-emendi tal-2010. Dan il-kumpens ghandu jithallas mill-Intimat Avukat Generali flimkien mal-imghaxijiet bir-rata ta` hamsa fil-mija (5%) sad data tal-pagament effettiv."*

(ara wkoll : 2 ta` Marzu 2018 : QK : **Thomas Cauchi et vs Avukat Generali et**)

Fid-decizjoni **Cassar vs Malta** tat-30 ta` Jannar 2018 (App. 50570/13) l-ECtHR qalet hekk dwar kif kellu jkun applikat l-Art 41 tal-Konvenzjoni ghal dak il-kaz :-

*A. Damage*

*84. The applicants claimed 1,260,996 euros (EUR) in respect of pecuniary damage. That sum reflected (i) the rent due to them from 1998 to 2015 amounting to EUR 730,330 calculated on the basis of the valuation of an estate agent at EUR 3,500 per month, (EUR 42,000 annually) in 2015, projected backwards to the year 1998 based on two indices for property prices published by the Central Bank of Malta – by means of example, such projections show the rents for the respective years as follows: EUR 6,857 annually in 1988, EUR 18,476 in 1998 and EUR 41,649 in 2008; (ii) EUR 502,006 in simple interest at 8% (capped so as not to exceed the rent of a particular year); and (iii) EUR 28,660 (supported by an architect`s report) in repairs needed to the property since the tenant had failed to take adequate care of the property. In this connection the applicants noted that as things stand, they will remain suffering the effects of the violation even after the Court judgment, for an unspecified amount of years to come. In this light they also considered that their claim of EUR 54,000 in respect of non-pecuniary damage already suffered, representing EUR 2,000 annually since 1988, should be upheld in full.*

*85. The Government submitted that if a violation were to be found a declaration to that effect would suffice. In any event, they considered that the valuations were exorbitant, speculative and not based on an architect`s report. They noted that the property had been purchased in 1988 at EUR 25,600 it had therefore hardly been imaginable that it could now have a rental value of EUR 42,000 annually. Indeed if it had to be divided over the years, their claim in rent amounted to around EUR 27,000 annually which would surely not reflect the rental value in the eighties and nineties. They further considered that since the applicants had accepted rent until 2008, their claim should only refer to the subsequent years. Moreover, the tenant had deposited rent for the period between 2009-15 amounting to EUR 2,796 which had to be deducted from the award*

*of compensation. As to interest the Government noted that under domestic law, interest was due only on amount liquidated, which was not the case here. Moreover a rate of 8% was far beyond any commercial rate of interest currently available in the banking sector in respect of deposits. As to the structural works the Government considered this clam unproven and hypothetical. Lastly, the Government considered that an award under this head should not exceed EUR 10,000, which would be EUR 2,123.66 annually over six years, and an award for pecuniary damage should not exceed EUR 4,000.*

*86. The Court notes that the applicants are entitled to compensation in respect of the loss of control, use, and enjoyment of their property from around 2000 to date. The Court notes on the one hand that the rent suggested by the Government is not based on any valuation or other criteria, and appears to be a simple division of an aleatory sum they proposed. On the other hand, while the applicant`s valuation is based on an estate agent, and was not accompanied by an architect`s report, the domestic court found that EUR 3,000 as opposed to the EUR 3,500 alleged by the applicants appeared reasonable. However, the Court also notes that the comparators used by the estate agent refer to renovated buildings with high quality finishing and furnishing. While no information has been submitted as to the quality of the interior of the applicants` property the Court observes that the applicants claim that their property needs repairs as it has not been well taken care of (see paragraph 84 above). Thus, the latter cannot be considered to be in the same condition and at the same rental value as the former. Therefore, the Court considers that the valuation submitted by the applicants is on the high side, but may nonetheless provide a relevant indication and workable basis.*

*87. In assessing the pecuniary damage sustained by the applicants, the Court has, as far as appropriate, considered the estimates provided and had regard to the information available to it on rental values on the Maltese property market*

*during the relevant period. It further notes that from 2008 onwards, the Court found the legitimacy of the aim pursued highly questionable (see paragraph 53 above) and thus does not justify a reduction compared with the free market rental value (compare,* ***Zammit and Attard Cassar****, § 75; and* ***Amato Gauci****, § 77, both cited above). It further takes note of the sums already received by the applicants and those, following 2008, which were deposited in court and therefore remain retrievable, which are being deducted from the award.*

*88. In the present case the Court must, however, also take note of the fact that the applicants bought the property when it was already subject to such restrictions, and therefore it considers that the purchase price at the time reflected such restrictions. While the applicants consider that the Government`s claim to that effect was unsubstantiated (see paragraphs 37 and 38 above), the Court notes that according to the evaluations submitted by the applicants, the property in 1988, date when they purchased it, had a rental market value of EUR 6,857 annually. The Court observes that such a sum in rent would not be appropriate for a property purchased in the same year at EUR 25,600, if that were its real sale value. In consequence it must be accepted that the limitations on the property affected the purchase price.*

*89. The Court reiterates that an award in respect of pecuniary damage under Article 41 of the Convention is intended to put the applicant, as far as possible, in the position he or she would have enjoyed had the breach not occurred (see, mutatis mutandis,* ***Kingsley v. the United Kingdom*** *[GC], no. 35605/97, § 40, ECHR 2002-IV). It therefore considers that interest should be added to the award in order to compensate for the loss of value of the award over time (see* ***Runkee and White v. the United Kingdom****, nos. 42949/98 and 53134/99, § 52, 10 May 2007). As such, the interest rate should reflect national economic conditions such as levels of inflation and rates of interest (see, for example,* ***Akkuş v.***

> ***Turkey,*** *9 July 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-IV, § 35;* ***Romanchenko v. Ukraine****, no. 5596/03, 22 November 2005, § 30, unpublished; and* ***Prodan v. Moldova****, no. 49806/99, § 73, ECHR 2004-III (extracts)). It notes that the applicants claimed the statutory rate of eight per cent, and the Government`s objection in that respect. The Court considers that a rate of five per cent interest is more realistic (see* ***Amato Gauci****, cited above, § 78, and* ***Ghigo v. Malta*** *(just satisfaction), no. 31122/05, § 20, 17 July 2008) thus a one-off payment at 5% interest should be added (see* ***Anthony Aquilina****, cited above, § 72, in fine).*
>
> *90. Lastly, it is not for the Court to award the claim concerning renovation work which was not entered into by this Court.*
>
> *91. The Court, thus, awards the applicants the sum of EUR 170,000 jointly.*
>
> *92. The Court further considers that the applicants must have sustained feelings of anxiety and stress, having regard to the nature of the breach. It therefore awards EUR 3,000 jointly in respect of non-pecuniary damage.*

**Fl-isfond ta` din il-gurisprudenza, il-Qorti ssib illi fil-kaz tal-lum, ghalkemm id-diskrepanza bejn dak li attwalment irid jithallas *ope legis* ghall-fond u l-valur lokatizju li l-fond igib fis-suq hieles hija fattur determinanti ghall-vjolazzjoni tal-principju tal-proporzjonalita`, fl-istess waqt tajjeb jinghad illi fil-komputazzjoni tal-kumpens hemm fatturi ohra li wkoll ghandhom rilevanza, u li flimkien ghandhom iwasslu ghall-ghoti ta` kumpens gust ghal-lezjoni subita.**

Dawn il-fatturi huma :-

i) L-interess generali li jaghti legittimazzjoni ghall-intervent legislattiv ;

ii) L-isproporzjon bejn il-kera attwalment percepita mir-rikorrenti u dik li setghet tkun ippercepita fis-suq hieles li kieku ma kienx applikat l-

Art 12 tal-Kap 158. Ghalkemm dan il-fattur sejjer jittiehed in konsiderazzjoni, il-valutazzjoni tal-prezz tas-suq ghandu jitqies bhala kriterju important ghalkemm mhux assolut ;

iii) Il-fatt li l-mezzanin huwa sottostanti beni ta' terzi minghajr arja, veduti jew prospett ta` zvilupp, ghalkemm jinsab fil-qalba residenzjali ta` Birkirkara.

iv) Sejjer jitqies ukoll illi maz-zmien inbnew kmamar minghajr permess. Mid-deskrizzjoni li tat il-perit tekniku, u mill-mod kif kienet certifikata l-qaghda tal-fond, jirrizulta illi l-post kien mizmum tajjeb mill-intimata Zammit.

v) Iz-zmien li r-rikorrenti damu jgarrbu l-istat ta` sproporzjon ;

vi) Il-fatt li r-rikorrenti baqghu jaccettaw il-hlas tal-kera li kienet thallas l-intimata Zammit sa madwar tlieta jew erbgha snin ilu, u allura ghal aktar minn 30 sena wara li kien ghalaq ic-cens u saret il-konverzjoni tat-titolu ghal kera *ope legis.*

vii) Iz-zmien kollu li r-rikorrenti baqghu passivi bla ma jiehdu azzjoni. Ma tressqet ebda prova illi r-rikorrenti vvantaw xi dritt fil-konfront tal-intimata Zammit u l-proceduri tallum kienu l-ewwel pass illi qatt hadu fil-konfront tal-inkwilina Zammit. Hadu 35 sena biex intavolaw dan il-procediment tenut kont illi c-cens temporanju originali ghalaq fl-1983 u l-kawza kienet prezentata fl-2018 ;

viii) L-inerzja tal-Istat illi nonostante l-ghadd notevoli ta` decizjonijiet li tat il-Qorti Kostituzzjonali u l-ECtHR f`istanzi li jqorrbu din tal-lum baqa` passiv ghal snin shah qabel ipprova jsib, b`legislazzjoni ad hoc, isib tarf tal-kwistjoni.

ix) Fl-1966 meta sar il-kuntratt tac-cens originali, l-aventi causa tar-rikorrenti ma setax kien jaf li fl-1979 kienet ser tghaddi ligi li ddghajjef il-jeddijiet tieghu bhala sid tal-fond de quo.

x) Il-fatt illi l-fond de quo hija l-unika residenza tal-intimata Zammit, u li din jista' ghandha limitazzjonijiet finanzjarji, mhumiex kriterji li ghandhom piz fuq id-determinazzjoni tal-quantum.

xi) Il-fatt illi r-rikorrenti kienu kostretti jirrikorru ghall-proceduri tallum konsegwenza tal-incertezza legislattiva prevalenti fid-data tal-prezentata tar-rikors odjern. Il-Qorti mhijiex se tqieghed dan il-fattur fuq quddiem tal-konsiderazzjonijiet ghaliex l-emendi ghall-Art 12 tal-Kap 158 li dahlu fis-sehh wara l-prezentata tar-rikors odjern joffru rimedju li - anke jekk l-effikacja tieghu – ghad trid tkun meqjusa u misurata mill-qrati taghna – jibqa` l-fatt illi l-legislatur pogga a dispozizzjoni tas-sid rimedju kemm dwar awment fil-quantum tal-kera kif ukoll dwar ir-ripriza tal-pussess battal tal-fond in kwistjoni. Humiex bizzejjed biex jilhqu l-milja tal-proporzjonalita` tad-drittijiet u l-interessi tal-*stakeholders* wiehed ghad irid jara.

Fil-kaz tal-lum, irrizulta mill-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku illi l-fond de qua ghandu valur lokatizju bil-qabda izjed mill-kera li kienet qeghda thallas Zammit. L-izbilanc u l-isproporzjon kontra r-rikorrenti huwa minhabba dubju.

Ghall-fini ta’ kalkolu ta’ kumpens il-Qorti ma tqisx li l-benefikati li saru mill-intimata Zammit ghandhom jinghataw konsiderazzjoni peress illi jekk saru meta kien fis-sehh ic-cens dawk il-benefikati kienu a kariku taghhom bhala censwalisti anke jekk temporanji, u jekk saru meta t-titolu kien diga` gie konvertit ghal kera, kien messhom ikkunsidraw li ma kienux sejrin ikunu rifuzi tal-ispejjez inkorsi.

Dwar il-quantum, il-Qorti tishaq illi ma kienx uniformita` ghaliex il-qrati taghna kienu kawti sabiex iqisu kull kaz fuq il-fattispeci partikolari tieghu. Fl-istess waqt zammet bhala gwida ghall-fini ta` quantum numru ta` decizjonijiet li tat il-Qorti Kostituzzjonali matul dawn l-ahhar sentejn fosthom : **Maria Ludgarda sive Mary Borg et vs Rosario Mifsud et** deciza fid-29 ta` April 2016 ; **Raymond Cassar Torregiani et vs Avukat Generali et** deciza fid-29 ta` April 2016 ; **Vincent Curmi noe vs Avukat Generali et** deciza fl-24 ta` Gunju 2016 ; **Rose Borg vs Avukat Generali et** deciza fil-11 ta` Lulju 2016 ; **Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et** deciza fl-24 ta` Gunju 2016 ; **Maria Stella sive Estelle Azzopardi et vs Avukat Generali** deciza fid-29 ta` Settembru 2016 ; **Jesmond Portelli et vs Avukat Generali et** deciza fil-25 ta` Novembru 2016 ; **Catherine Cauchi et vs Avukat Generali et** deciza fis-26 ta` Jannar 2018 ; **Thomas Cauchi et vs Avukat Generali**

**et** deciza fit-2 ta` Marzu 2018 ; is-sittax (16) –il kawza fl-ismijiet **Josephine Azzopardi et vs L-Onor Prim Ministru et** li kienu decizi kollha fil-25 ta` April 2018.

**Il-Qorti hadet kont ta` kollox, inkluz l-assjem ta` fatti u cirkostanzi tal-kaz li diga` ghamlet ampja riferenza ghalihom, id-dikjarazzjoni taghha li kien hemm vjolazzjoni, il-komportament u l-ghazliet tar-rikorrenti, il-kriterji ta` stima u l-pronunzjamenti tal-qrati.**

**Hija ta` l-fehma li favur ir-rikorrenti ghandha tigi likwidata somma globali ta` EUR 20,000 in kwantu ghal EUR 15,000 bhala danni pekunarji u in kwantu ghal EUR 5,000 bhala danni morali.**

**IX. Il-hames (5) talba**

**Din is-somma ghandha tithallas biss mill-Avukat Generali li jirrapprezenta l-Istat.**

**L-intimata Zammit m`ghandha thallas ebda kumpens lir-rikorrenti ghaliex del resto din ottemprat ruhha mal-ligijiet vigenti. M`ghamlet xejn biex tmur kontra dik il-ligi.**

**Ghalhekk l-eccezzjonijiet taghha relattivi qeghdin ikunu milqugha.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Avukat Generali, hlief ghar-raba` (4) eccezzjoni li qeghda tkun milqugha.**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata Spiridiona Zammit kif dedotti fir-risposta ulterjuri taghha.**

**Tichad l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjonijiet kif dedotti fir-risposta li pprezentat l-intimata Spiridiona Zammit wara li kienet notifikata bir-rikors promotur.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimata Spiridiona Zammit kif dedotta fl-istess risposta.**

**Tichad l-ewwel (1) talba.**

**Tipprovdi dwar it-tieni (2) talba billi, filwaqt illi tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti garrbu vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghall-propjeta` ta` l-fond 223, Madonna ta` Pinu, F. S. Caruana Street (gia Anglu Mallia Junction) Birkirkara, kif imhares bl-Ewwel (1) Artikolu tal-Ewwel (1) Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, tiddikjara illi r-rikorrenti ma garrbu l-ebda vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghall-propjeta`, kif imhares bl-Art 37 ta` l-Kostituzzjoni ta` Malta.**

**Tkompli tipprovdi dwar it-tieni (2) talba billi filwaqt li tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ghandhom jedd ghal rimedju xieraq ghall-vjolazzjoni subita, dan ir-rimedju m`ghandux ikun l-izgumbrament tal-intimata Spiridiona Zammit mill-fond fuq riferit. Ghalhekk mhijiex sejra tordna l-izgumbrament tal-istess intimata mill-fond fuq riferit.**

**Tkompli tipprovdi dwar it-tieni (2) talba billi tiddikjara u tiddeciedi wkoll illi l-intimata Spiridiona Zammit ma tistax tistrieh izjed fuq id-dispozizzjonijiet tal-Art. 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex tibqa` tokkupa u toqghod fil-fond fuq riferit.**

**Riferibbilment ghat-tielet (3) talba, tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat Avukat Generali wahdu huwa responsabbli sabiex ihallas**

**kumpens lir-rikorrenti ghall-vjolazzjoni tal-jedd fondamentali taghhom kif fuq inghad.**

**Riferibbilment ghar-raba` (4) talba, tillikwida favur ir-rikorrenti s-somma globali ta` ghoxrin elf Ewro (EUR 20,000) in kwantu ghal hmistax-il elef Ewro (EUR 15,000) bhala danni pekunjarji, u in kwantu ghal hamest elef Ewro (EUR 5,000) bhala danni morali ghall-vjolazzjoni subita tad-dritt taghhom ghall-propjeta` kif imhares bl-Ewwel (1) Artikolu tal-Ewwel (1) Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.**

**Riferibbilment ghall-hames (5) talba, tordna lill-intimat Avukat Generali sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma hekk kif fuq likwidata.**

**Tordna li l-ispejjez ta` din il-kawza jithallsu kif gej :-**

**i) L-intimata Spiridiona Zammit ghandha thallas l-ispejjez relatati mal-eccezzjonijiet taghha li kienu michuda.**

**ii) Ir-rikorrenti ghandhom ihallsu l-ispejjez tal-intimata Spiridiona Zammit illi kienu milqugha.**

**iii) L-ispejjez kollha l-ohra ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mir-rikorrenti u in kwantu ghal nofs mill-intimat Avukat Generali.**

**Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex kif appena din is-sentenza tghaddi in gudikat jibghat kopja taghha lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati kif irid l-Art 242 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**